# il-malti

RIVISTA TA' L-AKKADEMJA TAL-MALTI



ħarġa LXXVI 2005

# Il-Malti

Rivista ta' L-Akkademja tal-Malti

ĦARĠA LETTERARJA

LXXVI
2005

Pubblikazzjoni
L-Akkademja tal-Malti
**klabb kotba maltin**

**Il-Bord Editorjali**

*Editur*: Bernard Micallef
*Membri*: Joseph P. Borg
Oreste Calleja
Adrian Grima

Pubblikazzjoni ta' L-Akkademja tal-Malti
© 2005 L-Akkademja tal-Malti

Produzzjoni: Klabb Kotba Maltin

ISBN 99932-7-053-9

# Werrej

Editorjal ........................................................................................ 1

**POEŻIJI**

Hajki
*Josette Attard* ........................................................................................ 9

Din l-Għanja Tiegħi
*Rena Balzan* ........................................................................................ 10

Fl-Irdum fejn Jidwi
*Charles Bezzina* ........................................................................................ 11

Naqa' Biss
*Ġorġ Borg* ........................................................................................ 12

gambrinu, 7.45 a.m.
*Norbert Bugeja* ........................................................................................ 13

Għadam
*Joseph Buttigieg* ........................................................................................ 14

Tħarisx Biss fil-Wiċċ
*John Caruana* ........................................................................................ 15

Petra
*Priscilla Cassar* ........................................................................................ 17

Mhux Iżjed Dan il-Pajjiż Tiegħi
*Victor Fenech* ........................................................................................ 19

Twieqi Magħluqa
*Maria Grech Ganado* ........................................................................................ 20

Joseph Quddiem ir-Ritratt ta' Sieħbu Jitfarrak
*Adrian Grima* ........................................................................................ 21

ta' l-ilma l-fruntieri tiegħek
*Simone Inguanez* ........................................................................................ 23

Għall-Kaċċa tal-Grejtwajt (għal Daniel Leuwers)
*Daniel Massa* ........................................................................................ 24

Ftit Weraq mis-Slovenja
*Immanuel Mifsud* ........ 28
Dak Li Kien
*Achille Mizzi* ........ 30
Wassalni
*Anna Pullicino* ........ 31
Tamiet Fiergħa
*Patrick Sammut* ........ 32
Fost l-Isbaħ Jiem (għal Victoria)
*Lillian Sciberras* ........ 33
Kelma
*Marcel Zammit Marmarà* ........ 35
Lill-Imdina Żagħżugħa
*Joe Zammit Tabona* ........ 36

**NOVELLI**
Sodda ta' l-Ilma
*Clare Azzopardi* ........ 41
Kurċifiss
*Paul P. Borg* ........ 49
Mera Mkissra
*Lina Brockdorff* ........ 61
No(ra)vella
*Joe Friggieri* ........ 65
L-Abbati
*Henry Holland* ........ 67
L-Eħrex Ġurnata tal-Gwerra
*Maurice Mifsud Bonnici* ........ 73
Marija
*Lino Spiteri* ........ 77
Ikla
*Trevor Żahra* ........ 83

**TRADUZZJONIJIET**
Il-Mara Midinba (Albert Camus)
*Toni Aquilina* ........ 91
Silta mill-*Antigone* (Sofokle)
*Victor Xuereb* ........ 109

# L-Editorjal

Bernard Micallef

F' din il-ħarġa tar-rivista *Il-Malti* qed jidhru x-xogħlijiet letterarji ta' tletin kittieb. Il-varjetà fl-effetti estetiċi tagħhom tikkorrispondi, xi ftit jew wisq, mal-varjetà ta' ġeneri letterarji mħaddma: mill-ħajku sal-poeproża fil-poeżija, mir-rakkont fittizju sa l-awtobijografija fil-proża, u mid-drama Griega san-novella moderna fit-traduzzjonijiet. Kull wieħed minn dawn il-ġeneri letterarji joffri kundizzjonijiet ta' qari marbutin mal-mudell ġeneriku tiegħu, u jeħtieġ eżekuzzjoni artistika li l-qarrej ma jistax iwettaq f'forom letterarji oħra. B'dan il-mod, il-qarrej ikun qed jattiva l-*modus operandi* partikulari ta' kull xogħol, u fil-proċess isir kompliċi fit-twettiq ta' strateġiji differenti ta' qari.

Dawn l-istrateġiji oriġinaw minn storja twila ta' l-arti verbali. L-istorja tal-letteratura tat ġieħ lil għadd kbir ta' prattiki inferenzjali (bħall-parabbola, l-arketip, u l-allużjoni) li saru metodi validi u indispensabbli ta' ħsieb fl-istudji umanistiċi, minkejja li fix-xjenzi baqgħu jitqiesu illeġittimi. L-intellett Malti se jitlef ħafna jekk ma jikkultivax dawn il-prattiki letterarji fil-kultura tiegħu, biex bihom jistabbilixxi fi lsienu d-dinja parabbolika, mitoloġika, u lirika li tmur magħhom. Meta tagħraf lilha nnifisha bħala parti minn dan il-proċess evoluttiv ta' binjiet simboliċi u arketipali, il-letteratura Maltija għandha tagħraf ukoll li l-istess proċess ma jiqafx ma' perjodu wieħed. L-istorja tal-letteratura ma teħilx f'perspettiva unika bħall-ispontanjetà tas-sentiment fir-romantiċiżmu, jew f'tendenza artistika waħda bħad-defamiljarizzazzjoni modernista. Illum, parti inaljenabbli mill-istorja tal-letteratura hija d-dinja postmoderna, li poġġiet

id-diskorsi dominanti tal-passat taħt skrutinju akbar, u li lesta tħott anki l-medju lingwistiku biex tiżvela l-isterjotipi foloz mibnijin fih. Il-qarrej ta' din il-ħarġa ta' *Il-Malti* jista' josserva sa fejn il-panorama tal-letteratura Maltija tinkludi kemm għarfien letterarju tradizzjonali, li jibqa' s-sors ewlieni ta' kull devjazzjoni li ġiet wara, kif ukoll proċeduri postmoderni bħall-intertestwalità u d-dijaloġiżmu, li xeħtu dawl ġdid fuq il-konvenzjonijiet letterarji.

Ingħażel xogħol wieħed biss tal-kittieba li qed jidhru f'din il-ħarġa, għad li wħud mill-poeti – ngħidu aħna Victor Fenech, Maria Grech Ganado, Daniel Massa, u Achille Mizzi – jinsabu fil-qalba tat-tradizzjoni poetika tagħna, u xogħlijiet oħra tagħhom żgur li ma kinux se jinħassu żejda. L-ismijiet ta' dawn il-poeti llum saru sinonimi ma' modalitajiet letterarji stabbiliti. Biżżejjed wieħed isemmi t-taħlit konxju ta' ġeneri letterarji fil-poeproża ta' Victor Fenech, jew it-taqbida bejn il-vuċi femminili u d-diskors patrijarkali li hija karatteristika ewlenija tal-poeżija ta' Maria Grech Ganado. Biżżejjed ukoll li wieħed jirreferi għad-diżintegrazzjoni tal-fruntiera bejn oġġett u ieħor fid-dinja alluživa ta' Daniel Massa, jew għall-għaqda bejn l-oġġett modern u l-mitoloġija klassika fil-poeżija ta' Achille Mizzi. Ingħażel xogħol wieħed biss minn dawn l-idjomi poetiċi biex il-profil letterarju ta' kull poeta jidher f'kuntrast ma' panorama letterarja sħiħa li ma waqfitx tissawwar bid-dħul ta' komponenti ġodda.

L-iżviluppi poetiċi riċenti wkoll jingħarfu aħjar meta n-novità tagħhom tidher maħruġa 'l barra minn sfond letterarju sħiħ. Poeti bħal Norbert Bugeja, Priscilla Cassar, u Simone Inguanez jispikkaw fit-tradizzjoni letterarja Maltija minħabba l-mod iktar ippronunzjat li bih iħollu l-konvenzjonijiet lingwistiċi, in-normi soċjali, u l-ġerarkija ta' valuri tal-poplu Malti. Minkejja dan, kull distorzjoni artistika tagħhom fil-fatt tiddefinixxi lil xejriet oħra tat-tradizzjoni letterarja bil-Malti bħala dominanti jew ortodossa. Jekk għandna ġenerazzjoni ġdida ta' poeti li lesti jlaqqgħu bla lġiem forom grammatikali li ma jmorrux flimkien, u anki jisfumaw f'xulxin kelliema u diskorsi inkompatibbli, dawn il-ġesti postmoderni jingħarfu bħala azzjonijiet trasformattivi f'qafas letterarju stabbilit, il-qafas li fih il-poeta l-ġdid ikun sab kemm l-iskop għar-reazzjoni artistika tiegħu, kif ukoll il-lingwa magħmula minn preġudizzji passati li biha jista' jesprimi d-devjazzjoni tiegħu.

Il-validità ta' dawn l-iżviluppi letterarji fi lsienna tidher permezz tar-rikonoxximent mogħti barra minn xtutna lil traduzzjonijiet ta' xogħlijiet riċenti bil-Malti. Il-viżjonijiet kuntrastanti li Josette Attard tgħaqqad bil-ħajku, u n-nies immarġinalizzati li jippopulaw il-poeżiji ta' Adrian Grima u ta'

Immanuel Mifsud huma kwalitajiet letterarji li ġew ippremjati f'konkorsi letterarji internazzjonali. Matul l-istorja qasira tal-letteratura Maltija, dan l-għarfien internazzjonali ngħata aktar minn darba, u lil għadd ta' poeti li ġew qabel Attard, Grima, u Mifsud. Iżda l-fatt li dan l-għarfien qed ikompli jingħata lil (traduzzjonijiet ta') xogħlijiet riċenti bil-Malti juri li n-novità fi lsienna mhix qiegħda tindirizza biss lill-kuxjenza Maltija, u fil-fatt qiegħda titqies bħala suppliment artistiku b'valur globali jew profondament uman. Eżempju riċenti ta' dan ir-rikonoxximent hu t-tieni premju tad-disa' edizzjoni tal-konkors internazzjonali tal-ħajku, *Kumasakura*, li din is-sena ngħata lil Josette Attard, fil-kategorija ta' l-ilsna barranin. Avveniment bħal dan jixhed kemm il-konnotazzjonijiet letterarji ġġenerati fi lsienna qed jitqiesu bħala avvanz simboliku u inferenzjali serju, imqar meta x-xogħol jiġi tradott f'ilsna oħra.

Kull idjoma poetika li qed tidher f'din il-ħarġa ma tikbirx jew tiċkien fil-validità tagħha skond tissemmiex jew le f'dan l-editorjal. Wara kollox, l-arti verbali titkellem weħidha, u l-ogħla ġustifikazzjoni għall-eżistenza tagħha tiksibha biss waqt il-qari nnifsu, li jista' jvarja skond il-gosti individwali tal-qarrej u l-kriterji estetiċi taż-żmien. L-effetti li jibqgħu joħorġu minn kull idjoma poetika jistgħu jitqiesu periferali f'perjodu wieħed ta' qari u jsiru dominanti f'perjodu ieħor. Is-sempliċità qarrieqa tal-poeżija ta' Ġorġ Borg, il-liriċiżmu nostalġiku ta' Lillian Sciberras, l-għaqda bejn is-sentiment uman u l-oġġett ordinarju fil-versi ta' Rena Balzan: dawn l-idjomi poetiċi u oħrajn se jibqgħu jesprimu ruħhom matul proċess ta' qari ħafna itwal minn dawn il-kelmtejn.

Madanakollu, hu xieraq li dan l-editorjal jgħid kelma qasira dwar ix-xogħlijiet fin-narrattiva li qed jidhru f'din il-ħarġa, u b'mod speċjali dwar il-modalitajiet differenti ta' rappreżentazzjoni li jesponu. Anki fit-taqsima tan-narrattiva, l-għan ewlieni tar-rivista *Il-Malti* għandu qabelxejn ikun li tintwera l-firxa eżistenti ta' ġeneri letterarji bil-Malti. Ir-rakkont bil-Malti sikwit jinqeda b'mekkaniżmi narrattivi li jimitaw ir-realtà esterna (aktarx meqjusa bħala ġabra ta' ċirkustanzi soċjali u politiċi li huma lesti). Iżda drabi oħra r-rakkont bil-Malti jinqeda b'mekkaniżmi narrattivi li jittrattaw din ir-realtà esterna bħala mit, jiġifieri xejn aktar minn sistema semjotika li tibqa' suxxettibbli għal diversi modifikazzjonijiet u reviżjonijiet waqt l-interpretazzjoni tagħha. Meta tesebixxi din il-varjetà ta' modalitajiet rappreżentattivi fin-narrattiva, ir-rivista *Il-Malti* tkun qed turi t-tranżizzjoni li qiegħda sseħħ bejn metodi differenti ta' rakkuntar bi lsienna.

Fil-paġni li ġejjin, dan jidher sew permezz tad-differenza bejn ix-xejriet narrattivi magħżula: l-orjentament storiku u awtobijografiku fil-kitbiet ta' Lina

Brockdorff u ta' Maurice Mifsud Bonnici; id-determiniżmu soċjali u ambjentali fir-realiżmu ta' Lino Spiteri; il-ġemgħa ta' narraturi li bejniethom jinsġu l-aspetti reliġjużi u profani ta' l-istess ġrajja fir-rakkont ta' Paul P. Borg; id-dinja fantastika daqskemm allegorika ta' Trevor Żahra; il-konnessjonijiet sottili u serji li jibqgħu ħerġin sew wara l-ewwel qari tan-novella ta' Joe Friggieri; l-antiċipazzjonijiet foloz li l-qarrej hu mġiegħel jibni fir-rakkont suġġestiv ta' Henry Holland; u n-narratriċi li tirrifletti fuq ir-rakkuntar tagħha nnifisha fil-proża kuraġġuża ta' Clare Azzopardi.

Illum, in-narrattiva titqies bħala formattiva aktar milli imitattiva, għax tipprojetta tip ta' realtà li tinbena minn logħob bil-perspettiva u minn strutturi temporali tassew oriġinali. Hija wkoll narrattiva li biddlet in-narratur li sempliċiment jirrakkonta f'ieħor li jirrifletti fuq il-mod kif qiegħed jirrakkonta, narratur li sikwit jikxef il-limiti u d-defiċjenzi fir-rakkuntar tiegħu nnifsu. Madanakollu, dawn ix-xejriet riċenti tan-narrattiva ma setgħux iseħħu jekk mhux bħala suppliment oriġinali ma' normi diġà eżistenti tar-rakkuntar, l-aktar dawk in-normi li kienu ġew stabbiliti mill-estetika realista fl-Ewropa tas-seklu dsatax, il-perjodu li skond ħafna kritiċi ta bidu serju lir-rumanz u lin-novella. Hu siewi ħafna għan-narrattiva Maltija li r-rivista *Il-Malti* ma timxix fuq kriterji letterarji fissi u esklużivi, iżda turi kif ix-xejriet tal-proża fi lsienna qed jevolvu bejn ġenerazzjoni ta' kittieba u oħra. Jekk kull xogħol ta' proża jidher bħala komponent ta' ġrajja letterarja ikbar, kittieba oħra se jiskopru f'din l-evoluzzjoni letterarja lakuni li huma stess jistgħu jimlew bl-oriġinalità artistika tagħhom.

Eżempju tajjeb ta' din l-evoluzzjoni letterarja jagħtih Henry Holland fin-novella "L-Abbati." F'dan ir-rakkont id-diskors tan-narratur sikwit isir ħaġa waħda mal-ħsieb tal-karattru, tant li ż-żewġ ilħna ġieli jingħataw f'sekwenza bla qtugħ u jiddeformaw il-grammatika tas-sentenza. Dan l-effett, iżda, jista' jitqies ukoll bħala trasformazzjoni interessanti tan-narratur oġġettiv, distakkat, u letterarjament mirqum tal-kitba realista f'pajjiżna. Eżempju ieħor hu l-kliem Ingliż, ir-reġistru vulgari, u n-neoloġiżmi li jiffurmaw parti kbira mir-rakkont "Sodda ta' l-Ilma" ta' Clare Azzopardi. Dan il-vokabularju jirrifletti d-diskors attwali ta' poplu bilingwi, iżda jista' jitqies ukoll bħala defamiljarizzazzjoni artistika tad-diskors aktar mirqum u konxjament letterarju ta' kittieba li ġew qabel.

Din il-ħarġa ta' *Il-Malti* tinkludi wkoll żewġ traduzzjonijiet ta' xogħlijiet letterarji klassiċi: silta mill-*Antigone* ta' Sofokle maqluba għall-Malti mir-Reverendu Victor Xuereb, u "Il-Mara Midinba" ta' Albert Camus maqluba

għall-Malti minn Toni Aquilina. Fiha nnifisha, it-traduzzjoni hija opra ta' arti oħra, u ddaħħal fil-letteratura Maltija temi, arketipi, u paradimmi li saru epitomi, jew mudelli klassiċi, tal-qagħda umana. L-importanza li għandha t-traduzzjoni ta' xogħlijiet kbar fi lsienna ma teħtieġ ebda enfasi. Il-letteratura Maltija trid tikber mhux biss 'il quddiem, b'innovazzjonijiet artistiċi li jimxu ma' l-aħħar movimenti letterarji, iżda wkoll (u paradossalment) lura, lejn sfond klassiku, medjevali, jew rinaxximentali li qatt ma kellha, u li forna lil letteraturi oħra b'diversi mudelli u prototipi universali. Wieħed jista' jargumenta li l-innovazzjoni fil-letteratura Maltija hija sfida diffiċli għax in-norma, jew it-tradizzjoni, mhix eżistenti biżżejjed. B'xorti tajba, ix-xogħlijiet klassiċi ta' letteraturi oħra llum jitqiesu bħala wirt dinji, u l-karattri u s-sitwazzjonijiet arketipali tagħhom saru entitajiet semjotiċi li qasmu l-fruntieri nazzjonali u ġew assimilati f'diversi kulturi. Bl-għarfien rispettiv tagħhom tal-letteratura Griega u Franċiża, ir-Reverendu Victor Xuereb u Toni Aquilina qed jagħtu lil-letteratura Maltija kontribut tassew siewi: l-importazzjoni ta' entitajiet letterarji arketipali li f'letteraturi oħra dejjem servew bħala riżorsi alluživi u simboliċi ewlenin.

Wieħed mill-prinċipji fundamentali ta' kull kultura artistika hu li l-bniedem jirreaġixxi għall-kreazzjonijiet tiegħu stess, tant li jittrasforma l-konvenzjonijiet artistiċi f'effetti ġodda, wara li jkun ġie influwenzat minnhom. Din il-ħarġa ta' *Il-Malti* qiegħda tistieden lill-qarrej josserva safejn dan il-proċess reċiproku bejn it-tradizzjoni u l-innovazzjoni artistika qiegħed iseħħ fil-letteratura Maltija. Barra minn hekk, din il-ħarġa qiegħda tistieden ukoll lil kittieba oħra tal-Malti biex iqisu fejn, f'dan il-proċess reċiproku, għandu jidher il-kontribut tagħhom.

# POEŻIJI

# Ħajki

Josette Attard

Fil-kamra siekta,
b'rasha bejn idejha sħan,
taħseb fl-imgħoddi.

——

Bil-pinna f'ħalqhom
ħosbiena l-istudenti
jissieltu għalxejn.

——

Qliel nieżla x-xita;
l-ajru ċomb miksi bis-sħab
u l-weraq bid-dmugħ.

——

Sema miksi sħab,
minfud b'raġġ qawwi tax-xemx
li jasal sa l-art.

——

Hemm fjura rari
fix-xagħri fejn ma tidhirx
se tagħlaq għada.

# Din l-Għanja Tiegħi

Rena Balzan

Issa nista' ngħanni maħbub
l-għanja ta' mħabbti
li ilha minsuġa ma' ħajti
u moħbija f'qalbi
wara purtiera
ta' xettiċiżmu kiebi
li int ċarratt bil-qawwa
bis-skiet miftiehem ... f'ritmu
mat-taħbit ta' qalbek
u f'armonija sħiħa
mat-tmellis tiegħek.

Issa nista' ngħanni maħbub
l-għanja ta' mħabbti
magħġuna b'tama sfiqa
li l-preżent ma jisfax ħolma
illużjoni oħra
mnibbta biex ittaffi d-diqa
l-frott ta' xettiċiżmu kiebi
li forsi bla ma taf xejjint
bi mħabbtek sħiħa u siekta.

# Fl-Irdum fejn Jidwi

Charles Bezzina

Fl-irdum fejn jidwi, jingħi riħ imgħaddab,
jitkaxkru d-dellijiet tas-sħab sewdieni
u krib il-gawwi jasal qisu bikja
mit-torri solitarju fir-rovini.

Jirtira 'nkiss poeta tas-silenzju,
jiskanta f'tarf l-irdum, iħammem, jaħseb,
itenni s-salmi strambi tal-muntanji,
ifarfar dlonk mar-riħ il-versi tiegħu,
isefsef qajl mal-gawwi u jistenna
il-waqt li tfaqqa' ħesrem xi tempesta.

Burraxka kommoventi ta' poeta
fir-riħ tal-ħajja.

# Naqa' Biss

Ġorġ Borg

Nibqa' wieqaf jekk minn qalbi
jitħassruli sal-graffiti.

Naqa' biss jekk qalbi tisfa'
mingħajr ħolm u mingħajr miti.

# gambrinu, 7.45 a.m.

Norbert Bugeja

Bejn saqajn din il-belt hemm tfajla tibki,
l-inkwiet tal-bieraħ jaħsel l-uniformi,
fuq wiċċha l-ħdura tar-reġistri bojod
u d-diqa rriċiklata ġo l-uffiċċju.
Hemm ġuvni liebes daħqa u dagħwa sewda,
il-lejl bla rqad miktub fuq l-ingravata,
jiftakar f'kemm-il darba kien se jiżloq
fil-kliem inċert jitlajja mal-bankini.
Għax sewwa sema', li qatt ma ġiet f'tagħha
il-Belt tal-ħars bla wiċċ u turġien bojod.
Filgħodu tibqa' nieżla bla ma ssellem,
fl-għaxija tfittex ruħ ma' min titkellem ...

Dalgħodu għorokt għajnejja, imsaħt il-ġamm
u ftakart fik. Toffrili l-ewwel wieħed
tal-ġurnata, u t-tbissima ta' bilfors.

*Ma ħallitux l-imgħallem dal-lejl.* Bonġu.

# Għadam

Joseph Buttigieg

*Let the whiteness of bones atone to forgetfulness.*
*There is no life in them.*
(T.S. Eliot, *Ash Wednesday*)

X'inhu dal-għadam abjad
jittawwal mill-ħamrija?
Għaliex ħareġ jgħammixna
fil-ħmura ta' fl-għaxija?

Qalu li qed jissajja
għall-fewġa ta' bil-lej',
għax therra fl-art jistenna
midfun mad-dwied għalxej'.

Jaf jiġi r-riħ mistenni
b'subgħajh idomm l-għadmiet
u tqum ġgajta ta' iġsma
mill-ħofra ta' l-imwiet.

# Tħarisx Biss fil-Wiċċ

John Caruana

Maħbuba,
jekk qatt fommi jiżbroffa,
u kliemi sfrattat
ifawwar lava, …
tlumnix!

Tħarisx biss
f'wiċċi,
iżda ħares 'il ġewwa
fejn jgħammar l-ispirtu
li jmexxini,
jiggwidani
u jispirani.

Għax ġrajjitna għandha mill-baħar … .

Tibżax,
tħares biss lejh
jisbel,
juri nejbietu fix-xtajta,
iħabbat u jliegħeb mal-blat,

iqalleb ir-ramel,
jhedded
lid-dgħajjes miblugħin .... 

'Mma oħroġ 'il barra, 'il barra,
ogħdos fil-fond
u għarrex 'l isfel
fejn issib qalbu,
mansa u kwieta,
mielsa,
dħulija.

Ħallih imbagħad
iwennsek
fi triqtu lura
lejn ix-xtajta ...
issa kwieta
titħannen mad-dgħajjes
imbenna bi tmellisu.

Iva ...
ġrajjitna għandha mill-baħar.

# Petra

Priscilla Cassar

L-imperu tiegħi Nabatean,
Imwaqqaf f'dinja moderna.
Imkenni
Wara blat imewweġ
Ikanġi – *aħmar*
*isfar*
*kannella*
*griż*
Jidjieq u jinfetaħ.

Min jirnexxilu jinfed il-ħitan kbar li jostruni
Jsib teżor – *kuluri*
*żeffiena*
*kant eżotiku*
*ilsna jgħajtu ħsejjes jirbombjaw*
*turġien imdawla b'xemgħat*
*nomadi*

***jien nomada***

Hemm isib lili ġol-palazz, imnaqqax fl-għerien
Ifesfsu stejjer antiki … .

Qalbi ntiha ’l min jasal sa ġewwa
’L min lest jimxi l-vjaġġ tiegħu
Tuli — *miegħi*

Ħa jxomm l-inċens
Li ninċensa ’l min insejjaħ jien.

# Mhux Iżjed Dan il-Pajjiż Tiegħi

Victor Fenech

Mhux iżjed dan il-pajjiż tiegħi. Mhux meta l-gżira, minkejja l-wegħdiet, tgħattewlha x-xtajtiet b'lukandi mifruxa f'tarf l-isbaħ bajjiet!

L-oħla mkejjen ta' din artna nbidlu f'mostri lussużi minn għonja bla ruħ. Bħal tfajliet somor-gustużi, sidirhom ifuħ, saru ċorma prostituti (jew anki latrini). Il-ftit għelieqi-ġawhar li baqgħalna diġà qegħdin ritratti għand l-aġenti fil-vetrini.

Fuq kuxjenza moribonda ta' poplu ttradut jinstema' l-ilment kiebi ta' sireni minxura mal-ballut: sarabanda tqila-twila għat-telf t'għelieqi primi u bajjiet akkwamarini.

# Twieqi Magħluqa

Maria Grech Ganado

Ftit ftit it-twieqi qed jingħalqu kollha
u barra qed jimtela bl-akbar ħlewwa
mid-dlam u l-bard, biex meta mmiss xi ħaġa,
żgura miniex li qed nagħrafha sewwa.

Lil hemm mill-ħġieġ jinxtegħlu l-fran u l-lampi,
għal ftit il-ħajja tkompli b'did-dimensjoni
sakemm jinġibdu l-purtieri kollha
u tibda l-agunija tas-sensazzjoni.

Imma x'pjaċir tħossha tgħannqek is-sirda
u l-ksieħ ibuslek demmek ġewwa l-vini,
kemm jaf id-dlam kif inessili wiċċek,
itaffi l-uġigħ fin ta' kif tħallini … .

Dejjem għandek xi xahar jew tnejn sakemm idderri,
tinqafel barra, titqabad ma' qalbek sħuna
sakemm iġġegħelha tgħix bla ferħ jew niket
siekta daqs ċappa silġ, iebsa maduma.

# Joseph Quddiem ir-Ritratt ta' Sieħbu Jitfarrak*

Adrian Grima

Jitlaqlaq fil-konsonanti ż-żgħar, Joseph,
fil-vojt marsus bejniethom jidwi f'rasu.
U jistħi mill-ħsejjes li jlissen, jgħidli,
qishom platti jċekċku f'daqqa f'lejl ħati.

Quddiem ir-ritratt ta' sieħbu ma' l-art.
Bit-trab tal-*boots* jagħfas fuq għonqu milwi.
Bil-ħdura nieżla qisha lenbuba fferoċjata.
B'idejh mitluqin fuq quddiem u b'wiċċu
ġoż-żrar u ħalqu ġot-trab bla ma jtiegħmu.

*Ifqagħlu ġo rasu 'l dak l-iswed.*
*Hemm il-brigadier għassa.*

Għandu l-kustilji ssussati ġo sidru
u *boots* ieħor ġo dahru qed jgħawwar
ġol-ħjut ta' ġismu.
Jisma' ġo l-għajta ġo l-oħra ġo rasu
sakemm il-lenbuba tinstabat ġo għadmu
maqtugħ

Jien kif se nerġa' mmidd il-kliem hemm ġew,
jgħidli.
Bla ma jirbombja?
Kif se nħassar ismi minn dar-reġistru
Malti
mingħajr ma jkun tard u ftit wisq?
Jien kelli nindarab ma' l-art did-darba,
jgħidli. Għal kull darba li ma ndrabtx.
Għal kull ritratt li ma stajtx u ma rajtx.

Tistordi mbikkma bejn il-konsonanti
l-lenbuba issa, tistenna r-ritratti
żviluppati, bħal iġsma skuntrati.

Joseph jeħel f'sekwenza wara l-oħra
ta' konsonanti u ritratti u vokali,
fil-vojt marsus u mlaqlaq ta' bejniethom.
U jgħidli li għada kważi jum bħall-oħrajn,
u kmieni.

*Fit-13.1.05 suldati mit-Taqsima Kontra l-Irvellijiet waqqfu protesta paċifika minn madwar 80 immigrant fiċ-ċentru ta' detenzjoni ta' Ħal Safi. *The Times* u mezzi oħra tax-xandir ippubblikaw ritratti ta' dak li seħħ. 27 immigrant u 2 suldati spiċċaw l-isptar.

# ta' l-ilma l-fruntieri tiegħek

Simone Inguanez

għalik *għax il-fruntieri tiegħek*
*ta' l-ilma*

ta' l-ilma l-fruntieri tiegħek
u ħallejtni ngħum – għarwiena fihom
ta' l-ilma żejt daqqiet jitmewweġ
inkun qdift jew ħaduni l-kurrenti ma nafx
jew ġbidtni int lejn il-qiegħ bla ħallejtni mmissu
jew missejt ħafif u xtaqt nibqa'
niftakar biss il-biża' f'għajnejk *ara tegħreq*

ta' l-ilma l-fruntieri tiegħek
u jien nixrob minnhom bla naqta'
jista' jkun sqejtni int
jista' jkun ma flaħniex id-distanza

# Għall-Kaċċa tal-Grejtwajt

(għal Daniel Leuwers)

Daniel Massa

*"Fuq il-gżejjer, kilna s-soppa bil-ġewnaħ tal-kelb il-baħar, u fuq xedqu d-dilettanti naqxu oġġetti mitiċi ta' biża', ġmiel u seħer."*

Mal-quddiesa ta' nofs in-nhar
ix-xemx tinkina inkwina fuq rasna
midlukin daqs Sawlbinkixx
tliet Maltin somor u bjond Franċiż
tlaqna fuq *speedboat* spjetata
qalulna mix-xatt lemħu bestja ġmiel ta' grejtwajt
u aħna tlaqna ninbxu denb il-kelb il-baħar

"emmnuha din emmnuha f'dawn l-inħawi qrib iċ-ċattri
ġewwa xibka ta' l-azzar
qabdu l-ikbar grejtwajt fid-dinja
ħa ngħidilkom f'dat-trijanglu jbejtu l-grejtwajt
tiftakruh 'il Smedley ... tletin ... tlieta ħamsa u tletin sena ilu?
belgħu kelb il-baħar ...
mal-grejtwajt ma tilgħabx *dominoes*
*draughts* u ħa ngħidlek lanqas trija
miss ħarir mal-Malti ismar u mar ħataf l-Ingliż bjond"

"l-aħwa isimgħu din
is-sajjieda jgħidu l-ewwel jimmarkawk il-fanfri
mbagħad demmek maħt u kirxtek naqal
waslet sigħetek
taqbeż mola x-xafra msinna tal-grejtwajt
sitt saffi snien taħt żaqqu xfafar
f'ferneżija ta' ħneżrija jżarrtulek imsarnek
iżda l-ewwel jidhru l-fanfri
nofs mil bogħod
kilometru bogħod jimmarkawk vittma"

aqtgħu din: fil-baxx jew fil-fond
bejn bjonda Franċiża bin-nemex u Maltija samra tixxemmex
grejtwajt raġel 'il min jagħżel?
tgħidlix issa għidli wara liema mara
imbagħad nostrok biex tostorni
sakemm tiġi l-mewt tiġborni

taħseb int il-mara s-samra
magħha taħseb mar jinnamra?
f'baħar bnazzi
fuq l-iskoll taħt baga ħamra f'baħar bnazzi
seb' għajnejn ħarpun għal-lest l-ismar jogħdos
sħabu b'foxxna jniffdu ċ-ċeren nisa u jillenzaw iċ-ċippullazzi
u meta jitilgħu għall-arja
il-bjonda Kassandra tixxemmex fid-dgħajsa ttenni r-rakkont
ta' l-għaddas sorpriż
lemaħ il-ġewnaħ iswed tal-grejtwajt
u faga f'demmu f'kontraritmi
ma' stilla tal-baħar
"skond barklor fuq kajjikk iswed l-ikbar grejtwajt
speċi *charcaradon charcarias*
qabduh l-Awstralja mhux Malta
u erħina xillanġli qed tgħid?
jalla jalla 'kk mhux qrib Brisbane
kien jiżen elf u mitejn taf x'int tgħid elf u mitejn kilo?
daqqa b'denbu u jgħollina sal-kappella l' hemm fuq Filfla
kruċiformi mifruxin demm u ilma għas-sagrifiċċju"

*charcaradon charcarias!*
mniex illanġli qiegħed tisthi? m'ilekx bosta ma titrejjaq?
tiggustahom żewġ koxox bojod?
jew tqaddist tridha tad-dejjaq?

"Ar' kemm tgħidu wikkilin il-klieb il-baħar
grejtwajt raġel jaf isum ħmistax u xahar
fl-istaġun ta' l-ikkupplar u tan-namur
idum isum
daqs eremita San Ġirolmu għadma w ġilda sawm fil-bur
u dak kif illalla qalgħuh minn San Ġwann?"

qed nitqalla', sa ddum sejjer b'dawn l-istejjer?
konna ħriġna tliet snin ilu
tliet snin ilu konna ħriġna sema u ilma bejn il-gżejjer
ħriġna u qridna wieħed sajjem bħal bebbux f'Awwissu –
ħalli ngħidlek ar' x'int tiekol! – laħmu mixwi togħmtu baqta
ġewnħu soppa tal-beati imma issa
fejn il-qaħba mort tinħeba ħabib tagħna?
qed nistidnuk: ejja kul platt kirxa magħna!

u isma' din isimgħu din
dik tal-vittma illi l-fanfri jimmarkawlek sagrifiċċju
mhix ħlief ħrafa temmnuhiex
qalulkom gidba lkoll kemm aħna demm u ilma
dik biss mit jinbex ritwal – ismagħha l-ħalfa
fanfri lmaħna u għadna nilmħu
ħut gerrixna u għadna ngerrxu
bil-ħarpun stirat f'idejna tant għarrixna li twerriċna
midlukin daqs sawlbinkixx inbixnieh anki b'kirxitna
forsi nilmħu d-dentatura ta' dal-qaħba kbir grejtwajt

ridna b'darstek fuq nejbietek nonqxu mit
u fuq ħniekek niktbu saga f'wiċċ il-kbir Mediterran
f'dil-benniena tal-kultura t'ulied Pawlu
xedqek jisboq l-ixdqa kollha … iżda f'firxa mili kwadri
qrib is-sikka tas-sirran qrib iċ-ċattri ta' l-azzar

il-grejtwajt baqa' ma deherx ...
ħabib tagħna
veru ma ridtx tilgħab magħna u la ħarba u anqas trija
bix-xemx tagħfas qisha inkwina bqajt tinkina
Tgħid begħditek l-ironija
jew inkella ta' daw' l-erba' magħżulin m'apprezzajtx id-dentistrija ?

# Ftit Weraq mis-Slovenja

Immanuel Mifsud

*Versi minn Hrvatski Trg, Ljubljana*

Dalgħodu Nina qaltli: *nikteb ħolma*
*kull lejla fuq il-paġni tal-ktieb tiegħi;*
*niktibha kull kulur u b'ħafna forom.*

Issa, li qabeż nofsinhar, bilqiegħda
fuq bank griż f'din il-pjazzetta,
Nina tiċċassa lejn il-weraq sieket
biex forsi llejla tikteb ħolma oħra
u tkompli hekk sakemm il-ktieb jimtlielha.

*Fl-Istazzjon tat-Tren ta' Ljubljana*

Jongħos l-istazzjon fid-dlam, filgħaxija.
Inpejjep sigarett maġenb id-daħla.
Inħares lejn l-uċuħ li bilkemm jidhru
jittawlu lejn l-uċuħ nofshom mgħottija
mnejn jixref misterjuż id-dawl ta' ħarsthom.

Tren ieħor ġej u ieħor dalwaqt sejjer.

U nintebaħ li llejla l-qamar kwinta.

*Medana fiż-Żerniq*

Warajk, ħanini, tielgħa xemx sabiħa,
u xagħrek jitwal ma' kull siegħa ġdida,
ma' kull buffura riħ li titla' mgħaġġla
l-għoljiet mimlija għeneb se jixpakka.
Ridt naħtfu daż-żerniq, nibdlu f'rikordju
ħa nġorru dejjem miegħi kulfejn nersaq.
Għax ġieli dak li tara ma jkunx minnu.

Ix-xita nieżla qliel u s-sema mdallam.

*Medana bil-Lejl*

Qagħad jistenna leħen jikser is-sikta.
Qagħad jikkontempla d-dlam li nfirex f'daqqa.
Ipprova jgħodd il-passi qalb id-dwieli
u jifhem il-messaġġi ta' elf grillu.
Fuq rasu ddendel qamar kbir u abjad.

Stenna 'l min ikellmu. Ma kien hemm ħadd.

# Dak Li Kien

Achille Mizzi

Mur ġibek
ja Ommi ... !
għad-dell tal-kannizzata
mnejn il-ħdura tissaffa ... mur ġibek
fuq il-banju taż-żingu
bil-bżiebeż iperpru
tissapna, waqt li tgħanni,
u togħrok il-ħwejjeġ.

U l-bżieżaq itiru mar-riħ ...
ma' ħaddejk
jinfaqgħu żagħżugħa
il-bżieżaq milwiena ... .

U l-gardell b'munqaru kkargat
qannebusa jnaqqar
waqt li jfesdaq il-għanja
li jien biss smajtha ...
ta' dak li darba kien
u m'għadux.

# Wassalni

Anna Pullicino

Wassalni sa skietek
Lil hinn minn beżgħatek
Fejn mnejn ġejt u fejn sejjer
Imissu 'l xulxin.

Daħħalni fi skietek,
Ħallini fi kwietek,
Fil-ġenna ta' qalbek,
Kenn ħelu u ħanin.

Bandalni fi skietek
Ħa norqod f'idejk,
Ħalli tmur fejn tmur
Inkun dejjem ħdejk.

Ħa nimxi fi skietek
Kollu dawl u lwien
Ħalli tgħaddi fi skieti
U nibqgħu flimkien.

# Tamiet Fiergħa

Patrick Sammut

Nilludi ruħi u ngħid lili nnifsi
li int sifirt għal btala twila
li trid terġa' tiġi lura …
imma naf li dan mhux minnu.
Inpassi l-ispazji li sa ftit jiem ilu
inti kont tpassi
u llum ma nilmaħ
xejn
ħlief vojt u dellijiet fiergħa …
uġigħ ta' ras matul il-jiem mgħobbija
bix-xogħol nessej
uġigħ ta' qalb matul il-misħuta ljieli
fejn mistrieħ m'hemmx
u par għajnejn mikluba jfittxu
l-għelm tiegħek
bla ebda suċċess …
Inti assenti anki fil-ħolm tiegħi!

# Fost l-Isbaħ Jiem

(għal Victoria)

Lillian Sciberras

Il-lejla dehru minn quddiemi
fost l-isbaħ jiem ta' ħajti
li ġew bla mistennija
mill-irkejjen tas-snin mgħoddija.

Għalqa qamħ dehbi
jasalli sa widnejja, u ħdejja
miexi missieri b'idu f'idejja,
u ħdejja, ma' kullimkien, peprin.

Kmieni filgħodu, għadu ma sebaħx sewwa,
ħuti jrodduli lura l-pupa
taċ-ċarruta li ħsibt mitlufa,
b'wiċċha issa meħlus mit-tbajja',
miżbugħ b'kuluri ħajja.

Inċafċaf mal-mewġiet
fil-baħar sajfi tal-Qaliet
u ommi tistennieni fuq il-blat
maġenbha, għal-lest, ix-xugaman,
u ħdejh, għal-lest, qoffa ħobż bit-tadam.

Nilagħbu fuq iċ-ċint li jaqsam
il-bitħa tagħna mill-oħra tal-ġirien.
Warajna għelieqi ħielsa u siġar tal-ħarrub.
Taħtna fwejjaħ ta' tisjir u ħwejjeġ minxurin,
fuq rasna sema kaħlanija bi sħaba mdendla waħdanija.

Miġburin fis-skiet ta' nofs il-lejl
niġġieldu n-ngħas, ngħidu l-istejjer
fil-gallarija ta' l-injam, niċċassaw
lejn fejn dalwaqt jasal mix-xogħol missierna.

Mixja twila fil-kampanja ta' Wied Għomor.
Ranċis ma' kullimkien u fwieħa ta' l-għelieqi,
u sadattant, id-dar, titlesta l-ikla ta' filgħaxija,
u l-frieħ il-ġodda jitgeddsu fil-kaxxa mal-qattusa,
u fil-bitħa salt vażetti —
il-kollezzjoni tiegħi ta' l-insetti.

# Kelma

Marcel Zammit Marmarà

Kont tliftek u bżajt,
fittixtek u rġajt
ġejt lura minn rajk.

Int,
li miegħek tħabbibt,
li miegħek stqarrejt
li mkien fl-univers
ma nafdak ħlief ma' vers.

Mulej,
dil-kelma tiċħadlix.

# Lill-Imdina Żagħżugħa

Joe Zammit Tabona

Nistħajjel rajtek fiż-żerniq ta' żmienek
F'baħar imqareb tinbet f'għolja sbejħa,
Tixxabbat għas-smewwiet, ħalel joħonqu,
Maħtura mill-allat għal kobor ġensek;
U tkattar art madwarek kollha dija
Tilbes is-sura u ż-żina bi kburija.

U rajtek waqt, għelieqi kollha ħdura
Ħamrija għammiela mas-sejjieħ mistrieħa,
Jiemek fis-safa, imfewħa min-Natura
Ruħek fuqana, u fis-sliem ferrieħa;
Ċkunitek xejn ħlief sies ta' ħajtek sħiħa;
Bejta kennija, it-tokk ta' art xemxija,
Imsejħa sabiex tibqa' kif kont dari,
Iż-żmien wieqaf għalik sal-jum aħħari.

Twelidt biex tkun rebbieħa, Belt sabiħa,
U żammejt lewnek skond l-amar tas-Sema!
U kif in-naħla għal ġol-warda tiġbed,
Għall-ħlewwa mdiehba taħt l-ilwien ta' ġmielha,
Hekk il-ħolqien inġibed lejn kburitek;

Ġiet nies mill-bogħod u ġie min kien qaribek,
U qatgħu jaqsmu miegħek rebħ qlubitek;

U libbsuk ħnejja, libbsuk swar żonqrija
Bnewlek imqades, ħawlu palm u żina,
Raw kmieni l-kobor tiegħek, f'dawl dejjiemi
Mafkar tas-Sewwa fil-frugħa ta' l-għaddieni;
U ħalfu li b'kull ġid għad tkun mogħnija
Għarusa tal-ħelsien, tal-ġmiel sultana;
Hekk rawk daħkana fuq ix-xewk tal-ħajja
Hekk bla mittiefsa, hekk kif tidwi l-ġrajja,
F'siegħa qalila qalbek qatt għajjiena,
U fil-ħemda tas-skiet qalbek lubiena,
Tgħanni l-għanja taż-żmien, b'ilħna waħdiena.

Ja Belt żagħżugħa bint il-qedem tagħna!
Sejjaħ lill-bieraħ biex mill-ġdid idawwal
Il-jiem imżewqa taż-żgħożija tiegħek;
Biex b'idek f'idi, u b'qalb waħda miegħek,
Nagħraf il-Ġenna tas-sigħat bikrija
Li wennsu 'l triqtek bi twemmin rebbieħi;
Ġammar ġo fija nar il-poeżija
Bl-ogħna xrara tal-qedem, dik minsija
Biex ngħanni l-ilħna tiegħek, l-ewlenija;
Ngħanni dan ħsiebi u mal-gżira nxerrdu
Ħa jnebbaħ lil kull ruħ bid-dawl u d-dija,
U jidwi dejjem sħiħ fir-ruħ Maltija!

# NOVELLI

# Sodda ta' l-Ilma

Clare Azzopardi

1

WENZ.

Hekk kienet tgħajjatlu. La papà u lanqas *daddy*. Imma Wenz.

L-iktar l-iktar Wenz-u.

In-nisa kollha dejjem sejħulu Lawrence jew Lawrenceqalbi, Ruħilawrence, Dudulawrence jew Lawrencesabiħ ... sakemm indunaw x'kien isarraf, imbagħad *addio* nomi eċċitanti ... pupellu, ċiċċinu, bamboċċu, sarvettu, gandofflu, żgadajżu ... .

Wenzu kien jibdel in-nisa daqs kemm kien jibdel qliezet ta' taħt. U hi taħsel. Daqshekk kien jistmaha, daqs qalziet ta' taħt maħmuġ. Sa ma miet. Imbagħad irmiet kull ħaġa li kienet tappartjeni lilu. Fil-fatt, mhux li tant iddispjaċiha meta miet missierha. U ma ħallietx demgħa waħda tnaddaflu 'l ħwejġu. Imma din l-istorja mhix l-istorja ta' Wenzu. Jekk qed taħseb li għax bdejt l-istorja fuq Wenzu se nkompliha fuqu jew fuq in-nisa li kellu qed jarralek.

Din l-istorja ta' Laura.

Din l-istorja fuq Laura.

Dak li se taqra huwa veru.

Twieldet bħal-lum tlieta u tletin sena, fit-tnax ta' Diċembru, f'nofsinhar, l-Isptar San Luqa. Damet tgħix weħedha ġo flett f'San Ġiljan tlettax-il sena sa ma ... .

ġejna bis-sodda ta' l-ilma
imma int ma ftaħtilniex
niġu għada għall-ħabta tad-disgħa
tas-sodod ta' l-ilma

Bħal-lum tliet xhur. Eżatt bħal-lum tliet xhur. Kien is-Sibt u kienu xi l-għaxra meta qamet. Kienet għadha 'qas messet saqajha ma' l-art li ma taritx għal fuq il-miżien, b'għajnejha qamar felli ħa tara kinitx naqset.

Żero.

Niżlet u reġgħet telgħet. Resqet lura u 'l quddiem. Ma nafx sewwasew liema moviment għamlet b'ġisimha dak il-ħin. Kienet għadha rieqda. Però, żero baqa'. Il-vleġġa baqgħet timmarka żero. Lura, 'il quddiem, 'il quddiem, lura u lura u 'l quddiem ... .

U żero.

L-ebda moviment min-naħa tal-miżien. U suppost kien ta' l-aqwa ditta! Żero.

Il-miżien baqa' ma ċċaqlaqx. Baxxiet rasha biex tħares lejn il-vleġġa iktar mill-qrib u kif waslet sa ftit 'l isfel minn irkobbtejha, ġisimha dar kutrumbajsa.

Kutrumbajsa?

Bla ma qabbditu hi.

Reġgħet niżlet rasha 'l isfel (din id-darba rnexxielha tinżel sa subgħajha ta' saqajha) u indunat li ma kinitx qed tmiss l-art.

Xiex!?

Saqajha u ġisimha ta' fuq saqajha ma kinux qed jistrieħu fuq il-madum tal-kamra tas-sodda tagħha!? Ara jekk qattx jista' jkun!

Twerżiqa li ġenġlet blokka antika ta' fletts u mxiet sas-sodda. Anzi qabżet sas-sodda. Le lanqas qabżet. Taret? Sas-sodda. Ippruvat timtedd imma s-sodda ma setgħetx tmissha. Baqgħet ftit 'il fuq mis-sodda. Ġisimha kien donnu qed imiss mal-friex imma fl-istess ħin ma kienx. Minflok kien ftit 'il fuq u meta mejlet rasha lejn il-lemin u ħarset fil-mera rat li l-gvieret ma kinux imissu mas-sodda imma kienu ftit 'il fuq mis-sodda u s-sodda ma kinitx tmiss ma' l-art imma kienet ftit 'il fuq mill-art u l-art ma kinitx tmiss ma' ... l-art, ma nafx. Nassumi li l-blokka tal-fletts ma kinitx qed tmiss mat-tarmak tat-triq u t-triq ma kinitx qed tmiss mal-blat u l-blat ma' l-ilma u ... boqq! Ma ħarsitx 'il barra mit-tieqa għax ma kienx jinteressaha jekk dak li fil-mument kien qed

iseħħ f'kamritha, kienx qed iseħħ barra minn kamritha wkoll.

Għal ħafna minuti — bilqiegħda fuq is-sodda — bla ma sserraħ — mas-sodda — kemm kemm 'il fuq mis-sodda — saqajha jferfru — fix-xej' — tħares — il-mejda — tiċċaqlaq — bil-mod — il-vojt imfassal sewwa — jiżfen — is-siġġu — lejn il-lemin — is-skiet ifur — lejn ix-xellug — kollox bilqiegħda — fix-xej' — kollox iħares — fix-xej' — il-flokk bħal fatat merħi — fis-skiet — liberu — il-kompjuter — ħafif — bla piż – ma jitkellimx – it-twaletta — il-flus — jistrieħu fuq ix-xej' — bla valur — kull ħaġa għaliha — weħedha — bla ħsieb — kull oġġett — f'ta' fuqu — f'ta' taħtu — f'ta' ħdejh — bla piż — tiċċaqlaq — il-kaxxa tal-*make-up* — l-għatu għal rasu — jiżżegleg — lejn ix-xellug — il-kaxxa għal rasha — bla ħoss — lejn il-lemin — it-televixin — jiżfen — it-tapit — taħt saqajha — marbuta fil-vojt — jgħumu — l-inkwatri — fil-kalma — bla rbit — il-fjamma ftit 'il fuq — ħafifa — titfissed max-xej' — il-ftila ftit 'l isfel — bla ħsieb — il-vleġġa fuq iż-żero — fastidju ma tatx — kollox jiċċaqlaq — ftit 'il fuq mis-sodda —

Taret? Bil-ferħ. U fl-istess ħin ħarset fil-mera. U għoġbitha. Sieqha l-leminija. Sieqha x-xellugija. Sidirha. Żaqqha. Kollox għoġobha. Idha l-leminija mellset lil ġisimha bil-mod; ħuġbejha, ix-xagħar t'għajnejha, il-ġenb ta' mneħirha, ir-rokna ta' xoffitha, għonqha, sidirha, żaqqha, koxxitha u ħadet gost.

Bdiet tgħum sas-saqaf, fil-kamra bla ilma, sal-ħajt tal-lemin, sal-ħajt tax-xellug. Tagħmel il-kutrumbajsi, waħda wara l-oħra. U ma ħassithiex għajjiena. Tgħum sas-saqaf fil-kamra bla ilma. Sal-ħajt tal-lemin, sal-ħajt tax-xellug, tagħmel il-kutrumbajsi.

Għal ftit mumenti kollox kien qed jgħum fix-xejn — it-twaletta, l-iskrivanija, il-gwardarobba, il-komodina ... . Forsi anki l-Italja, il-Greċja, Franza, l-Ingilterra? Kollox kien jitħarrek bl-ikbar paċenzja mferfxa femminili, bla ma jmiss ma' dak li s-soltu jkun taħtu jew fuqu jew ħdejh. Waħdu. Ħafif. Forsi kull persuna, dakinhar, ħassitha tinqata' bil-mod il-mod mill-art sa ma waqfet b'ħalqha miftuħ tiċċassa, kalma. U m'għaġġlitx għax-xogħol jew għall-iskola, għall-*gym* jew għall-bar, għat-teatru jew għaċ-ċinema, għas-sodda jew għad-dar. X'aktarx li dakinhar kull skrivan ma setax ipoġġi ma' l-iskrivanija u kull bennej ma setax ipoġġi ġebla fuq oħra u kull għalliem ma setax iniżżel il-*homework* fuq il-bord. U forsi kull suldat, dakinhar, flok ġibed il-grillu għamel kutrumbajsa.

Il-vleġġa ta' ġol-miżien biss baqgħet imkaħħla maż-żero. Hi biss baqgħet ma ċċaqalqitx. Għal ftit sigħat mill-mitejn elf u fuqhom li kienet ilha tissara

magħhom, ħassitha ħafifa daqs iż-żero ta' ġol-miżien. Dakinhar rat kollox kemm kemm 'il fuq. Ftit ċentimetri 'l fuq. Bħal donnu s-saqaf kien miżgħud bix-xlief, ħajta ħdejn ħajta ħdejn ħajta. Kull biċċa mqabbda mas-saqaf. Kull biċċa mqabbda m'oġġett. Kull oġġett fl-arja, bla ma jistrieħ fuq ħadd u fuq xejn. U għax kollox kien kalm ... Laura ħassitha kalma.

ġejna bis-sodda ta' l-ilma
għat-tieni darba
u int ma ftaħtilniex
niġu għada għall-ħabta ta' l-erbgħa
tas-sodod ta' l-ilma

Bħal-lum xahrejn eżatt. Kien it-Tlieta u qamet kienu xi s-sitta. Kienet għadha bilkemm poġġiet saqajha ma' l-art li ma ġrietx għal fuq il-miżien b'għajnejha mżellġa daqs l-istilel, wara bikja li kienet twila daqs il-lejl.

70 kilo.

Niżlet u reġgħet telgħet.

70 kilo.

Tafu sewwa dan ir-ritornell. Ritornell *kitsch*. Eżatt bħal dak ta' diska *one-hit wonder*. Niżlet u telgħet, niżlet u telgħet. Il-vleġġa marret 'il quddiem u lura, 'il quddiem u lura, kif suppost. Bħal dejjem. Niżlet u telgħet u baqgħet.

70 kilo.

L-ebda ħniena min-naħa tal-miżien. Dakinhar ma riedx iħenn għaliha.

Imxiet sal-kċina u fetħet il-friġġ. Ħarġet il-butir, il-ġobon *slice* u l-ieħor tal-kwart, il-perżut, il-mortadella, il-lanċinmit, il-ġamm, in-nutella, il-kejk minn tal-ġurnata ta' qabel u l-bott il-kbir tal-*baked beans*. Fetħet il-friżer u ħarġet il-ħobż. Xegħlet il-*grill* u tefgħet 6 biċċiet. Kif inxtwew, qabdet ċappa butir u dellket l-ewwel biċċa ħobż, imbagħad ċappa oħra u dellket it-tieni biċċa ħobż u ċappa wara ċappa dellket is-sitt biċċiet. Fuq erba' biċċiet minnhom poġġiet *slice* ġobon u *slice* minn dak tal-kwart, *slice* perżut u *slice* lanċinmit u *slice* mortadella. Fuq it-tnejn l-oħra, kisja ġamm u kisja nutella. Kif kielet is-sitt biċċiet ħobż – b'interludji qosra bejn *slice* u ieħor biex titfa' f'ħalqha ponn *baked beans*, qatgħet b'idha l-leminija biċċa kejkallajberikha u deffsitha f'ħalqha. Kienet belgħet kollox f'ħin qasir. Lanqas ċans tomgħodhom ma tat lilha nnifisha. Ġirja għat-tojlit, deffset rasha fil-loki, is-saba' l-werrej u dak

tan-nofs f'ħalqha, u ma nqalgħetx qabel ma' l-ilma ta' ġol-loki ddardar sewwa bir-roża u bil-kannella. Niżlet għarkobbtejha u filwaqt li bdiet tieħu nifsijiet qosra u qawwija, qagħdet tħares lejn il-bżieżaq roża-kannella jinfaqgħu bl-akbar kalma u jitfgħu riħa roża-kannella wkoll.

Reġgħet lura fil-kċina, mesħet dnubietha fis-sarvetta u poġġiet il-kitla fuq in-nar. Kif għaliet, għamlet kikkra kafè iswed u qabbdet sigarett. Marret titfa' fuqha waħda mill-ħafna *suits* li kellha, ksiet wiċċha bil-*make-up*, ħadet l-aħħar nifs mis-sigarett li ma kienx ċert għaliex kien tqabbad u telqet 'il barra għal ġurnata oħra ta' xogħol.

Dakinhar, hi u dieħla l-uffiċċju, rat lid-direttur jaqbad ma' Wendie (issa kien beda jeħodha drawwa). Baqgħet sejra dritt għall-iskrivanija tagħha, mank bonġu! u xegħlet il-kompjuter. Minn fuq is-siġġu ta' ma' l-iskrivanija, kien jidher li Wendie kienet qed taqbad mad-direttur. Qamet, u marret fil-kċina biex tagħmel kafè. Mill-kċina Toni u Wendie kienu jidhru kollegi fuq xogħol (imma x'aktarx il-kompjuter kien qed jaħbilha d-dettalji). Min jaf li kieku tgħid lil Toni li tixtieq tbiddel il-post ta' l-iskrivanija? Forsi ma tibqax tarah daqshekk ħaxxej! Forsi jekk tieħu l-iskrivanija taħt it-tieqa, tibda tifhem lil Toni iktar. U forsi anke 'l Wendie ma tibqax taraha daqshekk imdennsa (isa, aħseb Laura).

Imma le.

Aħjar tibqa' fejn hi.

Minn fejn kienet setgħet tikkontrolla kollox, sa l-iċken mossa. Setgħet tara id Toni titħarrek minn mument għal ieħor u xofftejn Wendie jsiru flieli larinġ. Setgħet tara d-dublett tiela' tiela' u d-dbabar roża fuq koxxtejha. Setgħet tara ċ-ċurkett mistħi f'id Toni u l-qalziet ta' taħt tagħha jiħmar. U Laura riedet il-poter. Laura minn dejjem riedet id-dettalji kollha taħt difrejha.

> ġejna bis-sodda ta' l-ilma
> għat-tielet darba
> m'aħniex se niġu iktar

Eżatt bħal-lum erba' ġimgħat. Kien il-Ġimgħa u qamet biex iċċempel *sick*. Ma kellhiex aptit tersaq lejn dak l-uffiċċju jinten bil-kliem fieragħ, bid-daħq falz tas-segretarja jtarrax lil widnejha, u bid-direttur nittien. Mil-lum 'il hemm jiena *sick*. U għall-ewwel darba f'dawn l-aħħar għaxar snin ma kellhiex aptit titla' fuq il-miżien. Ladarba kienet bis-*sick*, kellha taġixxi bil-mod u manjiera

li taġixxi persuna li tkun ma tiflaħx u ma tidħolx għax-xogħol. Ladarba kienet bis-*sick* kellha tibqa' fis-sodda bħal ma jagħmlu n-nies kollha li jċemplu *sick* kull nhar ta' Tnejn. Kienet ilha ma tieħu *sick*. Għaxar snin kienet ilha ma tkun *sick*.

Il-ġurnata ta' qabel kienet għamlithielu infern lil Toni. Apposta! Riedet turih li hi kienet kapaċi tagħmel bih dak li trid. Għall-ħabta tad-disgħa, l-ewwel brejk tiegħu wara nofs siegħa xogħol, kien dejjem iqatta' dawk il-ħmistax-il minuta jirrakkunta(lhom) iċ-ċajt. U ara min iwaqqfu! Laura kienet ħallietu jibda l-ewwel ċajta, bil-kummiedji u l-bużullotti tas-soltu u hekk kif kien wasal fl-aħħar, faqqgħet daħqa li dwiet ma' l-uffiċċju kollu. B'idha l-leminija tipponta lejh u bl-oħra ssabbat mal-mejda qaltlu, "Din smajtha, Ton, diġà! Tispiċċa veru tan-nejk!" U baqgħet tidħaq fil-vojt għal xi minuta oħra sakemm neħħietlu l-aptit kollu li jkompli jirrakkonta. Imbagħad fil-ħdax, il-ħin tat-te, qabbditlu l-kitla. Kif il-misħun fetaħ jagħli, qam, tefa' *tea-bag* fil-magg, u fetaħ il-friġġ biex joħroġ il-ħalib. Hekk kif qabad il-kartuna ħassha ftit ħafifa żżejjed ħdejn is-soltu. Kien għadu bilkemm laħaq tbaxxa biex jara kienx hemm kartuna oħra li ma qabżitx minn fuq is-siġġu tgħajjat, "Iiiii x'waħda din! Insejt ngħidlek ... ħalib ma fadalx!" Għalhekk kellu bħaċ-ċuċ jarmi t-te fis-sink u jibqa' mingħajr belgħa sħuna. Sagħtejn wara beda jgħidilhom li filgħaxija kien sejjer jara l-film ... u hi kienet pronta ħatfitu fit-titlu u qaltlu, "Mur araħ għax veru tajjeb. L-atturi *first class*. U għandu erba' xeni żul minn hemm. Imma ħej, hu jmut ta jaħasra fl-aħħar ... mela, Ton, hu jmut u hi tiżżewweġ 'il sieħbu." Għall-ħabta tat-tlieta ġietha idea oħra. Harġet mill-uffiċċju taparsi sejra t-tojlit u minflok, marret ħdejn is-salvavita. Tfietha u reġgħet xegħlitha. Imbagħad, *Dak x'kien? Mar id-dawl jaqaw hux?* Xegħlet il-kompjuter u Alla jista' kollox issib li kienet tilfet id-dokument. Ftit biki tal-kukkudrilli mar fin-nofs u hu belagħha sa grieżmu. "Tibżax, Laura, fadal sagħtejn għall-ħamsa. Erġa' ibda minn fejn irkuprajt." Dażgur setgħet tagħmel hekk kieku riedet, imma minflok qaltlu, "Jien bit-*time-off* illum. It-Tlieta daqqu. Arani sejra." Qabdet il-*handbag* u telqet mingħajr ma tatu ċans imur jiċċekkja fil-ktieb u jikkonferma li kien iffirmalha sagħtejn *time-off* jumejn qabel. L-għada ħaditha *sick*.

Ma nqalgħetx mis-sodda, ħlief għal darbtejn – biex tiekol, u biex tuża l-kamra tal-banju – proprjament il-loki. Kienet qattgħet ġurnata taħseb fuq meta kienet rat kollox jiċċaqlaq bla ħoss u baqgħet iġġorr magħha dak is-silenzju. Ħasbet f'dik l-istess darba meta kienet ħassitha ħafifa daqs marella suf li hekk kif tefgħetha fuq il-miżien, ma tħarrikx. Mitt elf ħsieb kienet tefgħet fuq il-miżien dak is-Sibt. U l-miżien baqa' ma ċċaqlaqx għax kull ħsieb kien

tilef il-piż tiegħu u ħfief. Il-marella ma kinitx imħabbla, u għal ftit sigħat kull ħsieb kien sab postu sewwa – ħarira 'l fuq, kemm kemm 'il bogħod mill-ħsieb ta' ħdejh. U f'għajnejha dik il-marella tas-suf b'kulurha abjad dehret ċassa u kalma. Baqgħet hekk sa ma bdiet titħabbel u ssir kobba. Kull waħda marbuta sewwa. Ħsieb li tħabbel u tgħaqqad fi ħsieb ieħor u ma setax iżjed jinħall. Il-piż beda jiżdied u meta bi tbatija tefgħet ħsibijietha fuq il-miżien, fehmet li reġgħu bdew jiżnu 70 kilo – bħal dejjem.

Qabdet id-direttorju u bdiet tfittex dik is-sensazzjoni ta' darba. Is-sensazzjoni ta' 1.62g fil-kamra tas-sodda tagħha. Fid-direttorju? Wara ftit ħin tqalleb sabet numru li dehrilha kien utli.

Ċemplet.

U ordnat sodda ta' l-ilma.

## 2

Jisimni: Martina.

Twila: 177ċm.

Niżen: 60 kilo.

Vista: 4.50/4.75.

Sigaretti: 15 kuljum.

Passatemp: inġemma' l-ħnieżer.

Ili ngħix waħdi sena. Ili ngħix waħdi ġo flett f'San Ġiljan sena. Però tinkwetax. Tiħux qatgħa, din l-istorja mhix fuqi. Din l-istorja ta' Laura.

sena ilu

iva eżatt bħal-lum sena kelli niżgassa l-bieb tal-flett tiegħek u nsibek tqila u iebsa daqs is-sodda li kont fuqha nara 'l tbissimtek tiżżerżaq fuq il-gvieret mitfija minn kulurhom bħal ħaddejk

kont tard wisq

u sallum għadni qed inġorr 'il dnubieti-katina maqfula ma' saqajja f'kamarti poġġejtha s-sodda ta' l-ilma xtrajtha jien biex forsi nħossni nifflowtja bħalma int kont żfint sabiħa bla ebda ħsieb nejjieki fuq il-qamar issa qed nipprova ngħix dak l'int ħassejt u li xtaqt tibqa' tħoss fuq din is-sodda li bbieset mat-tifkira roża-kannella tiegħek illum inħares lejn l-envelop blu jkanta l-ġazz ta' ħajtek indirizzat *Lil Martina, minn qalbi* u nilmaħ noti vjola bil-bard li ħassu meta ndaqqu xi mkien fl-ùnivers

illum nisma' t-tikk tikk tikk tal-metronomu li qed jinħlielu l-ħabel taċ-*cheap* u nara 'l ġismek mat-tikk

tikk

tikk
jieqaf għajjien
illum bħal miġnuna qed niktiblek *sms* wara ieħor u qed nibgħathom fuq in-numru li int m'għadekx iġġorr

# Kurċifiss

Paul P. Borg

MEta JIFTILLU Ż-ŻAGĦŻUGĦ kien jingħalaq ġewwa jisma' l-*Bolero* ta' Ravel.

Kien iħobbha wisq dik il-mużika, kienet tħennih, timlielu qalbu u tqawwilu ħsiebu. Ma jafx għaliex, imma meta jismagħha kien jimtela ħeġġa u qawwa li jsib kull tarf ta' kull problema li kellu quddiemu. In-noti kien jisthajjilhom farfett għaddej minn warda għal oħra. Għasfur itir minn fergħa għall-oħra. Battuta wara l-oħra, l-ewwel bil-mod imbagħad mgħaġġla, mgħajta. Mgħaddba. Imqanqla. Donnhom gremxuliet itiru minn ġebla għal ġebla fl-eqqel tax-xemx sħuna.

Mhux għax kien jaf xi tfisser dik il-mużika. Mhux għax kien jaf min ikkomponieha jew x'kien jisimha. Iżda kienet timlielu ħsiebu u qalbu u ruħu xorta waħda. Aktar minn kull daqq li kien jisma' Paceville kull filgħaxija. Ma kienx jgħaddi lejl li ma jmurx Paceville. Jew jinżel Wied il-Għajn. Jew Buġibba. Kullimkien kien jgħodd għalih. Basta jqatta' lejl sas-sigħat bikrin barra, jidħak, jixrob, jiċċaċċra ma' dik u ma' l-oħra. Jiġri u jaqbeż minn post għal ieħor bħallikieku ġurat jitqammes minn rokna għal oħra, bla sabar u bla ħsieb ta' xejn. Imbagħad id-dar bil-karozza li kellu.

Mhux għax kellu xi karozza suret in-nies, kien jaħseb. Magna diżil iddaħħan u ssewwed minn kull fejn jgħaddi. Biċċa karozza qadima li kien żebagħ hu stess bil-pinzell. Kien żebagħha ħadra tgħajjat, u kien waħħlilha ajkla kbira fuq il-bonett. Meta jkun lejn Tas-Sliema ma jarax karozzi bħal din. Ikunu kollha ġodda u sbieħ u jleqqu. Imma hu flus għad m'għandux biex jixtri waħda aħjar.

Imma issa hemm Marisa f'ħajtu, tfajla mir-raħal ta' qrib, tiġi xi ħaġa minn missieru mill-bogħod. Imma tifla ħelwa, tpejjep, tilbes sabiħ, ilbies li jġennu lilu, leħenha jgħajjat, taf tiżfen u taf tmur miegħu wkoll. U ma ddejqux b'quddies u mhux quddies. Tagħtih li jrid. Li jrid. U meta jrid.

Kultant kien ikun jixtieqha tgħidlu jmorru jisimgħu quddiesa nhar ta' Sibt. Kien ikun jixtieqha fil-fond ta' qalbu. Imma ma kinitx tgħidlu. U allura hu ma kien isemmilha xejn. Kien ikun hemm qisu leħen xi mkien 'il bogħod 'il bogħod ġo fih, leħen dgħajjef kemm jista' jkun li kien jiffittah. Mur isma' quddiesa. Mur tqarben kultant. Mur qerr. Imma hu ma kienx jagħti kas. Kien jinsa. Paceville aħjar. Qisha tfajla bħall-oħrajn, qisha, kważi, imma hemm xi ħaġa speċjali fiha. Forsi għalhekk jiżżewġu n-nies, kien jaħseb iż-żagħżugħ. Forsi għalhekk jitilqu minn dar ommhom. Biex ma tibqax tgerger ommhom għax jidħlu tard u biex jiltaqgħu aktar ma' dik illi sabuha differenti mill-oħrajn.

Dik kienet Marisa għalih. Differenti mill-oħrajn.

Imma x-xogħol, kien jaħseb. Ix-xogħol. Irid ix-xogħol. Għall-ewwel darba f'ħajtu kien ħaseb fix-xogħol. Il-ħidma li tagħtih il-flus fl-aħħar tal-ġimgħa ħalli jkun jista' jiltaqa' ma' Marisa aktar spiss u jibda jaħseb hu wkoll ħalli jagħmel kif jagħmel kulħadd u jiżżewweġ.

Fuq ix-xogħol kien hemm ħajt għoli, kollu brix u kollu stampi ta' nisa mneżżgħin li kienu dendlu xi żgħażagħ oħrajn ħaddiema hemmhekk. Hu kien iħares. Kien ħares ħafna għall-ewwel. Kien waħħal ħarstu fuqhom għall-ewwel u ma setax jaqla' ħarstu minn fuqhom, iżda mbagħad dara kollox.

U fir-rokna kien hemm kurċifiss imdendel. Kien ħallieh xiħadd hemmhekk. Kien ilu snin imqabbad ma' musmar imsaddad. Kien imtela kollu trab u ħmieġ tad-dubbien u għakar ta' żjut magħqud. Lewnu kien tbiddel. Iż-żebgħa ħamra fejn kien hemm id-demm ma kienet tidher b'xejn. Ix-xewk tilef il-ponot tiegħu. Ix-xewk tilef it-tingiż tiegħu. Iż-żagħżugħ ħares ukoll lejn dan il-kurċifiss.

U qagħad jiftakar.

Tiftakar il-Mużew kemm kien jgħidilna dwar il-kuruna tax-xewk il-prifett? Tiftakar kemm kien isemmi swat u daqqiet? Tlieta u tletin daqqa. Tletin biċċa tal-fidda. U l-Golgota. Dik il-kelma kienet tbeżżgħu. Kien jismagħha darba fis-sena, darba darbtejn fis-sena, u kien jinsieha, imma kienet tbeżżgħu. U l-ħalliel il-ħażin, kien hemm ukoll il-ħalliel il-ħażin. U l-ħalliel it-tajjeb. Il-lejla tkun il-Ġenna miegħi. Kliem ġej u sejjer f'moħħ iż-żagħżugħ. Leħen kemm kemm jinstama'. Bħal isem Erodi, it-tfal innoċenti. Qajfas, jew Kajfa, jew x'kien jismu. Pilatu. Il-fliskatur bl-ilma u Pilatu jaħsel idejh fih.

Illum stess tkun il-ġenna miegħi. Kliem li kien jidwi mhux ftit f'widnejh.

Xi mkien ġo fih. Bejnu u bejn ruħu. U ma kien jitkellem fuq dawn il-ħwejjeġ ma' ħadd aktar. Hu u qalbu biss. Hu u dak ix-xi ħaddieħor mistoħbi ġo fih.

Iż-żagħżugħ kien jgħaddi ħarstu minn fuq il-kurċifiss, malajr malajr. Imma leħen imbiegħed ġo fih kien ifakkru f'dan kollu. Is-salib. Is-salib tas-salvazzjoni. Ħsibijiet tat-tfal iż-żgħar meta jkunu l-Mużew. Imma lilu kienu għadhom ikellmuh. Kliem ommu qabel joħroġ mid-dar.

"Ibni, rodd is-salib!"

Uff, kemm tgħid ommu!

"Rodd is-salib, ibni!"

Kif iddejqu ommu!

"Ibni, rodd is-salib!"

Kif kienet ittellagħhomlu! Igergrilha. Imma xi ħaġa ġewwa kienet tberrdu, tikkalmah, iġġiegħlu jifraħ bi kliem ommu.

Imbagħad kien jimxi lil hemm. Bħal jistħi jibqa' jħares lejn dak il-kurċifiss kollu trab u kollu żejt u għanqbut fir-rokna. Allaħares jaqbduh sħabu jiċċassa lejn il-kurċifiss, allaħares! Bħal jiddejjaq minn sħabu. Titwila ħafif ħafif lil dawk in-nisa, ħarsa minn taħt li ma kien ikun jista' jirreżisti qatt, u jkompli xogħlu. U kien imur jaħdem, jerfa' u jqandel. Jiddendel mas-sellum. Isuq il-*fork-lifter*. U f'moħħu kienet tinstama' l-melodija ta' Ravel. Il-*Bolero*, jiġġennen jismagħha, iddur il-ħin kollu f'rasu. Għanja qadima. Daqqa ta' snin ilu, imma lilu togħġbu mhux ftit.

## JIEN OMMU

Dan il-kurċifiss li għandi quddiemi ngħożżu mhux ftit. Dan kien ta' ibni. Dan kien il-kurċifiss tiegħu. Qatt ħadd ma jemmen li kien tifel moħħ ir-riħ u fl-istess waqt kellu dan il-kurċifiss.

Dan il-kurċifiss hu l-faraġ tagħna. Ibni m'għadux hawn, minfloku ħallielna dan is-salib tal-ġibs, salib qadim u mibrux. Imċappas bid-demm ta' ibni stess, arah, arah, għadu mċappas b'demmu sal-lum stess. Fuqu hemm Alla li lili jkellimni kuljum dwar ibni. Lili dan l-imsallab, bid-demm kollu li xerred, ikellimni fuq ibni. It-tfal jgħiduli qed niġġennen, qiegħda nitlef b'dan il-kurċifiss f'ħoġri, bħallikieku għandi xi tarbija oħra. Imma hu jagħtini wens, hu jagħtini faraġ, hu jagħtini saħħa nkompli ngħix.

Jien omm dak iż-żagħżugħ imqarqaċ. Xi tridu jiżżewweġ! Kollu dlik ma' xagħru, u kollu msielet ma' mnieħru u ma' widnejh! Mela dak jgħodd għalih

iż-żwieġ! Mhux għax hu tifel ħażin, imma għax għadu żgħir. Moħħ ir-riħ. Riesaq lejn l-għoxrin sena u ġa qiegħed jitkellem fuq li sab waħda għalih u jrid jiżżewweġ. It-tifel iżiġġ bħal sallura jrid, u jaqbeż bħal gremxula fuq il-ġebel fix-xemx tas-sajf! Mela jiżżewweġ! Jew bħal għasfur minn siġra għal oħra. Jew bħal naħla ddur fejn hemm l-għasel. Mela jitrakka ma' mara waħda!

U jekk jiġuh l-ulied? U min jilgħab man-nar mhux ulied jiġuh?

"Aħjar issib taħdem!" qallu missieru xi żmien ilu.

"U tibqax tiġri b'dik il-karozza li għandek għax sa tweġġa'," għidtlu jien. Il-karozza tiegħu qadima, iċċekċek, iddaħħan, tiqaflu, u l-unika ħaġa li hemm tajba ġo fiha hi l-kaxxa li ddoqq u li tagħmel l-istorbju. U issa sab daqqa min jaf minn fejn ġabha u ħlief lilha mhux idoqq. Kollha vjolini u storbju. Imma mhux daqqa tal-lum, u lil missieru togħġbu wkoll. Qisha xi ħadd inewwaħ. Qisha ruħ tokrob fid-dlam tal-lejl, hekk nistħajjilha jiena. Ma nafx minn fejn ġabha.

Min jaf min tahielu, min jaf min?

Marisa qal li jisimha l-għarusa li għandu. Tifla kollha żebgħa imma tidher tal-galbu. Naħseb li tal-galbu, jekk baqa' tfajliet tal-galbu llum. Imma jidher li magħha weħel ibni, u la togħġob lilu togħġob lilna wkoll jeħtieġ. Issa billi toqgħod tgergirlu! Iż-żwieġ kaxxa magħluqa. U huma jridu jiftħuha. Huma t-tnejn.

Missieru qallu li hemm sieħbu sab jaħdem ma' kuntrattur. Qegħdin jirranġaw xi lukandi hemmhekk, u għandhom bżonn in-nies.

"Imma jien xi tridni nagħmel?" qal lil missieru. "Mela jien naf naħdem mal-kuntrattur?"

"Inti xejn ma taf tagħmel!" ħtaftu jien. "Mur ara titgħallimx xi ħaġa ma' xi ħadd ibni! Irsisti ftit! Qed tara qgħadt taħli l-ħin l-iskola!"

"Inti mur fittex ix-xogħol," qallu missieru aktarx bejn għajta u oħra. Mhux kull kelma li tingħad tista' tgħidha. Imma xi ħaġa hekk kien qed jgħidlu missieru. "Inti mur u għidlu li trid taħdem u li jgħidlek tagħmel, agħmlu. Għidlu li sengħa m'għandekx għax rasek ta' muntun għax qatt ma ridt tisma' minn missierek u qatt ma ridt titgħallem tagħmel xi ħaġa sewwa. Għidlu li inti rasek taż-żonqor, qatt ma ridt tisma' minn ommok u għidlu li trux għax qatt ma tajt widen għalli qalulek ommok u missierek."

Hekk kont għidtlu jiena lil ibni. Imma meta kont qed ngħidlu hekk beda jidħak bija kemm jiflaħ u ġie jbusni fuq moħħi. U qalli ma nħabbilx rasi għalih. U fetaħ dik il-kaxxa kollha daqq u kollha vjolini u tinwiħ. U beda jitbissem, rajtu jitbissem, rajtu ferħan jisma' dak id-daqq.

"Imma għidlu li moħħok jagħtik lill-imgħallem li ssib," għajjatt warajh. "Għidlu li taf titgħallem u m'intix baħnan għalkollox, u m'intix muntun sa barra! Mur u ara x'tagħmel għax jekk għandek ħsieb tiżżewweġ trid il-flus u jekk għandek ħsieb tixtri karozza oħra trid il-flus."

Imma kont naf li ma kienx qiegħed jismagħni. Kien moħħu aktar fuq il-vjolini.

Wara kulħadd ikun għaref. Imma mur għidilna kif kienet sa tispiċċa din l-istorja! Mur għidilna. Kemm kien ikun aħjar kieku ħallejtu hawn madwari. Iktar ma kien imxennaq għall-ħajja iktar kellu jgħaddi minn xorti ħażina. U lilna ħalliena f'dan il-wied kollu dmugħ u kollu dwejjaq.

It-tifel kien għolla leħnu, u hu u missieru bdew jilsnu u jien għajjatt iktar minnhom. Imma fl-aħħar donnhom ikkalmaw, u ftiehmu li jmorru jaraw isibux xi ġurnata xogħol xi mkien. Għax it-tifel mhux kattiv, lilna jħobbna, jaf li nħobbuh. Imma qatt ma ta widen għal kliemna.

Ir-raġel ħanin mat-tfal. Ir-raġel lit-tfal qatt ma kellimhom għad-deni. Qatt. Kieku ried jibqa' jistudja u jitgħallem l-iskola konna nħalluh u missieru kien jibqa' jaħdem u jistinka għalih. Kienet għażla tat-tifel li qatt ma għamel siegħa suret in-nies l-iskola. Kienet għażla tiegħu, u ta' ħadd aktar. Kliemna mank sa widnejh ma kien jasal donnu!

Hekk iridha tkun ħajtu. U aħna rridu biss naraw li jkun hieni, u ma jweġġax mat-triq li jkun miexi fiha. U nixtiqulu ġejjieni sabiħ. Isib ix-xogħol bħal ħaddieħor. Isib lit-tifla li jrid bħalma għamlu oħrajn qablu. Isib dar bħal ħaddieħor. Ikollu dar u jkollu l-ulied bħalma għamlu bnedmin oħrajn. U jgħix. Dak il-ġejjieni li xtaqnielu. U hu dak li kien irid.

U kien hemm oħra. Il-quddies. Dejjem ħajjartu jmur jisma' quddiesa, dejjem ħajjartu, ħadtlu rasu, ingergirlu, rodd salib qabel toħroġ. Għid Ave Maria qabel ma torqod. Ara tweġġa' lil xi ħadd bi lsienek, ibni. Ibqa' lura mill-inkwiet. Ftakar f'dak li bata għalina fuq salib. Tinsiex id-demm li xerred għalina l-Iben t'Alla, ibni. Mhux għax inkun irrid niffittah, imma jien hekk magħmula. Rodd is-salib qabel tibda x-xogħol. Rodd is-salib qabel issuq. Xi trid tiddejjaq minn sħabek! Alla miet għalihom ukoll! Imma jżomm idejh fuqek ibni, ħallik minn tistħi minn sħabek ... .

Mhux li kont naf minn xiex kellu jgħaddi! Mhux li bsart x'kien sa jiġri! Imma Alla l-imbierek hekk ried. Alla jagħti, u Alla jieħu.

Issa fadalli dan il-kurċifiss tiegħu, dan biss fadalli, dan biss. U dik il-kaxxa bil-vjolini jdoqqu daqqa li ssewwidli qalbi mhux ftit. Dak kollu li baqagħli minn ibni issa, xejn aktar, xejn.

JIEN MARISA

Il-karozza ħadra bl-ajkla fuqha għall-ewwel kienet iddaħħakni naraha. Kont nidħak bih. Kont ngħaddih biż-żmien. Kont ninkih għax il-karozza tiegħu qadima, kollha ħsejjes u taqbeż hi u għaddejja mqar fuq il-lixx aħseb u ara fuq il-ħotob tat-toroq tagħna. Għax ir-raħal tagħna qisu għalqa maħruta.

U kien hemm dik id-diska, tal-*Bolero* kien jgħidilha, jew ta' Ravel. Kien qrahielu xi ħadd għax hu ma kienx jaf jaqra sewwa. Kien ħaraqha diska. Kien xtraha bi żball u kien dejjem idoqqha. Spanjola kien jgħid li kienet, għax tal-*Bolero*. Kien jisimha *Bolero* u kien jiċċassa waqt li joqgħod jismagħha.

Xi drabi minn għajnejh kien donnu joħroġ id-dmugħ, mhux dmugħ, imma kienu jibdew ileqqu. Kont inkun naf li kien ikun ferħan mhux ftit meta jismagħha.

Imma kont inħobbu, u kultant konna nitkellmu fuq iż-żwieġ. U kien jinfaqa' jidħak għax kien jgħid li għadna żgħar. Imma b'daqshekk? Mhux għax konna żgħar, hu għoxrin u jien sbatax u nofs.

"Meta nibda naħdem nibda mmur id-dar nisma' l-*Bolero*," kien jgħidli. U jbusni. U d-diska kemm kemm tinstama'. U hu kien joqgħod ibusni. U ma kienx iħallini nitkellem. Kien joqgħod rasu ma' rasi, ma jitħarrikx. Donnu mejjet, donnu ma jiħux nifs. Għajnejh magħluqin. Marsusin sewwa flimkien. Qalbu tħabbat, kont inħossha tħabbat donnha l-mużika li kont inkun qed nisma'. Donnha ħajtu tiddependi minn dik il-mużika, issa mgħaġġla, issa le.

Imbagħad jieħu nifs fil-fond, bħallikieku jqum mill-mewt, bħallikieku jiċċaqlaq minn dinja barranija u jerġa' jersaq lejja.

"U xogħol? U xogħol minn fejn?" kien jgħidli. Kien ikun serju. Kont naralu dan kollu fi ħsiebu.

U jien kont ngħidlu li xogħol isib, u jibda jaqla' l-flus, u nġemmgħu u niżżewġu meta jkolli għoxrin, jew imqar sena oħra. Jew immorru noqogħdu m'ommi. U jisma' l-*Bolero* kemm irid imbagħad! Imma jrid il-flus.

"Missieri semmieli kuntrattur Buġibba ... qiegħed jibni ..." kien qalli darba. Jien xtaqtu jmur għax fil-fabbriki ma ridtux imur.

"Fil-fabbriki ma tmurx u ma tmurx!" għidtlu. Fil-fabbriki jkun hemm it-tfajliet u joħduhuli. Żgur joħduhuli.

Illum naħsibha mod ieħor, għax xorta waħda ħaduhuli. Aħjar li ħallejtu jmur ġo fabbrika, għax kieku għadu miegħi. Jaħasra, kemm kien irid imur ġo fabbrika hu.

Ma kienx twil ħafna, imma kien ħelu. Ma kienx fih tifel, kien irqiq, imma

kien b'saħħtu ħafna. Idejh ibsin, kollha għadam u laħam iebes. Għajnejh kienu suwed, kienu kbar. Kien jagħlaqhom meta jisma' d-diska li kien iħobb. Xagħru kien twil sa fuq spallejh, iswed, mitluq u ħafif. Il-misluta kienet kbira u kellu ħabta jixħet xagħru lura ħalli tidher sewwa. Imbagħad kien għamel misluta oħra iżgħar aktar 'il fuq.

Kien ifixkilni kultant. Meta jfettillu kien irodd is-salib qabel jibda jsuq. Kien jinduna li qed inħares lejh. Jien kont ninfaqa' nidħak.

U ma kienx iroddu iktar is-salib.

"Basta trodd is-slaleb!" għidtlu darba. "U meta taqbiżlek tibda titkellem ħażin kemm tiflaħ!"

Niftakar kien irrabja ħafna dakinhar, u domna ħin twil nillatikaw. Ma kienx salib li radd ... .

## JIEN IL-KUNTRATTUR

Lili tagħtunix tort. Jien m'għandi ebda tort. Il-ħażin li għamilt jien kien li aċċettajtu għax-xogħol miegħi lil dan it-tifel. Jien ħennejt għalih u ħaddimtu. Imma fejn kont naf li ma kellux esperjenza tax-xogħol? Kif ridtni nkun naf li qatt ma tela' fuq sellum qabel? Kif ridtni nkun naf x'kien sa jseħħ?

Xi xhur ilu ħadt kuntratt għat-tagħmir ta' żewġ lukandi kbar lejn Buġibba. Kienu lukandi ilhom snin mibnijin u fi ftit xhur riedu jqallbuhom ta' taħt fuq. Kien qiegħed jagħlaqli ż-żmien u kont imlebleb biex ix-xogħol li kellu jsir isir u ma jiqafli xejn nofs leħja. Dan ma kienx xogħol tiegħi li nagħmel bil-galbu u meta rrid u x'ħin irrid. Il-multa kienet imdendla fuq rasi jekk jgħaddi ż-żmien u ma nlaħħaqx illesti.

U f'tarf il-mazzita sibt iż-żbiba. Ridt inwaħħal xi pajpijiet fil-għoli, fl-irkejjen tas-swali, u min iwaħħalli ma kienx ried jibqa' jaħdem miegħi. Qal li kien qiegħed jibża' mill-għoli. Għall-ewwel beda kif seta', imma beda ġej xogħol mgħawweġ u mhux sewwa u mhux skond is-sengħa u l-ftehim. Kelli nwaqqfu u ħassejt rasi ddur bija ma nafx x'naqbad nagħmel. Imbagħad inqala' dan iż-żagħżugħ. Kien xagħru twil u iswed, imdendel fuq spallejh, jaħbi widna kollha msielet. Imma kien ġie ma' missieru. Kont rajthom jitlewmu barra għax it-tifel kien ried jidħol waħdu u ma riedx li missieru jidħol miegħu.

Malli rajt dan kollu mill-ewwel intbaħt li kien tifel sewwa. Żagħżugħ irid jaħdem. Jaħasra li kont naf kif sa tispiċċa ma kontx inħallih imqar ikellimni! Li kont naf jaħasra!

Il-missier kien qagħad ipejjep fil-karozza. Kienet karozza ħadra u fuq il-bonett kien hemm ajkla mpinġija. Ajkla kbira minn naħa sa oħra. Xogħol iż-żagħżugħ.

Kien tfajjel qasir, qisu sifja, ħafif daqs sbula titbandal fir-riħ. Kien irid jaħdem. U jien daħħaltu miegħi. Tiela' u nieżel mas-sellum. Gremxula ma' ħajt. Brimba m'għanqbuta.

Kien jgħaddi mill-kamra l-kbira jħares lejn il-ħitan kollha kalendarji bl-istampi ta' l-artisti fuqhom. Kollha nisa nofshom ilbies. Sħabu kienu jinkuh, jgħadduh biż-żmien għax jieqaf iħares lejhom. Imma fir-rokna kien hemm ukoll kurċifiss. Darba deherli li rajtu wieqaf iħares lejh, deherli li rajtu b'rasu mgħollija lejh, waqt qasir, waqt ċkejken. Imma l-ebda wieħed mill-ħaddiema l-oħra qatt ma waqaf iħares lejh.

Kont għallimtu jiena stess kif itaqqab, kif ibiddel it-trapan. Kont għidtlu bil-perikli tal-wajers. Kont għidtlu bil-perikli tal-plagg u ta' l-elettriku u ta' l-ilma u li jeħtieġ ikun liebes tajjeb u jkollu żarbun oħxon u kont xtrajtlu żarbun oħxon u xtrajtlu par ingwanti apposta.

Kien ġab qisu radju miegħu u joqgħod idoqq dejjem diska waħda, dejjem l-istess daqqa. Diska qadima u klassika li ma tistennihiex minn għand wieħed żagħżugħ għadu tari, kollu msielet, jiġri b'karozza b'ajkla fuqha.

"Imma jien irrid niżżewweġ," kien jgħidli. U kont noqgħod naralu għad-dritt u nitlaq inkompli u ndur fuq il-lant tax-xogħol bnadi oħrajn. Kont naf li qiegħed jagħmel xogħlu sewwa u bil-galbu u bla għaġla u kif urejtu jiena. Sewwasew kif urejtu jiena. La niżżewweġ nistiednek, kien jgħidli. La niżżewweġ nistiednek. La niżżewweġ nistiednek.

U darba minnhom kien telaq kulħadd, kienu telqu sħabu kollha, u jien kont mingħalija li telaq hu wkoll. Imma meta dħalt fil-kamra, rajtu fuq is-sellum, imxabbat inaddaf il-ħmieġ ta' żjut u ta' għanqbut u trabijiet li kien hemm fuq il-kurċifiss. Għall-ewwel kont sa nkellmu, kont sa ninfaqa' nidħak, iżda biddilt fehmti. Dħalt f'qoxorti. Ma tniffistx, imma dort lura bla ma għamilt ħoss wieħed. Kien baqa' minn rajh ix-xogħol biex inaddaf lill-kurċifiss. Kien tifel sewwa. Tifel imqarqaċ. Jiżżufjetta, jidħak, mimli ħajja. Imma qalbu tajba. Ġewwieni tajjeb.

U kien imur quddiem dak il-kurċifiss sikwit meta ma jkun hemm ħadd. Kont narah mill-ħġieġ jien, kont narah iressaq is-sellum, meta ma jkun hemm ħadd, u jitla' skaluna skaluna lejn il-kurċifiss, inaddaflu sewwa madwaru.

SKALUNA 'L FUQ 'IL FUQ

Għoxrin sena kellu ż-żagħżugħ. Għoxrin sena. Tiela' u nieżel mas-sellum itella' pajp wara l-ieħor, iżommulu s-sellum, u hu tiela' u tiela', skaluna wara l-oħra. Skaluna wara l-oħra. 'Il fuq u 'l fuq u 'l fuq. Żewġ sulari maddawramejt tal-kamra. Żewġ sulari.

Il-farfett jaqbeż minn warda għall-oħra. Il-ġurat jaqbeż minn ħaxixa għal oħra. In-naħla tiżfen minn warda għal warda.

Imbagħad idur kif jista' hemm fuq, idawwar it-trapan, jissikka, jimmarka, iżomm b'idu l-oħra il-ħadida ħierġa minn ġol-pajp, imbagħad iqabbad tarf it-trapan, bil-mod, bil-mod, hekk kien qallu l-imgħallem, dak il-waqt tgħaġġel xejn. Dak il-waqt taħseb f'xejn, serraħ it-trapan fuq il-ħadida. Serrħu bil-mod, toħroġx 'il barra ħafna għax taf tmur lura, tegħleb rasek u tista' taqa'. Teħodha għal dahrek. Żomm kalm. Żomm kalm. Għaġla m'hemmx. Imma torqodx u tibżax. U meta tkun lest, ixgħel it-trapan u taqqab. U tibżax mill-iskoss li jagħti t-trapan malli jibda jdur. Tibżax minnu. Imma kun lest għalih. Imbagħad dendel it-trapan, irħih 'l isfel għax għandu l-ganċ tiegħu dak, mhux sa jaqa' għal isfel, tibżax. U jekk jaqa' jkun waqa'! L-aqwa li ma taqax inti! Ara ma teħodhiex lura għal dahrek għax ma tafx kif tista' tiġik ibni! Hekk kien qallu l-imgħallem! Jekk tinkiser xi ħaġa ħalliha tinkiser basta ma tweġġax inti!

Il-gremxula taqbeż minn ġebla għall-oħra.

Rodd is-salib, kienet tgħidlu ommu. Rodd is-salib. Imma kif jista' jrodd salib hemm fuq, imdendel u msallab ma' sellum bil-pajp tal-ħadid u bit-trapan f'idejh? Kif jista' jrodd is-salib?

Ġieli żarrat kelmtejn ħorox f'qalbu, imġebbed kif kien ikun, u jieħu nifs fil-fond, u bejnu u bejn ruħu jlissen il-kliem tas-salib. Il-Missier, l-Iben, l-Ispirtu s-Santu.

Il-jum ta' qabel kienet qaltlu biex jiżżewġu Marisa. Issa jekk irid jistgħu jibdew joħorġu bis-serjetà la għandu x-xogħol. Imma kien ilu xahrejn biss jaħdem, kien ħaseb hu, xahrejn biss. Imma kien għal qalbu. Ferħan. L-imgħallem iħobbu, iġibu mhux ftit. U l-ħin kollu f'moħħ iż-żagħżugħ kien hemm il-ħoss ta' Ravel. Il-*Bolero*. F'qalbu kien hemm l-hena ta' Marisa. Fi ħsiebu kien hemm il-ħakma ta' ħajja ġdida mifruxa quddiemu.

Ma jafx għaliex, imma kien ferħan. Kien beda jifhem il-ħtieġa li jkun ferħan. Beda f'daqqa waħda jifhem li jista' jkun aktar ferħan. Aktar ferħan.

Imbagħad iċ-ċaqliqa għal għarrieda tas-sellum. Imbagħad il-vojt taħtu. Is-sellum jiċċaqlaq, kemm kemm, kemm kemm.

L-għasfur itir minn fergħa għal oħra. L-ajkla ħadra ħadra ttir mill-għoli u tissabbat ma' l-art.

Iż-żagħżugħ ħass il-vojt taħtu. Idejh ittantaw jaħtfu quddiemu, ittantaw jaħtfu l-ħajt lixx ta' quddiemu. Kien hemm sekonda, forsi tnejn. Kien hemm il-ħarsa ta' biża' f'għajnejh. Kien hemm il-mistoqsija jipprova jifhem x'kien qiegħed jiġri. Imsarnu. L-istonku tiegħu. Kien hemm it-tkexkixa misterjuża ma' ġismu kollu meta ħassu fil-vojt taħtu. Meta ħass is-sellum jiċċaqlaq taħtu. Ebda ħsieb ħlief il-baħħ taħtu. Leħħa ta' berqa l-kurċifiss mal-ħajt, leħħa ta' berqa. Il-kurċifiss bi drittu. Ebda ħsieb ħlief l-għoli taħtu. Xejn għajr il-bogħod tiegħu mill-art. Il-bogħod tiegħu mill-ħajt. Idejh ma jlaħħqux. Is-sellum nieżel taħtu. Jiżżerżaq, jiżżerżaq. Waqtiet qosra. Sa jaqa'. Mhux ser jaqa'. Sa jaqa'. Sa jegħleb. Saqajh imqabbdin u mħabblin ma' l-iskaluna. It-trapan jinbaram madwaru. Il-pajp idur, jinbaram bil-piż merħi, idejh jiggranfaw il-pajp mitluq fl-ajru, jipprova jaħtaf, jipprova jżomm, il-pajp jinqaleb fuqu. Ħarsa ta' biża', jonqsu n-nifs, jonqsu n-nifs, ħarsa ta' tkexkix.

Mal-ħajt faċċata hemm il-kurċifiss. Hemm dak l-Imsallab, wiċċu jħares lejh, ħarsithom f'ta' xulxin għal dak il-waqt qasir qasir. F'daqqa waħda. Wiċċ imb'wiċċ. Ix-xewk ippuntat. Id-demm aħmar. It-tfajjel jipprova jieħu n-nifs. Jixtieq jaħseb. Tarf is-sellum inqabad ma' xifer il-kurċifiss u żżerżqu flimkien lejn l-art taħthom. Ħarset it-tfajjel baqgħet imwaħħla f'ta' l-ieħor. Il-lejla tkun il-Ġenna miegħi. Il-lejla tkun il-Ġenna miegħi. Il-lejla tkun il-Ġenna miegħi.

Kienu għalxejn idejn it-tfajjel jitferfru fil-vojt. Kienu għalxejn jittantaw jilqgħu l-waqgħa. Il-ħin kien qasir wisq. Qasir wisq. Wisq qasir kien il-ħin tal-waqgħa.

Imbagħad it-tisbita ma' l-art.

Imbagħad it-tifqigħa ta' rasu ma' l-art. It-tferfira ta' riġlejh waqt li ruħu ħierġa ftit ftit.

U l-għadira tad-demm ħiereġ mill-iskutella ta' rasu. Il-ħmieġ, u l-ilma ħerġin minnu f'daqqa waħda.

U l-għadira tad-demm dejjem tikber u tikber. U ftit lil hemm bi dritt iż-żagħżugħ ma' l-art hemm il-kurċifiss għadu mdawwar lejh. Ħarsithom lejn xulxin. Il-lejla tkun il-Ġenna miegħi. Il-lejla tkun il-Ġenna miegħi.

U fil-bogħod fuq il-bank qalb it-trab il-każett idur bil-*Bolero*, kemm kemm jinstama', issa tiela' issa nieżel, issa mgħaġġel, noti issa jitlajjaw, issa donnhom jiġru warajh, donnhom ifittxuh, donnhom iduru mal-kamra jaraw fejn kien qiegħed, imbagħad jilmħuh idur, itir, jilmħulu ruħu tfittex il-ħajja li kienet għadha kif tilfet, iduru magħha, iduru, jitqallbu ferħanin flimkien 'il

bogħod fil-beraħ u jitilqu jittajru fl-univers ta' l-eternità immensa .... .

U l-każett jieqaf. Jeħmed f'daqqa waħda hu wkoll.

Xi ħadd għalaqlu għajnejh lit-tfajjel. Ressqulu l-kurċifiss sewwa ma' wiċċu u għalqulu għajnejh. Imbagħad għattewh bi gverta.

## Il-KURĊIFISS

Wara li difnu liż-żagħżugħ, l-imgħallem mar waħdu fir-rokna tal-kamra, jibki, maħsud, maqtugħ minn ġewwa. Mewt fuq il-lant tax-xogħol. F'idejh kellu l-kurċifiss li kien ġabar dakinhar tal-waqgħa. Harstu kienet waqgħet fuq il-kurċifiss fir-rokna, fl-art taħt il-gverta li biha kienu għattew lill-mejjet. Kien refgħu, u kien biesu.

Issa kien għad hemm id-demm ta' l-imsejken tfajjel mgħaqqad u mċappas max-xewk imdeffes fir-ras tal-ġibs t'Alla l-Imbierek. Hass id-demm idelliklu idu, iwaħħallu subgħajh flimkien bħallikieku kolla tal-biża'. U beża' l-imgħallem. Hassu jinħasad. Jinqata' minn ġewwa.

Kien hemm ukoll il-każett. Xi ħadd kien jeħtieġ jeħodhom lil ommu u lil missieru. Imbagħad għafas buttuna, u oħra, u sema' fil-bogħod il-bikja tal-vjolini ta' Ravel. Kienu qed jibku lil dak it-tfajjel li kien ħela ħajtu hekk kiesaħ u biered minn fuq dak is-sellum. Kienu qed jingħu, jolfqu bil-kwiet, qalbhom miksura għal dak li kien intelaq għal mewtu hekk ħabta u sabta fuq ix-xogħol.

Imbagħad l-imgħallem qiegħed kollox f'karta kbira u mesaħ id-dmugħ minn għajnejh. U mesaħ fl-istess maktur id-dlik ta' demm magħqud minn subgħajh. U qagħad jara s-sinjali ta' aħmar skur donnhom miksurin lewn il-ħamrija tax-xagħri, kultant donnhom jiswiedu fuq il-maktur.

U telaq lejn id-dar tat-tfajjel. Imbikkem. Isfar mewt hu wkoll.

Fuq il-mejda tas-salott qiegħed il-karta bil-kurċifiss u l-pakkett bil-każett ġo fih.

"Dan il-kurċifiss kien tiegħu," ried jgħid. Imma ma lissen ebda kelma. Bħal balla konkos kienet imlietlu gerżumtu u tfietlu leħnu.

Kien iħares lejh il-ħin kollu dak il-kurċifiss. Kien jitla' jnaddfu meta ma kinux ikunu jarawh. Hekk ried jgħidilha lil ommu. U dak il-kurċifiss waqa' m'ibnek, ried jgħidilha. Waqgħu flimkien, ried jgħidilha, din kienet l-aħħar xbieha li kellu quddiemu. Dan kien l-aħħar wiċċ li ħares lejh waqt li kien qiegħed imut. Dan kien l-aħħar ħars li kien qiegħed jara waqt li demmu kien ħiereġ minn rasu. U dan il-krib tal-vjolini hu l-għana li kien qiegħed jisma'

waqt li kien qiegħed imut ftit ftit.

Imma ma kellu ħeġġa jlissen lanqas kelma waħda.

U telaq.

# Mera Mkissra

Lina Brockdorff

TFAQQIGHA U THEŻŻIŻA TAL-BIŻA' ... il-bomba waqgħet qrib sew, aktarx fuq rasna. Foga kbira ta' trab dehret dieħla mit-tarġ tax-xelter. Meta ġejna ftit f'sikitna u stajna nitkellmu l-ewwel mistoqsija fuq fomm kulħadd kienet: "Fejn ġiet il-bomba? Tgħid lil min kienet laqtet ix-xorti dik id-darba?"

Ma ħallewniex nitilgħu mill-ewwel, imma meta tlajna sibna ħerba sħiħa tistenniena u ma domniex ma fhimna li x-xorti ħażina kienet messet lil ħafna din id-darba; fl-istess ħin stajna ngħidu li kienet xorti tajba wkoll għax ma kien hemm ebda telf ta' ħajja.

Konna tlifna djarna. Kemm hi ħaġa kerha li tiftakar li f'mument wieħed issib ruħek mifrud u mċaħħad minn kull oġġett meħtieġ u għażiż li tkun ilek iġġabbar għomrok kollu! Bla ikel, bla sold u bla ħwejjeġ. Fuq kollox bla mkien fejn iddeffes rasek. Tistenna kollox minn għand ħaddieħor, u f'dawk il-jiem min seta' jagħti?

Imma kos, sewwa jgħidu, fid-dinja kollox jindara, u f'dawk il-jiem, fl-eħrex tal-gwerra din l-istorja li titlef darek konna drajnieha wkoll; illum taqa' dari, għada forsi taqa' tiegħek. Jista' jkun li tant kien għelibna l-ġuħ u l-biża' li parti minna kienet qisha mejta, konna qisna qoxra ta' iġsma niġġerrew f'dak in-niket u t-twerwir sa ma tħallina r-ruħ ukoll.

Mela, dak in-nhar ix-xorti messet lili ... fejn kont sejra? Kif ser intarraf xi ħaġa lil żewġi li kien fuq ix-xogħol?

Aħna n-nisa u l-ftit irġiel xjuħ li kien hemm magħna bdejna nippruvaw

insibu fejn kienu djarna, naraw x'fadal minnhom u jekk possibbli nsalvaw xi ħaġa. Tiskanta. Hadd ma beda jibki. Hadd ma jlissen xejn. Wiċċna maskra ta' sabar. L-irġiel tagħna ma kenux ħdejna biex isabbruna, dawk kellhom dmirhom fuq il-kanuni. Ir-raħal kollu bi ħġaru ġie jiġri biex jgħin u kulħadd offra daru, sakemm kienet għadha wieqfa, bħala kenn għal kull min ried jidħol. Man-nies tar-raħal ġew ukoll ta' l-A.R.P., voluntiera ħabrieka li kont issibhom dejjem f'waqtiet bħal dawk. Dawn ma ħallewniex nersqu lejn periklu ta' ħitan jew soqfa ser jiġġarrfu.

Jien żgiċċajt minn taħt għajnejhom għax kont għadni mhux konvinta għal kollox jekk dari għadhiex wieqfa jew le, billi tiegħi kienet f'tarf it-triq. Ilmaħt xi ħitan weqfin. Hadt nifs qawwi. Ma stajtx nasal s'hemm minħabba l-kwantità ta' ġebel li kien hemm fin-nofs. Meta rnexxieli, wara xi sagħtejn mort bil-muftieħ lest f'idi biex niftaħ il-bieb; id-drawwa li tegħleb ir-raġuni! Għax stajt ninduna li ma kienx hemm ħtieġa ta' muftieħ. Il-bieb kien fuq il-ġebel ta' madwaru u minn dari kien fadal biss il-ħitan ta' madwarha.

Iċċassajt inħares lejn dik il-ħerba. Xtaqt kieku nibda noħroġ xi affarijiet, imma fejn inqegħedhom? Bdejt nitlef rasi u ma kontx naf minn fejn nibda. Iż-żewġ kmamar li kienu darna spiċċaw. Intfajt fuq travu li kien hemm f'nofs kamra minnhom u bqajt hemm, għax rogħda kbira ħakmitli riġlejja u bdejt nibża' li ser ninstabat ma' l-art. Rajt quddiemi mera mkissra, kienet il-mera tal-gradenza, l-aktar oġġett li kien għal qalbi fil-kamra tas-sodda. Ma ridtx nemmen li hekk kellha tispiċċa dik il-mera. Ġbart biċċa kbira li kienet għadha sħiħa, kollha xfar bil-ponot u miksija bit-trab.

Ġerrejt subgħajja fuqha biex inwarrab ftit dik il-purtiera ta' trab u hemm f'dik il-mera erġajt bdejt nara ġrajjiti ... jew ġrajjitna, jiġifieri tal-mera u tiegħi.

Kont għadni tarbija ta' ftit xhur meta ommi kienet teħodni quddiem dik il-mera u tilgħab miegħi, tqegħedni bilqiegħda, iżżommli jdejja u tgħallimni kif nagħmel l-ewwel passi. Bdejt nikber u allura spiss nitkejjel mal-kxaxen tal-gradenza, l-ewwel mat-tielet, imbagħad mat-tieni u fl-aħħar ma' l-ewwel kexxun. Hemm kont ilħaqt fuqnett, l-irħama tal-wiċċ u wara ftit snin kont twalt biżżejjed biex stajt nomxot xagħri u nibda nżżejjen quddiem il-mera tal-gradenza li tant kont inħobb.

Ommi mietet, u fin-niket ta' bint waħdanija mort ngħatti dik il-mera b'liżar, kif kienet l-użanza dak iż-żmien. Dam hemm il-liżar għal żmien twil. Malli taffa xi ftit in-niket erġajt bdejt inżur il-mera. Kelli tmintax-il sena u qalbi kienet ġa ntilfet fil-ħlewwa ta' l-ewwel imħabba lejn ġuvni, lejn Karmenu. Missieru kien ħabib tal-familja tagħna, allura xejn ma kienet tidher stramba li

kultant jiġi jżurna ma' missieru. Billi l-gradenza kienet fir-rokna tas-sala nerħulha għal quddiemha biex bis-serqa nitbewsu, għax missieri kien għadu ma jafx bl-imħabba tagħna għal xulxin. L-ewwel rigal ta' Karmenu kien sett tat-twaletta li sab ruħu fuq il-gradenza quddiem il-mera.

Iżżewwiġna meta l-gwerra kienet ġa mdendla fuq rasna. Il-lejl ta' qabel it-tieġ erħili nipprova l-libsa bajda u l-mant quddiem l-istess mera. Konna bqajna ngħixu ma' missieri, imma ma kellniex ingawduh wisq għax marda qasira ħatfithulna minn ġo fostna u hekk sfajna waħidna f'dik l-ewwel sena tal-gwerra. Billi konna noqogħdu l-Belt meta l-attakki bdew jiħraxu ħsibna li jkun aħjar jekk inwarrbu u hekk sibna żewġ kmamar Had-Dingli, bil-ħsieb li l-għadu hemm ma jsibniex.

Mal-ftit affarijiet li tellajt miegħi ħadt il-gradenza bil-mera. Kull filgħaxija meta kont insib ruħi waħdi, għax żewġi kien suldat, kont immur quddiem il-mera nirranġa ftit xagħri u qisni nsib fiha l-wens tiegħi.

Imma issa l-mera kienet spiċċat .... Bqajt hemm fost dak it-tifrik, naħseb; le, le mhux naħseb imma ċċassata ... ħassejt min jerfagħni minn driegħi. Kien żewġi bi tbissima li riedet tfisser ħafna xorti. "Il-mera nkisret, kollox inkiser!" għidtlu, waqt li bdejt narah minn ġo purtiera ta' dmugħ.

Qalli bil-ħlewwa: "Il-mera li dejjem urietna xeni sbieħ, illum qalbha nqasmet bil-ħerba ta' madwarna! Imma tibżax, għażiża ... sakemm inti għadek ħajja, sakemm nara dawk għajnejk ileqqu, l-isbaħ mera tibqa' ma tinkisirx!"

# No(ra)vella

Joe Friggieri

KULJUM, KIF JIDĦOL L-UFFIĊĊJU U JIFTAĦ IL-KOMPJUTER, mar-ruxxmata riklami għal kull tip ta' prodott, ma' l-offerti ġenerużi ta' min ma kienx jaf fejn se jaqbad jinvesti flusu u ried jagħmlu sinjur f'ħakka t'għajn, kien isib messaġġ mingħand Nora Vella, bl-indirizz elettroniku nora.vella@hotmail.com.

Kien beda jirċievi dawn il-messaġġi f'għeluq sninu u baqa' jirċevihom regolarment. Kull darba li pprova jweġibhom, il-messaġġ tiegħu kien jiġi lura, tant li wara ftit qata' qalbu u ma ppruvax iżjed. Imma l-messaġġi ta' Nora Vella baqa' jiftaħhom u jaqrahom.

L-ewwel messaġġ, dak li kien irċieva f'għeluq sninu, kien jgħid hekk: "Iltqajna fil-*party* tal-Milied. Tiftakar?" Ħabbel rasu kemm felaħ biex jara jekk kienx iltaqa' ma' xi ħadd li qatt ma kien iltaqa' miegħu – jew magħha – qabel, imma ma ftakar f'ħadd. Fil-*party* tal-bank kien hemm 'il fuq minn tliet mitt ruħ, xi wħud mill-fergħa ewlenija li kien jaħdem fiha hu, oħrajn minn friegħi oħra. Terġa' u tgħid, il-*party* kien sar waqt il-ħin tax-xogħol, u l-impjegati, lebsin l-uniformi, kienu jidhru kollha l-istess.

It-tieni messaġġ kien jgħid hekk: "Ilek ħafna tafni u qisek ma tafnix." It-tielet: "Taħbix il-verità minnek innifsek." Ir-raba': "Tgħidlix li nsejt." Il-ħames: "X'qed tfittex?" Is-sitta: "Ma baqax wisq." Is-seba': "Chopin u l-ħarifa f'ruħna."

Imbagħad il-messaġġi reġgħu bdew mill-bidu, fl-istess ordni tal-ġimgħa ta'

qabel. "Iltqajna fil-*party* tal-Milied. Tiftakar?" "Ilek ħafna tafni u qisek ma tafnix." "Taħbix il-verità minnek innifsek." "Tgħidlix li nsejt." "X'qed tfittex?" "Ma baqax wisq." "Chopin u l-ħarifa f'ruħna."

Dam tliet xhur jirċievi dawn il-messaġġi. Darba ddeċieda li ma jiftaħhomx iżjed. Imma l-għada għelbitu l-kurżità, u sab messaġġ differenti. "Ejja ltaqa' miegħi llejla fis-sebgħa quddiem il-Kafè Kandinsky."

Ma setax jemmen 'il għajnejh. Ċempel lil martu biex jgħidilha li kien se jdum. Ħareġ mill-uffiċċju f'xita qliel u ma sabx fejn jipparkja. Kellu jħalli l-karozza seba' kantunieri bogħod, fi triq imwarrba mimlija qtates, telaq jiġri biċ-ċwievet f'idu, u wasal imxarrab għasra u nifsu maqtugħ. Quddiem il-kafè ma kien hemm ħadd, imma wara ftit ra mara taqsam it-triq. Kienet liebsa kowt iswed u wiċċha kien mgħotti bl-umbrella. Qabel ma seta' jmur jilħaqha, raha tidħol f'karozza misjuqa minn xi ħadd ieħor, sema' l-karozza tistartja, u raha titbiegħed u tgħib fid-dlam u x-xita.

Kif kien sejjer lura d-dar ma setax itajjar minn moħħu l-ħsieb li meta l-mara għalqet l-umbrella biex tidħol fil-karozza, kien ħa l-impressjoni li kellha maktur aħmar imdawwar ma' għonqha, bħal dak li kien xtara lil martu Pariġi meta kienu siefru flimkien ftit wara li żżewġu. U meta wasal id-dar u qasam il-kuritur biex jidħol fil-kamra tal-banju, lemaħ biljett imqiegħed apposta fuq siġġu quddiem il-bieb, u l-kelma li seta' jaqra meta ġabru u ħadu taħt id-dawl kienet "noravella." U meta sejjaħ lil martu ma weġbitux.

Dak il-ħin, bħal f'leħħa ta' berqa, ftakar f'dak il-mument, għaxar snin qabel, meta waqt *party* tal-Milied organizzat mill-bank għall-impjegati tiegħu, kien iltaqa' għall-ewwel darba ma' dik it-tfajla twila, fuq ruħha, xagħarha qasir, bil-qmis bajda ta' l-uniformi miftuħa taħt il-ġakketta griża, li qaltlu li kienet iddoqq il-pjanu, u talabha toħroġ miegħu.

# L-Abbati

Henry Holland

GĦADA L-GĦID IL-KBIR. Il-*brother* kien qalilhom biex wara nofsinhar jistrieħu għax illejla fis-sitta u nofs iridu jkunu digà lesti għall-funzjoni ta' filgħaxija. Għalhekk James, ta'abbati eżemplari li kien, kif wasal id-dar mill-knisja kiel, inħasel bil-lest, ħareġ qmis ħafifa għax taħt is-suttana l-ġersi kien ixewku, poġġa l-qalziet il-ġdid bir-reqqa fuq dahar is-siġġu, il-kalzetti suwed, ibblakka ż-żarbun għal darba darbtejn, imbagħad inxteħet fuq is-sodda wiċċu 'l fuq, jiċċassa lejn is-saqaf u jaħseb sakemm isir il-ħin.

Ommu kienet għaddithielu l-ispellizza u qiegħda mdendla ma' l-ispalliera fl-intrata biex meta jkun ħiereġ jeħodha b'kollox u ma jkemmixhiex. Kienu ġejjin xi qassisin minn barra biex jikkonċelebraw u x'aktarx li ġej il-provinċjal ukoll. "Unur kbir għalina," stqarr Fr. Mizzi u l-*brother* qallu li wara se jkun hemm ikla ta' l-okkażjoni u li l-abbatini mistednin ukoll.

Abbatini sitta spiċċaw jekk tgħodd lin-Nemlu għax Peter Seychell ħareġ is-sena l-oħra. M'għadux tifel żgħir qal u kien iddejjaq. L-ispellizza li juża James tiegħu kienet u tiġih ftit kbira iżda l-isbaħ waħda. Hi biss bil-bizzilla rrakkmata mal-keffa, u qabel telaq Peter kien tah ukoll it-terħa tas-satin li kien libes fl-investizzjoni ta' l-abbatini li marru l-Vatikan. Mhux suppost li joħroġ biha għalissa iżda Fr. Edwin, il-qassis favorit ta' James, qallu li m'hemm xejn ħażin u, min jaf, forsi dalwaqt ikollu tiegħu. Dis-sena minn pajjiżu se jagħżlu wieħed minn tal-Kappuċċini, kien jafu James, tifel bil-għaqal, iżda sena oħra jekk jibqa' sejjer hekk għandu ċans.

Mhux għax ried jiftaħar James iżda kulħadd kien jgħid li hu l-aħjar abbati, u wara li telaq Peter Fr. Edwin lilu poġġa bħala prefett, allavolja Marco Saliba kien daħal xahrejn qablu u suppost hu ħadha. Iżda Marco ma jafx miskin. Anki ħuh iż-żgħir jgħid li naqra baħnan u ġieli għamel xi waħda minn tiegħu. Il-Milied li għadda fil-quddiesa ta' nofs il-lejl kien raqad bilwieqfa fuq l-artal u l-fjamma tat-torċa bdiet taħraqlu xagħru u mn'Alla induna l-*brother* u tfihielu b'subgħajh. Tiskanta kif jaqbad ix-xagħar u x'riħa jagħmel! Tgħidx kemm daħqu n-nies u Marco lanqas biss induna x'ġara! James kien inkiser iżda u sar aħmar nar. Hass li kien waqqagħhom għaċ-ċajt u kien se jkeċċih u jgħidlu biex ma jiġix aktar. Imbagħad ħafirlu għax, miskin, baħnan, u wara kollox ma kellhomx daqshekk abbatini.

Ilbieraħ, il-Ġimgħa l-Kbira, James kellu jqassamhom mod ieħor minn Ħamis ix-Xirka billi Marco ma ġiex għax kien ma jiflaħx. Minn banda kien aħjar. Hu reġa' għamel ċensier, Johnnie Saliba u Wenzu akkolti u żammew is-salib meta n-nies telgħu biex ibusuh, ta' Jones bilqiegħda għax bħall-bieraħ ma jistax jgħinha peress li Tqarbin biss ikun hemm, u lin-Nemlu tah navetta.

In-Nemlu "lavetta" jgħidilha imma "navetta" ġejja mill-kelma bit-Taljan "*nave*" li tfisser vapur, għalhekk "navetta" tfisser vapur żgħir, u vera hekk qisha, vapur żgħir, nofs qamar, bil-wiċċ jinfetaħ u jingħalaq. Hekk kien spjegalu Fr. Edwin u qallu li meta kien żgħir kien abbati wkoll u wara li sar qassis kien tela' jistudja sentejn Ruma u ġieli kien qaddes il-Vatikan. Dis-sena għażlu lil ċertu Philip Caruana minn tal-Kappuċċini, kien jafu James, iżda sena oħra jekk jibqa' sejjer hekk għandu ċans.

—

Il-Vatikan! Meta ġie lura Peter Seychell kien urihom ir-ritratti li kien ħa mal-gwardji Svizzeri. Kien fihom m'għħla hawn! U kien qalilhom li l-pjazza ta' San Pietru tesa' eluf u eluf ta' nies u li l-Bażilika tant hi kbira li tegħja timxiha minn tarf sa tarf, u ma' l-art hemm immarkat sa fejn jaslu l-katidrali ta' Londra, Pariġi u r-Russja f'daqqa.

Ir-Russi ma jemmnux f'Alla għax dawk komunisti u darba ta' l-Azzjoni wrewhom film fuq kemm jaħqru lill-Insara u kemm mietu Ġiżwiti fiċ-Ċina u fl-Amerka t'Isfel. Il-Ġiżwiti kullimkien marru, anki l-Ġappun. U darba James kien sema' li l-ordnijiet l-oħra u anki kien hemm xi papiet ma jafdawhomx u jgħiru għalihom għax makakki u kapaċi jħaddmu rashom.

Anki r-Rumani kienu jaħqruhom lill-Insara u meta jmur Ruma James żgur

li jmur jara l-Kolossew fejn kienu jitfgħuhom għal ħalq l-iljuni. U fejn qabel kienu jgħixu fil-katakombi taħt l-art issa hemm il-Vatikan li hu ċ-ċentru tal-Knisja Kattolika Appostolika Rumana, li hi waħda mill-ikbar reliġjonijiet (jekk mhux l-ikbar) u li qatt m'hi ser tispiċċa għax kif Kristu qal lil Pietru u kif Fr. Mizzi dejjem itambar fil-priedka tal-Ħadd, "Fuq din il-blata nibni l-knisja tiegħi u bwieb l-infern ma jagħlbuhiex. Qatt u qatt!" Qatt u qatt! Tiskanta!

Li jiskanta wkoll James kien kif Fr. Mizzi ma jaħmilhiex ir-riħa ta' l-inċens. Ilbieraħ qarras ftit wiċċu għax in-Nemlu waddab naqra żejda fuq il-faħma qabel il-Barka u daħna kbira telgħet dritt għal imnifsejh. James ma indunax u ma kienx it-tort tiegħu. Ir-riħa ta' għaraq li kienet toħroġ minn taħt abtejn il-qassis kienet iddejqu żgur! Kellu lsienu daqs pala tal-bajtar u biex idaħħaqhom lill-abbatini kien joħorġu kollu u jmiss il-ponta ta' mnieħru bih. In-nanna ta' James u n-nisa xjuħ l-oħra kollha kienu jaħilfu li kien qaddis. Bħall-bieraħ fil-qari tal-Passju jagħmel il-parti ta' Anna u Kajfa u tal-Lhud li jgħajtu, "Sallbu! Sallbu!"

Fr. Edwin dejjem jagħmel il-parti ta' Kristu. Kellu leħnu sod u rpużat u meta jaqra qatt ma jagħmel żbalji. Għajnejh ċari, blu, u xagħru isfar bħal tat-tfal Ingliżi li Gregorju l-Kbir meta rahom ilsiera sejħilhom "anġli tas-sema" u kien bagħat lil Santu Wistin, mhux id-duttur iżda l-ieħor, biex jikkonvertihom. Din l-istorja James kien semagħha l-iskola mingħand is-ser tar-*religion*, iżda Fr. Edwin qallu li dik leġġenda. Leġġenda tista' tkun vera jew le iżda aktarx mhijiex.

Bravu ħafna Fr. Edwin u qassis modern. Kien iħobbu lil James u xi kultant biex jiċċajta kien iberfillu xagħru u jgħidlu, "Ara l-kardinal iż-żgħir!" għax is-suttana ta' l-abbatini tal-knisja tagħhom ħamra kienet u l-kardinali aħmar skur jilbsu. Fuq il-kardinali l-Papa biss hemm u taħthom jiġu l-arċisqof, imbagħad l-isqof, monsinjur, kanonku u fl-aħħar il-bqija tal-kleru kollu. "Ġerarkija" jgħidulha, tarġa wara l-oħra, bħal sellum. Hekk kien spjegalu Fr. Edwin.

Min jaf x'għad jilħaq Fr. Edwin? James għandu kien iqerr u miegħu biss kien fetaħ qalbu u qallu bix-xewqa kbira tiegħu li xi darba bħal Peter Seychell jitla' l-Vatikan. Meta ma ntgħażilx għas-sajf li ġej, kienu għażlu lil Philip Caruana sena u nofs ikbar minnu, kien Fr. Edwin li qallu biex ma jaqtax qalbu u li jekk jibqa' sejjer hekk għandu ċans. Anzi kien wiegħdu wkoll li xi mkien fl-istudju tiegħu kellu ktieb tal-quddiesa bit-Taljan u la jsibu jsellifhulu u x'ħin irid James, fejn ma jifhimx, seta' jaqbad u jistaqsih mingħajr mistħija ta' xejn.

Dan xahrejn ilu kien. Forsi ma ġiex f'idejh il-ktieb jew forsi nesa. Fr. Edwin imħabbat ħafna: il-programmi fuq ir-radju, iż-żgħażagħ, l-Università .... Veru li fadal sa sena oħra iżda Fr. Edwin jaf li hu kien l-aħjar abbati u li jistħoqqlu għallinqas għal darba sseħħ il-ħolma ta' ħajtu li jitla' jservi l-Vatikan!

—

"Diġà wasalt James? Ħadtu pjaċir l-ikla?"

Ma kellux aptit kliem u biex ma żżommux gidbilha. "Iva, Ma. Ħa nitla' norqod, issa għajjien u għada rrid ngħin tat-tmienja."

"Kun imbierek, ibni."

Tela' jiġri f'kamartu u sakkar il-bieb. Hareġ l-ispellizza li kien ħeba minn taħt il-qmis, it-terħa tas-satin għoqda mill-but, għaffiġhom flimkien u tefagħhom gozz f'rokna fl-art. Tajjar iż-żarbun minn saqajh u ntefa' bil-ħwejjeġ b'kollox fuq is-sodda b'rasu mgħaddsa bejn l-imħadda u l-ħajt. Kellu qalbu se tinqasam.

Mela għalhekk kien ġie l-provinċjal ma' żewġ qassisin ġodda! U għalhekk għamlu l-ikla u stidnuhom kollha lill-abbatini u kien hemm tal-familja tiegħu wkoll: missieru, ommu, oħtu ż-żgħira u oħtu s-soru. Kien jaf Fr. Mizzi u anki l-*brother* kien jaf u fejn is-soltu jgħidulu kollox din id-darba xejn!

Aħjar li ntefa' ma' l-oħrajn fuq il-mejda għalihom milli qagħad jgħin fil-kċina jnewwel il-ħobż meta jispiċċa u l-fliexken ta' l-inbid wieħed wara l-ieħor. Kemm kien staħa meta Fr. Edwin waqqfu kif kien għaddej bil-platti vojta minn warajh, ġibdu lejh u qal lil oħtu ż-żgħira, "Clarissa, hawn hu dak li dejjem issaqsini għalih," u kif rah mifxul qabad jidħaq u qallu li ma għandux għalfejn jinkiser tifel bħalu u "Mhux gustuż il-kardinal iż-żgħir!" kompla u hi titbissem u tħares minn taħt waqt li bdiet tlaqqat il-qiegħ tat-tazza bil-kuċċarina u ddawwarha f'ħalqha. Sħabu minn faċċata bdew jagħmlulu l-mossi, jippuntaw lejh u jgħaddu l-kummenti. F'daqqa waħda rrealizza kemm qatt ma kien jaħmilhom u li kieku seta' dak il-ħin kien jiżbranahom.

"Int l-abbati li sejjer il-Vatikan?" kienet staqsietu kif għolliet rasha b'ilsienha jdur ma' xufftejha niedja bil-ġelat. Kellha qatra bajda fuq imneħirha u għal mument stħajjilha ser tagħmel bħal Fr. Mizzi, toħroġ ilsienha u tilgħaqha. Hass bħal fawra tielgħa għal rasu u ma jafx il-għala qalbu bdiet tħabbat sitta sitta. X' seta' jgħidilha dak il-ħin? Hekk suppost iżda wara l-aħbar tal-lejla? Dar lejn Fr. Edwin għall-għajnuna iżda l-qassis kien qiegħed jitkellem ras imb'ras mal-provinċjal. James ma kienx jaf li jpejjep u rah naqra stramb bis-sigarett idaħħan bejn subgħajh irqaq.

X'fettillu sejjer il-Brażil? Veru li għandhom bżonn il-missjunarji għax fqar u injoranti msieken. Ġieli lanqas biċċa kappella ma jkollhom u l-quddiesa jagħmluha f'għarix tat-tiben u ġieli qassis wieħed ikollu madwar erbgħin elf ruħ f'parroċċa waħda u biex iqarbinhom kollha jdum ġimgħat sħaħ. Hekk kien qallu.

Imma ma setax jistenna sa sena oħra? Min se jgħinu jekk ikun hemm eżami ta' preparazzjoni għal dawk li jridu jintgħażlu biex imorru l-Vatikan? Għaliex mela meta ma ntgħażilx għas-sajf li ġej qallu biex ma jaqtax qalbu u li sena oħra għandu ċans? U kif qatt ma qallu xejn? Kien ilu jaf żgur għax biex titlaq il-familja għal żmien twil, jekk mhux għal dejjem, u tmur f'post daqshekk 'il bogħod mhix ħaġa ta' mil-lum għal għada.

Se jitlaq u se jħallih waħdu, hekk, lampa stampa. Mank għallinqas ftakar li jtih il-ktieb tal-quddiesa bit-Taljan! U James mingħalih li kien l-ippreferut tiegħu, "il-kardinal iż-żgħir." Allura kien juri interess fih biex bħal speċi jkompli, ma jiksrux, bħalma jagħmel ma' kulħadd u qatt ma kien verament ... iħobbu.

James tħawwad. Xi ħaġa bħal iddallmet ġo fih. L-affarijiet ma kinux kif kien jaħsibhom hu. Ħassu ttradut. Ma stennihiex minn Fr. Edwin li jikxef ma' xi ħadd barrani, imbagħad ma' tifla, dwar dak li kien jafdalu, li tant tkellmu fuqu, ix-xewqa kbira li xi darba, sena oħra, jekk Alla jrid .... .

Jiftakar li reġa' ħares lejha u ried jgħid xi ħaġa iżda kif seta'? Moħħu kien geġwiġija waħda. Baxxa rasu, gemgem xi ħaġa minn taħt l-ilsien, ħa l-platti fil-kċina u bla kliem u bla sliem ħareġ mill-bieb tas-sagristija u ħarab jiġri lejn id-dar.

—

"Aħjar ma mort xejn," newwaħ James waqt li kompla jgħaddas rasu aktar 'l isfel fl-imħadda. Minn ħin għal ieħor ħass li kien se jinfaqa' jibki iżda żamm għax ma riedx lil ommu tisimgħu .... Ħaqq id-dimonju, aħjar ma mar xejn! Għada ma jersaqx lejn knisja, biex żgur ma jaraħx! Kemm deher ferħan qisu sejjer il-ġenna minflok f'pajjiż mimli għaks. U kemm dam ġej biha l-provinċjal biex jgħid erba' kelmiet u jfaħħru għas-sagrifiċċju kbir li ser jagħmel. Laħaq kesaħ l-ikel allavolja James lanqas biċċa ħobż ma daq. Mhux bħall-oħrajn għax sa l-inqas farka laqqtu, Alla jbierek. Min jaf is-soru xammitx ir-riħa ta' għaraq ta' Fr. Mizzi iferrgħalha tazza wara l-oħra mill-inbid li qal li hu stess kien għasar? Żewġ bastimenti bħal dawk, x'ma jagħsarx! Mid-dehra għoġobha għax wiċċha skarnat kien u ma waqfitx minuta ttaqtaq. Tal-klawsura mhix żgur.

Ħaqq id-dimonju! Aħjar ma mar xejn. Għada ma jmurx żgur. U la pitgħada u lanqas pitpitgħada. Qatt u qatt! Bħal Peter Seychell jagħmel. U bħal ħuh il-kbir li qatt ma jmur knisja. Hux mażun tgħajru ommu u bħalu mażun isir! U jista' kulħadd u kollox imur jixxejjer .... Fr. Mizzi, il-*brother* u Fr. Edwin ukoll

. . . . Kollha makakki, sewwa jgħidu . . . . Kulħadd, bil-knisja b'kollox . . . . Bil-Vatikan b'kollox. . . . Ħaqq id-dimonju! Ħaqq . . . id-dimonji!

---

*"Int l-abbati li sejjer il-Vatikan?"*

*Għajnejha ċari blu, u xagħarha isfar bħal tat-tfal Ingliżi li meta rahom Gregorju l-Kbir sejħilhom "anġli tas-sema"... u bħal jarmi fwieħa ta' lariنġ magħsur.... Kellha ħarsa, hekk, bħal tiġbdek ... xufftejha ħomor niedja jleqqu .... Ħaqq id-dimonju! Kien ħarab qisu xi tifel żgħir.... X'seta' rrispondieha dak il-ħin? Anki issa jaħseb fuqha qalbu qiegħda terġa' tħabbat sitta sitta .... U għandu bħal tferfir taħt żaqqu qatt ma ħass hekk .... "Int l-abbati li sejjer il-Vatikan?" Fr. Mizzi kien avżahom darba fuq dawk it-tfajliet żienja, bla mistħija ... id-dnub ... id-dnub taż-żina ... iż-żina x'inhi, Fr. Edwin?*

*Kemm kienet sabiħa! Ħaqq id-dimonji! Kemm hi sabiħa ... Clarissa! Clariss-a! Tgħid nerġa' naraha? Min jaf ta' x'ħin kienet tisma' quddies? Ħaqq id-dimonju .... Tgħid nerġa' naraha?....*

# L-Eħrex Ġurnata tal-Gwerra

Maurice Mifsud Bonnici

Is-6 ta' Awwissu, 2003

GHALKEMM MALTA bdiet iġġarrab l-effetti koroh tal-gwerra fil-11 ta' Ġunju, 1940, l-għada li l-Italja tat l-ultimatum lir-Renju Unit u lil Franza, l-attakki mill-ajru ħraxu minn mindu l-ajruplani Ġermaniżi niżlu ġewwa Sqallija f'Diċembru, 1940. L-ewwel attakk qawwi tagħhom ġarrabnieh fis-16 ta' Jannar, 1941 meta attakkaw b'ajruplani ta' tipi ġodda għalina u b'sistemi li ma konniex imdorrijin naraw. Kienu attakkaw l-*Illustrious* fil-Port il-Kbir. L-attakki, xahar wara ieħor, baqgħu għaddejjin fuq skala aktar baxxa mill-ewwel attakk, iżda meta waslu x-xhur ta' Marzu, April u nofs Mejju tas-sena 1942, dawn l-attakki laħqu l-eqqel tagħhom.

Ħafna minn dawn l-attakki, u oħrajn qabilhom u warajhom, rajthom iseħħu minn fuq il-bejt tad-dar tagħna f'Ħal Lija, fi Triq Sant'Andrija, numru 49 (fejn ukoll twelidt jien). Ta' dak kollu li rajt żammejt djarju li minnu sejjer nagħti ġurnata li, fl-opinjoni tiegħi, attakkaw fiha l-akbar numru ta' ajruplani ta' l-għadu. Din kienet it-TLIETA 7 TA' APRIL, 1942. Dak iż-żmien kont tliet xhur 'il bogħod milli nagħlaq 16-il sena. Kont ktibt hekk:

"Fir-rejd li daqq fid-9.14 a.m. u spiċċa fl-10.37 a.m. għall-ħabta tal-għaxra nieqes kwart, madwar 80 ajruplan tal-bumbardament attakkaw prinċipalment il-Port il-Kbir. Fl-ewwel mewġa 14-il JU 88 (*Junkers*) daħlu mit-tramuntana bid-direzzjoni lejn nofsinhar u kif qabżu lil Ħal Lija, tnejn minnhom iddajvjaw

fuq Birkirkara, aktarx fuq il-batterija (kanuni ta' kontra l-ajruplani) ta' Fleur de Lys. L-oħrajn daru u waqt li kienu qegħdin jitbaxxew għal fuq l-ajrudrom ta' Ta' Qali, erba' minnhom kif reġgħu waslu fuq Ħal Lija, sparaw bomba kull wieħed bħal dawk il-bombi *rockets* li tefgħu darbtejn oħra qabel.

"Din id-darba, minħabba li sparawhom kważi minn fuq rasna biex jevitaw il-baraxx qawwi li laħaq tela' fuq Ta' Qali, stajna naraw bħal ġamra nar ħierġa minn wara dawn il-bombi, b'serbut ta' duħħan abjad ħafif. Il-ħoss ta' tvenvin kien jinstema' qawwi. Il-bombi splodew ġo Ta' Qali qabel ma l-ajruplani l-oħra tefgħu l-bombi tagħhom fuq l-istess objettiv bil-metodu konvenzjonali. Kienu jidhru u jinħassu li dawk il-bombi speċjali kienu ta' kalibru akbar mill-bombi li tefgħu l-ajruplani l-oħra. Id-daħna tagħhom kienet sewda faħam. Aktarx kienu bombi ta' l-2,000 libbra. Dawn l-erba' ajruplani li evitaw li jidħlu fil-baraxx daru għal fuq in-Naxxar waqt li l-oħrajn li daħlu fil-qalba tal-baraxx qawwi, wara li tefgħu l-bombi tagħhom minn għoli ta' xi 600 pied, qabdu d-direzzjoni ta' Ħad Dingli. Meta l-ajruplani ta' l-ewwel kienu għaddejjin minn fuq rasna ġo baraxx mhux daqshekk qawwi, aħna dħalna taħt it-tromba tal-bejt u qgħadna nittawlu mill-bieb tagħha waqt li bdejna nisimgħu x-xrapnels (biċċiet tal-ħadid ta' l-isparar tal-kanuni tagħna) niżlin b'ħoss ta' tferfir madwarna.

"Waqt li kien għaddej dan l-attakk ajruplani oħra kienu qegħdin jitfgħu l-bombi tagħhom fuq il-Port. Dawn daħlu minn direzzjoni differenti u kienu jgħoddu xi 60 ajruplan. Aħna rajna biss JU88s li għalkemm iddajvjaw minn għoli ta' xi 15-il elf pied, ma niżlux baxx aktar minn xi 5,000 pied avolja l-baraxx fuq il-Port ma kienx qawwi ħafna minħabba li fl-istess ħin kien hemm ieħor fuq Ta' Qali.

"F'rejd ieħor f'din l-istess ġurnata wara li daqqet is-sirena fis-2.05 p.m., 7 qtajja' ta' JU88 u qatgħa waħda ta' JU87 attakkaw fl-istess ħin il-Port il-Kbir, l-ajrudrom ta' Ħal Luqa, il-batteriji ta' Fleur de Lys u x'aktarx dik ta' Ħaż Żebbuġ u ta' Tarġa Gap kif ukoll Manoel Island. Minħabba li l-baraxxijiet kienu mifruxa, dawn ma kinux qawwija f'dawn il-lokalitajiet kollha. L-ajruplani għalhekk abbużaw billi jinżlu fil-baxx aktar mis-soltu. Innotajna li din it-tattika li jattakkaw aktar minn post wieħed fl-istess ħin, dan l-aħħar il-Ġermaniżi bdew jużawha ta' spiss. Innotajna wkoll li l-iStukas (JU87 li jiddajvjaw vertikalment iżda li ma humiex ħfief daqs il-JU88) qed jintużaw mill-inqas. L-*all clear* daqq fit-3.20 p.m. Dan kien it-tieni l-akbar attakk mill-bidu tal-gwerra sa dak il-ħin u li fih ħadu sehem 'il fuq minn 100 ajruplan tal-bumbardament barra n-numru kbir ta' fajters li kienu qegħdin jiskurtawhom

mill-għoli. L-attakk akbar minnu kien sar fl-20 ta' Marzu, 1942, wara li niżlet ix-xemx, meta madwar 200 ajruplan ibbumbardjaw Ta' Qali wara li fih kienu niżlu l-iSpitfires li kienu għadhom kemm waslu minn barra (dan kien l-ewwel attakk tad-dinja ta' *carpet bombing*). F'dan l-attakk, li kien il-ftuħ ta' l-offensiva Ġermaniża fuq Malta, kienu nqerdu kważi l-iSpitfires kollha li kienu f'dak l-ajrudrom.

"Tard wara nofsinhar ta' dil-ġurnata ħarxa, ftit wara s-sitta, fir-rejd li daqq fil-5.55 p.m. u li spiċċa fis-7.19 p.m., numru kbir ta' ajruplani tal-bumbardament Ġermaniżi attakkaw mewġa wara mewġa bla waqfien, prinċipalment il-Belt Valletta, għalkemm tefgħu xi bombi fuq il-Port. Dan kien jidher li kien attakk intenzjonat biex jeqred lill-Belt tagħna. L-ajruplani daħlu l-aktar minn fuq Tas-Sliema u l-bqija minn direzzjonijiet differenti. Bdew jiddajvjaw mid-direzzjonijiet kollha f'livelli differenti. L-attakk kien jidher li segwa pjan stabbilit, għax kieku ma kienx hekk kien ikun hemm xi ajruplani li kienu jidħlu f'xulxin. Il-baraxx kien qawwi għal xi għoxrin minuta mingħajr ma jaqta' xejn.

"Il-Belt dehret imgeżwra f'daħna ta' trab li warajha kienet qiegħda taħbi l-ħsarat li wieħed seta' jimmaġina li l-bini tal-Belt ġarrab. Kien impossibbli tgħodd l-ajruplani li ħadu sehem f'dan l-attakk feroċi li kien wieħed mill-akbar li ġarrabna s'issa. Wieħed jista' biss jikkalkola li attakkaw madwar 200 ajruplan tal-bumbardament. Filgħaxija sirna nafu li f'dan l-attakk iġġarrfu l-bini tat-Teatru Rjal, l-Auberge de France, it-turretta ta' Kastilja li fuqha kienet titla' r- *red flag* li kienet tagħti l-allarm li l-għadu kien wasal fil-qrib, u bosta bini ieħor ġewwa l-Belt.

"Illum ġarrabna l-ġurnata li fiha ħadu sehem l-akbar numru ta' ajruplani tal-bumbardament Ġermaniżi, 'il fuq minn 350 wieħed. Dawn donnhom riedu jiċċelebraw, b'dal-mod barbaru fuq il-Belt prinċipali tagħna, il-fatt li fir-rejd ta' bejn is-2.05 u t-3.20 p.m. Malta sofriet l-2,000 rejd mill-bidu tal-gwerra.

"Is-sirena llum, bħall-bieraħ, daqqet 12-il darba. L-itwal intervall ta' bejn l-allarmi kien ta' tliet sigħat u 28 minuta u l-iqsar kien ta' 26 minuta. L-itwal allarm kien ta' siegħa u 49 minuta u l-iqsar ta' għaxar minuti. L-ewwel rejd daqq fis-1.35 a.m. ta' billejl fil-bidu tal-ġurnata u l-aħħar wieħed spiċċa f'nofsillejl u 35 minuta."

# Marija

Lino Spiteri

L-GĦADA WARA NOFSINHAR sar jaf mingħand ommu li kienet mietet.

"Ara x'qala' l-baħar," qaltlu, bilkemm għadu daħal mill-għatba 'l ġewwa. "Dan x'kien?"

Beda se jgedwed xi ħaġa, iżda ma tagħtux ċans. Qisha kellha seba' mitt sena biex tiftħilha.

"Jaqaw smajt? Għalhekk ersaqt 'il hawn? Dik il-qaħba mietet," kompliet mingħajr xinxilli xejn.

"X'inhu? Min?"

"Dik," qaltlu, turi ruħha bierda kemm tista', taħbi t-tmasħin qadim ta' ġewwa fiha. "Tilgħabhiex li nsejtha – dik il-qaħba."

Ommu dejjem hekk baqgħet tirreferi għall-ewwel mara li daħlet f'ħajtu, Marija, it-tfajla ta' maġenbhom li kienet tmur għandhom taħslilha l-art, li magħha spiċċaw biex faru x-xewqat li kienu jixegħlu fih kull meta kien jaħseb fuqha, iktar u iktar xħin ikunu qrib xulxin meta tmur għandhom, u li sab li hi fiha kellha wkoll l-istess xewqat għalih. Ma ħafritilha qatt talli kienet hi li tat lil binha tifsira oħra ta' mara barra dik ta' omm li ma kellha ebda wild ħliefu, u li xtaqet iżżommu kollu kemm hu għaliha.

Baqgħet sa ma lit-tfajla ħammġitha ma' ommha stess, armla hi wkoll. Qaltilha li bintha kienet serqitha ġewwa darha, iżda ma fissritilhiex li dak li ħaditilha tabilħaqq Marija kien lil binha, li ż-żewġ żgħażagħ kienu taw l-innoċenza tagħhom lil xulxin.

Lit-tfajla harġitha bħala ħalliela. Ma ddardritx, imbagħad, milli tibda xxerred diskors dwar x'qalet hi li saret taf li Marija tagħmel ma' missirijiet u ġuvintur ta' oħrajn li kienet tmur issefter għandhom ukoll biex taqla' xi ħaġa ħalli tgħin lil ommha.

It-tfajla tgħallmet tista' tgħid mil-lum għal għada li l-kelma kerha tiġri u tinfirex bil-ħeffa, kif jaf jiġri u jinfirex il-ħaxix ħażin. F'qasir żmien sabet li ma kien fadal ebda familja li lesta li tibqa' tqabbadha f'darha u ma setgħetx tibqa' taqla' xi ħaġa billi tmur issefter. Qatgħetha li tidħol taħdem f'fabbrika. Hemm ukoll sabet li s-seksik dwarha beda meta bilkemm għadha waslet hi, kif urewha l-botti niffieda ta' tfajliet oħra u l-kliem goff ta' ġuvintur u rġiel li ma ridux iħalluha bi kwietha.

Telqet minn dar ommha wara li ħajjarha wieħed minn dawk l-irġiel stess, jiġi missierha fil-wisa', li ma damx ma ra kif għamel biex jindiehes magħha. Kien sema' fuqha mingħand ħabiba tiegħu, toqgħod fl-istess raħal ta' Marija, mhux wisq bogħod mill-isqaq tagħhom, li żewġha kien jaħdem barra l-pajjiż u hu kien iżurha fis-satra tal-lejl.

"Fil-fabbrika qiegħda titbagħal bla ħtieġa, barra l-kliem li qegħdin jgħidu fuqek," kien fesfsilha. "Xi trid tibqa' tagħmel hawn? La xorta qegħdin jgħidu bik, hemm mod eħfef kif iddaħħal ħafna flus iktar milli jtuk hawn, għaddejja fuq il-magna bla nifs."

Ħajjarha tmur f'kamra li, qalilha, lest li jarmalha f'Tas-Sliema, u spiċċat biex hekk għamlet.

"Taħsibx li hawn Strada Stretta jew il-Gżira, int ma jixraqlikx hekk," qalilha r-raġel bi tbissima mċarrta meta ħadha fiha, u mbagħad, bla ċerimonji xejn, urieha iżjed mid-dinja tiegħu li qabel kien għammidha fiha fl-għeluq tal-karozza fid-dalma ta' triq imwarrba qrib l-għelieqi.

Beda jressqilha rġiel oħra mill-għada stess. Għall-ewwel beda jwassalhom hu, imbagħad bdew ġejjin weħidhom, mibgħutin minnu, iħabbtulha, jinqdew u jitilquha, min ikun stmaha qisha landa taż-żibel, rema u telaq, min gidimha selvaġġ għax b'hekk biss jitqanqal, min taha bil-ponn fejn ġie ġie fid-dagħdigħa aħħarija, u kultant xi wieħed jispiċċa jgħajjat belhani, "Inħebbek, ajma qelb ta' qelbi kemm inħebbek!"

Fit-triq tagħha fir-raħal ma setgħetx tersaq iżjed wara li darba marret għand ommha u din keċċietha 'l barra, twerżaq bħal miġnuna sa fuq l-għatba, u ċorma tfal ġrew warajha jgħajruha, isaffrulha u wħud minnhom iħaġġruha bla ħniena. Fil-bqija tar-raħal ma kellhiex għand min tmur li jkun irid jilqagħha. Id-dinja kollha tagħha saret kamritha f'Tas-Sliema.

Sakemm, raġel iżgħar minn dak li ħaddimha l-ewwel mar għalih waqt li kien fil-kamra għandha, akkużah b'ħafna dagħa u kliem ħażin li kien daħallu fl-għalqa tiegħu, tah xebgħa u qattgħu b'mus, ħallieh għal mejjet, u mbagħad, dak il-ħin stess, ħadha miegħu lejn kamra oħra f'appartament fejn kellu jaħdmulu żewġ nisa oħra.

"Imma int togħġobni iżjed mit-tnejn li huma, int isbaħ minnhom it-tnejn f'daqqa u rrid insibek lesta meta jkolli aptitek," kien qalilha. "Lil dawk li nibda nibgħatlek agħtihom b'kemm iħallsu — imma ara li ma jfettillek tħoss xejn għal ħadd ħlief għalija, għax inċarratlek ħaddejk, naqtagħlek sider barra u ħadd ma jkun jiflaħ iħares lejk iżjed."

Ġibed waħda faħxija biex itenni li, tabilħaqq, hekk jasal li jagħmlilha, u taha daqqa ta' ħarta bil-maqlub ta' idu ħalli ma tmurx titħajjar taħsbu li qiegħed jiċċajta, jew tinsa t-twiddiba ħarxa tiegħu. Minn daqqa waħda malajr ġew oħrajn, u kompla jagħtiha mhux bil-ħarta biss, iżda bl-irkobba f'żaqqha wkoll, is-sinjali bikrija ta' kif ikun jista' jitħejja għaliha, għax dak li jqanqlu.

Nenu sar jaf wara ħafna żmien fiex spiċċat Marija. Qaltlu ommu stess, ir-rigal tagħha lilha nnifisha qabel ma żżewweġ u ħalla darha.

"Qiegħed tara," lissnitlu ras imb'ras lejlet it-tieġ, "qiegħed tara! Għax smajt minni se jkollok mara serja, mhux bħal dik il-qaħba li kienet tilfitlek għaqlek."

U dettal b'dettal, qaltlu kulma kienet saret taf fuq it-tfajla, li ma qatgħet qatt ixxammem dwarha ħalli tara x'tista' ssib fuqha.

Li kien għal ommu Nenu ma kienx iħares lejn mara oħra, kien jibqa' kollu kemm hu għaliha u ma jinqata' qatt minn ma' djulha. Iżda, biż-żmien, għarfet illi, gerrxitu kemm gerrxitu hi milli jersaq lejn tfajliet oħra hu u jikber, la darba kien daq il-frotta mhux se jibqa' għal dejjem mingħajrha.

L-omm għarfet dan u rat kif għamlet biex, għallinqas, lil binha tressqu lejn waħda li, iva, jitlaq mid-dar biex ikun magħha, iżda bla ma tisirqu lilha għal kollox bħala ommu. Sabitlu waħda li taf li toqgħod għal li tgħidilha hi bla ma qatt ifettlilha tippinna magħha, kif kienet għamlet Marija meta hi qabditha fil-fatt ma' Nenu, darba waħda xħin ġiet lura d-dar minn qadja barra r-raħal qabel kien mistenni.

U meta waslet is-siegħa li binha jħalliha biex jitlaq ma' martu, dawret l-aħħar dawra tal-muftieħ biex għal dejjem taqflu barra minn dik it-tfajla li hi bagħdet u baqgħet tobgħod bla heda jew ħniena tul il-mogħdija tas-snin.

"Qiegħed tara kemm kelli raġun f'li għidtlek lejlet li żżewwiġt," temmet,

wara li fissritlu tikka b'tikka kif semgħet li mietet Marija. "Dik qaħba – minn ċkunitha hekk kienet."

Għalkemm lilha qatt ma qalilha xejn b'dan, dak li beda jisma' fuq Marija tul is-snin kompla dallam l-istampa li kienet pinġietlu ommu qabel iżżewweġ. Irġiel oħra fejn kien jaħdem ġieli tkellmu fuq il-mara bla ma jagħrfu kemm kien jafha hu, jiftaħru li semgħu biha, resqu lejha u krewha huma wkoll u sabu li, tabilħaqq, tiswa kull lira li ħallsu għaliha, m'hemmx x'ma tagħmilx minn dak li tkun trid mingħandha, basta tħallasha.

Qisu bil-magħmul, quddiemu kienu jitkellmu fil-miftuħ, anki jinkuh u jħajruh imur iduqha hu wkoll, bl-ebda mod ma jobsru li Nenu kien jafha bħala mara ħafna qabel ma ntemmet fil-ħajja fejn saru jixtruha huma qisha tazza nbid. Darba, f'għeluq żmienu, riedu jeħduh għandha magħhom bħala rigal.

"U ma tarax," kien iddieħek sieħbu, li miegħu ġieli fetaħ qalbu kemm baqgħet issus fuqu ommu, "li kellu jersaq lejn waħda bħal dik, Nenu mhux martu toqtlu, imma ommu!"

Darb'oħra kien ħassu jiksaħ silġ għal li bdew jgħidu dwarha dakinhar u wasal biex kien se jitlobhom jgħidulu fejn kienet tkun. Iżda gidem ilsienu, għalkemm ġewwa fih ma rnexxilux iliġġem it-tqanqil qalil li ħakmu, u spiċċa biex telaq jinħeba waħdu, fejn seta' jaqla' u jaqla' fwiedu.

"Dik laqqtitha fl-aħħar," kien qal wieħed minn sħabu li ma kienx ikollu sabar ħalli jaħbi minn martu biċċa mill-flus li jaqla' mis-sahra, meta jkollhom, u jonfoqha fuq xi waħda bħal Marija. "Dak li jħaddimha għamilhielha. Żammet xi flus moħbija minnu minħabba ż-żewġ bgħula li għamlulha u ta tagħlima biha lin-nisa l-oħra li jħaddem, ħalli ma jmorrux jitħajru jagħmlu bħalha. Gidmilha biċċa minn imneħirha barra, temmen! U ma waqafx hemm, lanqas: fetħilha wiċċha b'xafra. Jien ngħid għalija daqshekk ersaqt lejha, qaluli li saret biċċa kruha m'hawnx bħalha. Li kelli naraha, lili tqallagħni!"

Fis-snin ta' wara ftit sema' iktar fuqha, ħlief li baqgħet fit-triq tan-niżla. Saret taħdem għal rasha, liebsa maskra biex taparsi toffri misteru flimkien ma' servizzi bla rażan. Iżda klijent fis-sakra darba minnhom ċarrtilha l-maskra minn fuqha, rama jidgħi mitluf malli ra kif kien sfigurat wiċċha, fajrilha bil-ponn u taha bis-sieq kull fejn seta' jolqotha.

Spiċċat, Nenu sema' maż-żmien, tlaqqat li tista' bħala bagħla tal-ġarr fit-tqassim tad-droga, tieħu xi tagħbija ta' l-ispaċċaturi minn xi klijent għal ieħor.

Xħin, wiċċha mġebbed imma għajnejha jibbru bis-serħan li fl-aħħar ħasset fil-qiegħ ta' ruħha, ommha qaltlu li lil Marija sabuha fil-gorboġ fejn kienet

tgħix, bil-polz ta' idha mċarrat u d-demm li ħareġ minnu qegħdin jilagħquh il-ġrieden, kesaħ silġ u nbala'. Hassu jinqata' minn ġewwa u fl-istess ħin, irid jinqata' minnu nnifsu, mill-bniedem li xtaq li ma sarx.

Lil ommu ħasadha hekk kif ta daqqa ma' wiċċu bil-pali ta' jdejh it-tnejn, għajjat maħnuq, "Għaliex! Għaliex!" u beda jagħti iżjed kemm jiflaħ fuq wiċċu, daqqa waħda wara l-oħra.

"Qiegħed titlef int?" werżqet. "Qiegħed jiddispjaċik għal dik? Mara ħażina bħalha għid li d-dinja ħelset minnha, mela jiddispjaċik għaliha!"

Hi u tispiċċa l-kliem inġibdet lura taħt il-qilla li leħħet f'għajnejn binha, hekk li stennietu se jibda jsawwatha kif għaqqad il-ponnijiet u għolliehom lejn wiċċha. Iżda minflok, beda jagħti bihom fuq il-ġnub ta' ngħasu.

"Għaliex!" karab mill-ġdid, issa bilkemm jinstema'.

L-omm ma setgħetx tkun taf li l-mistoqsija Nenu kien qiegħed jagħmilha lilu nnifsu, jiftakar bla ma qatt se jkun jista' jinsa li l-jum ta' qabel Marija ċemplitlu fuq il-post tax-xogħol.

"Hawn waħda tixtieq tkellmek," qallu sieħbu. "Ma tridx tgħid min hi. Jaqaw, jaqaw – bdejt tfarfar rixek fl-aħħar?"

"Nenu?" staqsieh leħen mitfi fit-telefon ma' widintu.

"Iva, min int?"

"Marija ..."

"Min ...?" tenna, jiġġenneb ħalli jagħti dahru lil sħabu.

"Marija ... ta' ħdejkom ... tiftakarni?"

"Xi trid ...?"

"Għandi bżonn l-għajnuna, Nen ... qiegħda waħdi ... bla saħħa ... ma fadalli xejn ... . Anki t-tfal ħaduli ... ."

Hassu jibda jirtogħod, iżda ma qal xejn.

"Nen, qiegħed tismagħni? Tgħidx kemm ilni nfittex fejn nista' naqbdek bla ma jarawni. Għinni Nen, f'ġieħ tfulitna, m'għandix fuq min indur ... ."

Kliemha bilkemm kien jinstema' iżda d-damdim f'moħħu ma radmux. Fehem x'qiegħda tgħidlu. Ried jistaqsiha kif sabet fejn tista' ċċempillu, fejn toqgħod, x'jista' jagħmel għaliha. Iżda fil-geġwiġija ta' ħsibijiet f'xulxin f'moħħu wasal biss biex, bla kliem jew sliem, qiegħed it-telefon f'postu, u dar 'il hemm minn fejn kien, abjad karti.

"Min kienet dik?" iddieħku sħabu. "Jaqaw, mutu mutu u għandek qrun fil-but?"

Ma wieġeb xejn, ma jridhomx jaraw ir-rogħda li ħakmitu. Ftit wara ra kif għamel u lill-imgħallem qallu li ħassu ma jiflaħx, jeħtieġlu jmur id-dar, u telaq

minn fuq ix-xogħol, idur 'l hemm u 'l hawn bħal mitluf, sa ma fl-aħħar mar lejn daru, ma jwieġeb xejn milli tistaqsih il-mara ħlief biex jgħidilha li mhux f'siktu, li jixtieqha tħallih fil-kwiet, dieħel fis-sodda.

L-għada ħareġ kmieni bħas-soltu, iżda ma marx għax-xogħol. Telaq jimxi fil-wied ta' barra r-raħal, ma jistax isib tarf tat-tqanqil u t-taqlib li baqa' jaħkmu, ma jafx x'jista' jaqtagħha li għandu jagħmel.

Seħet lilu nnifsu talli lil Marija qatgħalha t-telefon hekk, bla mqar biss staqsieha fejn qed toqgħod ħalli jkun jista' jżurha. Imma beża' jmur ifittixha.

Wara sigħat idur fil-vojt, mar għand ommu, jixtieq mhux li jara lilha iżda li jkun fir-rokna tar-raħal fejn trabba, fejn kibru hu u t-tfajla, fejn għarfu u tilfu lil xulxin.

Ommu lanqas biss intebħet f'liema stat kien binha meta daħal.

"Dik il-qaħba mietet," qaltlu bi bruda li xxoqq.

Il-bruda ma telqetx minn leħenha hi u tfissirlu kif kienet intemmet il-mara, imma għabet xħin ħasbet li se jerfa' jdejh fuqha. Meta mbagħad rat li mhux dak kien ħsiebu, sparat kliemha mill-ġdid, iniggeż u jaqta' iżjed minn qabel.

"Għal dik qiegħed jiddispjaċik, ja miġnun? Dik kienet agħar mix-xejn! Dik qaħba!"

Id-damdim ġewwa fih ma naqasx, imma kliemha jaqta' fetaħlu l-bieb biex joħroġ il-ħsieb li kien qiegħed jinfdu minn ġewwa.

"Dik għalija kienet kollox," lissen. "Kollox! Int ħadthieli u minn hemm 'l hemm, int ma sirt xejn għalija – int, mhux hi."

"Istħi!" werżqet ommu tersaq lejh b'idejha t-tnejn mgħollijin lejn wiċċu. "Istħi minnek innifsek, bqajt demmek imħassar minnha wara das-snin kollha!"

Qabad idejha f'tiegħu, iżommha 'l hemm minnu.

"Nistħi, iva għandi mniex," għajjat maħnuq. "Fittxitni, u tajtha dahri .... Bil-ħdura tiegħek għamiltni ġifa bla ġieħ, ma .... Għaliex, għid, għaliex ..." karab, hu u jarmiha 'l hemm minnu, isabbatha mal-ħajt ....

# Ikla

Trevor Żahra

ĠOD-*DRESSER* TAL-*PITCH-PINE* FIL-KĊINA, is-sett ta' l-ikel kien dejjem jittawwal minn wara l-ħġieġ. Sett abjad b'girlanda fjuri lilà mal-bordura, bil-platti weqfin fuq ix-xifer, platt wara platt bħal pakkett gallettini; bl-istanjata tal-kafè fin-nofs, bil-buqar tal-ħalib, iz-zukkariera, il-kikkri, il-plattini... kollox abjad karti, bil-għaqal u bravu jittawwal sieket minn wara l-ħġieġ.

Is-sett ta' l-ikel kellu post vantaġġjuż fil-kċina. Mill-għoli tad-*dresser* kien iġib kollox taħtu. Xejn ma kien jaħrablu. Jara u jisma' u jifli u jtiegħem kollox. Ħaġa waħda biss ma kienx jista' jara. L-arloġġ. Dak kien imdendel sewwa sew fuq id-*dresser* u għalhekk qatt ma seta' jarah. Imma kien jisimgħu. Ġo dik il-kċina kbira, armata bil-kuker u l-*microwave oven*, bil-friġġ u d-*dishwasher*, qatt ma kien jiġri xejn. Jew kważi. Il-ħoss waħdieni t'hemm ġew ma kienx dak taċ-ċips tfaqqa' burraxka ġo taġen żejt, lanqas tal-kawlata tbaqbaq, jew tal-kafè jtektek. Kien biss il-ħoss imniegħes ta' l-arloġġ.

Imbagħad kien hemm il-mejda: kemxejn tawwalija b'sitt siġġijiet madwarha; wieħed f'kull ras u tnejn f'kull ġenb. Mejda battala. Kull meta ħarstu taqa' fuq dik il-mejda, is-sett ta' l-ikel kien jaħbat jitħarrek. Il-girlandi tal-bordura jaqbdu id f'id, l-istanjata tal-kafè timtela bil-fwar u l-ħġieġ tad-*dresser* jittappan. Is-sett ta' l-ikel kien dlonk jinfexx jgħix it-tifkira ta' snin ilu; taż-żmien meta huwa ma kienx ikkundannat jgħix għal dejjem ġo ħabs tal-ħġieġ. Meta fil-Ħdud u l-festi kien jinżel jiġri mill-ixkafef tad-*dresser* biex jintelaq

fuq ħanintu t-tvalja l-bajda tal-bizzilla u hemm iwettaq dak li nħoloq għalih. U t-tifkira minnufih issaħħanlu qalbu bil-ħeġġa tat-timpana, bil-fwar tal-laħam il-forn, bis-samta tas-soppa tal-piżelli, bid-daħk, biċ-ċajt, biċ-ċekċik, biċ-ċempil, bit-tektik.

Illum sab ruħu għall-wiri. Irtirat. Jonqos biss li quddiemu jwaħħlulu tabella: *Sett ta' l-Ikel ta' 50 biċċa. Alpine White. Ironstone. Wood & Sons. England.* U l-kċina saret mużew. Dak li nħoloq għall-użu spiċċa għall-wiri. Iċ-ċeramika saret fossila. Imma xi drabi ... kultant ... darba f'mitt qamar ... wieħed mis-siġġijiet ta' mal-mejda kien jiżżerżaq lura u fuqu jintelaq ... il-Barrani!

Fl-ewwel fażi tal-ġrajja, il-Barrani kien ipoġġi mal-mejda b'magg kafè u kisra ħobż mixwija quddiemu u joqgħod bi kwietu jixrob u jqarmeċ u jħares fil-baħħ; lil hinn mid-*dishwasher* battal, lil hinn mill-kuker u l-friġġ. Fil-baħħ ta' l-imbiegħed. Kien jaħbat se jara s-siġġijiet jimtlew u l-mejda tfur. Imma kien jibla' l-kafè bil-ħatfa u jqum bis-salt. Le. Is-sett ta' l-ikel joħlom kemm irid. Imma mhux hu. Hu kien ilu li għalaq il-ktieb u bela' l-pilloli tad-dimensja. U li ma kienx għal dik il-misħuta ikla, kollox kien jibqa' miexi ħarir. Imma darbtejn kuljum l-aċidi ta' l-istonku kienu jibdew igerrmu u kontra qalbu jkollu jmur jiġbed siġġu minn tal-mejda l-battala u jinxteħet hemm bilqiegħda ... jiekol waħdu b'ħarstu tgħaddi żbrixx minn fuq il-kuker u żżiġġ 'il bogħod. U minn taħt il-għajn dejjem jilmaħ lis-sett ta' ħamsin biċċa jittawwallu skantat minn wara l-ħġieġ imtappan tad-*dresser*. Misħut sett. Messu ilu ħataf il-ħamsin biċċa tiegħu u farrakhom f'mija, mitejn, elfejn. Qatt ma basar li dik id-daqsxejn ċeramika taf taħżen fiha memorji aktar minn ċippa tal-kompjuter. U meta darba fettillu ħataf platt f'idu bil-għan li jsabbtu mal-ħajt, il-fjuri lilà tal-bordura ħarsu lejh bil-ħniena u fi mnifsejh sprejjawlu l-fwieħa kollha ġiżimina ta' dari. Le, mhux tort tas-sett ta' l-ikel. Forsi dawk il-pilloli tad-dimensja kienu skaduti. Jew tort tal-mejda. Mela x'inhu. Dik il-mejda kellha madwarha sitt siġġijiet. Kif qatt seta' xi ħadd jokkupa biss post wieħed u jħossu komdu ... b'ħames siġġijiet battala jħarsu biċ-ċiera lejh? Igerrmu kemm iridu l-aċidi ta' l-istonku, ma kienx se jħallihom aktar ikaxkruh lejn dik il-mejda u jġegħluh ipoġġi bilqiegħda penitenza. L-ikla għalih kienet tilfet ir-ritwal. Inbidlet f'parodija. Karikatura. Kien nesa kif il-bnedmin jiċċelebraw kollox b'ikla: għeluq sninhom, l-anniversarji, il-jiem speċjali ta' ħajjithom, il-festi, jum twelid il-Mulej, jum il-qawmien tiegħu u f'kulturi oħrajn saħansitra wara funeral. U kull meta xi mkien is-siġġijiet madwar mejda jimtlew, l-ikla f'salt wieħed titlef ir-*raison d'être* tagħha. Waqt li kulħadd taparsi jfaħħar it-tieba ta'

l-ikel u taparsi jtieghem il-benna ta' l-inbid, fis-sewwa kulħadd ikun qed jikkonsma l-kumpanija, ir-rakkonti, il-ħars, it-tbissim ... boqqa wara boqqa ta' hena. U għalhekk dawk ta' madwar il-mejda arahom jippruvaw itawlu u jġebbdu r-ritwal kemm jistgħu, pawsi twal bejn platt u ieħor. Mid-deżerta għall-kafè, mill-kafè għal-likur, mil-likur għas-sigarri ... bit-tama li dik l-għaqda ta' madwar il-mejda ma tinkisirx. L-iċken skop ta' kull ikla huwa l-ikel.

Il-Barrani dan kien ilu li fehmu. U għalhekk sabbat is-siġġu u ħalef li qatt aktar ma jpoġġi madwar dik il-mejda. Hekk waslet it-tieni fażi. Bħal-Lhud fil-lejla ta' l-Eżodu, beda jiekol bilwieqfa, bil-ħeffa. Jixgħel ir-radju biex jisma' l-kant tas-salmi skond l-aħħar diski tal-klassifika. U bejn gidma u oħra mit-timpana li xtara *take away,* idur mal-kamra, ibattal is-sink mill-platti ta' ġimgħa ilu u jgħabbi d-*dishwasher*, iteftef il-gazzetta, iqalleb il-posta li rċieva ... u ġenbejh imħażżma u l-ħatar f'idu.

Dak in-nhar li fi triqtu lejn ix-xogħol lemaħ kelb jiekol taħt il-bankina, kien waqaf ħesrem iħares lejh. Intebaħ li l-klieb tat-triq biss jieklu waħidhom. L-għasafar tal-bejt, il-ħamiem, it-tiġieġ tal-batterija, il-qżieqeż, il-baqar ... dawn kollha jieklu flimkien imqar fi triqithom għall-qatla. Imma l-kelb tat-triq iċarrat il-boroż taż-żibel u jiekol waħdu, bil-ħeffa u bil-ħornijiet tal-karozzi jpaqpqu ġo widnejh. U ftakar fil-biża' ta' Robinson Crusoe; mhux il-biża' tas-solitudni imma l-biża' li jispiċċa selvaġġ. Ġol-gżira mwarrba tiegħu Crusoe kien ipprova jżomm id-dekor, ir-ritwal. Nitfa integrità. Iżda fil-kċina pulita tal-*pitch-pine* huwa kien qed jinbidel f'kelb tat-triq. U minnufih iġġieled mal-kċina.

Beda jiekol bil-platt ġo ħoġru quddiem it-televixin. Bil-platt fuq banketta quddiem il-kompjuter. Xi mkien, ikun fejn ikun, basta 'l bogħod mill-mejda tar-ritwal. Basta 'l bogħod mill-ħarsa patetika ta' dak is-sett ta' ħamsin biċċa. U hekk il-pilloli tad-dimensja bdew jaħdmu. Forsi ma kinux skaduti daqskemm ħaseb. U kull meta jkollu bilfors jidħol fil-kċina kien jagħmel kollox bil-ħeffa. Il-kuker, id-*dishwasher*, il-*microwave*, il-friġġ f'salt wieħed daru konfoffa kontrieh. "X'erġajt ġejt tagħmel 'l hawn? Ma tafx li mhux postok? Hawn post it-tħawtil. Post ix-xogħol. Post il-ħeġġa. Hawn post l-*ikla* mhux post l-ikel." Is-sett ta' l-ikel biss kien dejjem jixħitlu tbissima u tnehida minn wara l-ħġieġ tad-*dresser*. U sa ma l-*microwave oven* isaħħanlu z-zalza tal-bieraħ, arah jitlaq 'il barra minn dik l-art ipprojbita u jirritorna biss meta ċ-ċempila tal-forn tagħtih permess.

U bil-mod il-mod waslet it-tielet fażi. Beda jagħmel xirjiet kbar ta' ġobniet,

perżutijiet, salami, żebbuġ mimli, zalzett u ġbejniet; jippakkja l-friġġ bihom u meta jasal ħin it-tgerrim ta' l-aċidu, imur b'ġirja jiftaħ il-bieba u hemmhekk, bilwieqfa, ġo kċina mudlama ħlief għar-roqgħa dawl safrani tal-friġġ, joqgħod jibla' gidma ġbejna, żewġ żebbuġiet, slajs perżut ...! Kollox bil-ħeffa waqt li mit-triqat mudlama jgħaddi l-Anġlu tal-Mewt ifittex il-bibien għeriewen minn demm il-ħaruf. Imbagħad malli jagħlaq il-friġġ fil-kċina taqa' dalma kbira. B'hekk l-ebda kuker u *microwave* ma jkunu jistgħu jarawh. Jiżgiċċalhom 'il barra bil-ħeffa. Lanqas is-sett ta' ġod-*dresser* ma jilmħu.

Imma darba reġa' lemaħ lil dak il-kelb tat-triq jissara mal-boroż taż-żibel. U lemaħlu l-għadmiet ta' koxxtejh imqabbżin. Is-sinsla rukkell rukkell. Il-kustilji gabjetta. Tgħid din premonizzjoni? Ir-raba' fażi? Baqa' sejjer b'ġirja waħda lejn is-*supermarket*, ġibed karretta, u beda jaħtaf mill-ixkafef u jgħabbi. Imbagħad ġirja oħra lejn il-kċina, dawwar il-fardal ma' ħżiemu u xammar idejh. Is-sett ta' l-ikel beda joqmos minn wara l-ħġieġ. Ma kellux sabar. Il-kuker baqa' skantat. Beda jqatta' n-nagħniegħ irqiq irqiq ħa jagħmel is-*sauce*. Il-girlandi tal-fjuri lilà saru ħannieqa waħda. Qata' farretti fondi ġol-laħam tal-ħaruf u ġo fihom infilsa s-snien tat-tewm. Il-ħġieġ tad-*dresser* beda jirtogħod. Dilek il-laħam bil-meraq tal-lumi, bil-bżar, bil-klin u bil-butir maħlul. Imbagħad xeħet kollox fil-forn u ħallieh jinħema fuq nar bati.

Sadattant poġġa fil-friġġ iż-żewġ fliexken Orvieto li xtara u fuq il-mejda firex it-tvalja tal-bizzilla. Imbagħad mexa bil-lajma lejn id-*dresser* tal-*pitch-pine* u fetaħ il-bibien tal-ħġieġ. Is-sett ta' ħamsin biċċa bilkemm ried jemmen. Kien ilu s-snin ma jingħaqad mat-tvalja tal-bizzilla. Imma issa, f'ħakka t'għajn sab qalbha miftuħa beraħ għalih u ntelaq jitbahrad fuqha. Il-platt il-fond ġol-platt iċ-ċatt. Il-platt tal-ġenb bis-sarvetta mitwija maqrut fuqu. Imbagħad ġew il-pożati *stainless steel*. It-tazzi tas-sieq. It-tazzi ta' l-ilma. U sa fl-aħħar żewġ xemgħat twal. Bil-mod il-mod il-forn beda jċaqċaq u r-riħa tal-laħam żgiċċat ħelu ħelu minn bejn il-bieba u mill-kċina mewġet bil-lajma lejn is-salott, fejn il-Barrani, bi ktieb oħxon ġo ħoġru, kien qed jaqra Ġwanni Kap XIII.

Issa dalam. Id-dixx tal-ħaruf sab postu f'nofs il-mejda. Ix-xemgħat inxtegħlu. Iż-żewġ fliexken Orvietu wieħed f'kull tarf. Ftit lil hinn mid-dixx tal-ħaruf, kannestru bil-ħobż tal-Malti mqatta' kisriet ħoxnin. Ir-radju mixgħul baxx. Is-sett ta' l-ikel ferħan se jtir. Sa fl-aħħar ... kollox bħal dari.

Il-Barrani jaħtaf il-puġġaman u pass pass jitla' 'l fuq lejn kamartu. Imma qabel ma jagħlaq il-bieb warajh jerġa' jaċċerta ruħu li dawk il-pilloli tad-dimensja ma kinux skaduti. Mir-radju jinstema' ħafif ħafif il-kant tas-salmi. Mit-triqat mudlama l-anġlu jgħaddi jħaxwex. Jieqaf iħares lejn il-blata tal-bieb bajda karti. Jgħolli l-lukkett u jidħol ħelu ħelu.

—

Is-sett ta' ħamsin biċċa qatt ma seta' jifhem l-għaliex ix-xemgħa tħalliet tinħall u togħdos sal-kandlier, l-għaliex l-Orvieto baqa' ma nfetaħx, l-għaliex il-ħaruf tħalla jiksaħ ġod-dixx u jinten b'laħmu u xaħmu, l-għaliex il-ħobż ażżmu bbies, l-għaliex is-sitt siġġijiet ta' madwar il-mejda baqgħu battala, l-għaliex kollox sab ruħu ġo borża taż-żibel u ttiekel mill-kelb tat-triqat. U lanqas ma fehem l-għaliex sab ruħu mill-ġdid wara l-ħġieġ tad-*dresser* ta' kċina siekta u mudlama għal ħafna u ħafna u ħafna snin.

U baqa' qatt ma fehem l-għaliex l-arloġġ ta' fuq id-*dresser* waqaf itektek.

# TRADUZZJONIJIET

# Il-Mara Midinba

storja ta' Albert Camus maqluba
għall-Malti minn
Toni Aquilina

NITFA TA' DUBBIENA KIENET ILHA MHUX ħażin iddur ġewwa x-xarabank avolja l-ħġieġ tat-twieqi kien imtella'. Għad li mhux soltu, kienet ġejja u sejra ttir bla ħoss, mingħajr saħħa. Janine ħarbitilha minn taħt għajnejha, imbagħad ratha tinżel fuq l-id ma titħarrikx ta' żewġha. Kienet il-kesħa. Id-dubbiena kienet titriegħed ma' kull buffura riħ itajjar ir-ramel li kien jobrox mal-ħġieġ. Fid-dawl bati tal-għodwa xitwija, bl-istorbju ta' pjanċi u fusien, il-vettura kienet għaddejja tixxengel, timxi 'l quddiem bil-ħniena. Janine ħarset lejn żewġha. Bil-bżiebeż ta' xagħar bajdani miżmumin 'l isfel fuq ġbin dejjaq, imnieħer wiesa', ħalq imgħawweġ, Marcel kellu bixra ta' fawnu bil-geddum. Ma' kull toqba li sabu fit-triq ħassitu jitħaxken magħha bil-qabża. Imbagħad kien jerġa' jħalli t-toqol ta' ġismu jintelaq fuq riġlejh miftuħin, ħarstu tiċċassa, għaxwi mill-ġdid u moħħu mitfi. Għajr għall-pali ħoxnin u mielsa ta' jdejh, imċekknin ħafna aktar bil-flokk tal-flanella griż itwal mill-kmiem tal-qmis u mrikkbin fuq il-polzi, xejn ma deher qed jiċċaqlaq. Tant kienu qed jagħfsu b'saħħa valiġġa ċkejkna tal-luna miżmuma bejn irkubbtejh li ma dehrux iħossu d-dubbiena teqleq biex timxi.

F'salt wieħed instema' r-riħ ivenven waħda sew u ċ-ċpar minerali madwar ix-xarabank sar aktar sfiq. Issa r-ramel beda ġej koċċ koċċ u jaħbat bis-saħħa fuq il-ħġieġ qisu qed jitwaddab minn idejn mistura. Id-dubbiena tertret ġewnaħ, intlewiet fuq saqajha u taret lil hemm. Ix-xarabank naqqset mill-ħeffa u kienet għoddha waqfet. Ir-riħ imbagħad deher qed ibatti, iċ-ċpar jeħfief xi ftit u

l-vettura reġgħet żiedet fil-mixi. Bdew jinfetħu rqajja' ta' dawl tul il-pajsaġġ mgħarraq fit-trab. Żewġ jew tliet siġar tal-palm nexfin u bojod, qishom maqtugħin ġol-metall, tfaċċaw f'daqqa waħda quddiem it-tieqa biex imbagħad għebu sekonda wara.

"X'pajjiż dan ukoll!" qal Marcel.

Ix-xarabank kienet mimlija Għarab għal taparsi reqdin, imleffin fil-braneż tagħhom. Uħud minnhom kienu tellgħu saqajhom fuq il-maqgħad u bdew jitbandlu aktar mill-oħrajn maċ-ċaqliq tal-karozza. Is-skiet u l-bruda tagħhom spiċċaw biex kiddewha lil Janine, ħassitha li kienet ilha tivvjaġġa jiem sħaħ ma' dik l-iskorta muta. Madanakollu x-xarabank kienet telqet mas-sebħ, mit-terminus tal-ferrovija, u għal sagħtejn fir-reżħa ta' filgħodu, baqgħu għaddejjin fuq medda kbira ta' art watja, ġeblija u ħawlija, li ta' l-anqas fil-bidu tal-vjaġġ, kienet twassal f'linji dritti minn xefaq ħamrani għall-ieħor. Imma mbagħad qam ir-riħ li ftit ftit bala' l-wesgħa ta' art kbira bla qies. Minn dak il-waqt 'il quddiem, il-passiġġieri ma kienu raw xejn aktar; wieħed wara l-ieħor għalqu ħalqhom u qagħdu jbaħħru fis-skiet qishom f'xi lejl bla rqad, xi mindaqqiet jimsħu xufftejhom u għajnejhom ħomor bir-ramel li ffiltra ġewwa l-karozza.

"Janine!" Għall-għajta ta' żewġha ħassitha tinqata' minn ġewwa. Għaddielha minn rasha kemm dak l-isem ma kien joqogħdilha xejn, twila u mibruma kif kienet. Marcel ried ikun jaf fejn kienet tinsab il-valiġġetta bil-kampjuni. Esplorat b'saqajha l-ispazju vojt taħt il-maqgħad, messet ma' oġġett u qatgħetha li kienet il-valiġġetta. Fil-fatt ma setgħetx titbaxxa mingħajr ma taqta' xi ftit nifisha. B'danakollu, il-kulleġġ hi kienet tiġi l-ewwel fil-ġinnastika u kellha nifs biex tbigħ. Kien ilu li għadda daqshekk dak iż-żmien? Ħamsa u għoxrin sena. X'inhuma ħamsa u għoxrin sena ladarba kien qisu lbieraħ qed ittella' u tniżżel tibqax libera jew tiżżewweġx, qisu lbieraħ ukoll qed taħseb bi dwejjaq kbar fuqha f'dak il-jum li fih, forsi, għad tixjieħ weħidha. Hi ma kenitx weħidha, u dak l-istudent tal-liġi li ma ried jitlaqha b'xejn issa kien jinsab maġenbha. Spiċċat biex aċċettatu, għalkemm kien xi ftit qsajjar u ma tantx ħadet grazzja la mad-daħka ħerqana u qasira tiegħu, lanqas ma' għajnejh suwed imqabbżin 'il barra żżejjed. Imma kien jogħġobha fih il-kuraġġ li bih kien jiffaċċja l-ħajja, li bħalu kellhom il-Franċiżi ta' dan il-pajjiż. Kienet togħġobha fih ukoll il-bixra ta' wieħed denbu bejn il-blata meta l-ġrajjiet, jew in-nies, ma jissodisfawx l-aspettattivi tiegħu. Fuq kollox kien jogħġobha l-fsied li ġġib magħha l-imħabba, u hu kien għamlilha kumplimenti bir-radam. Sforz kemm kien iġagħalha tħoss ta' spiss li hi teżisti għalih, kien iġagħalha teżisti tabilħaqq. Le, ma kenitx weħidha hi ... .

Ix-xarabank, tpaqpaq bil-kbir, fethet passaġġ qalb ostakli inviżibbli. Ġewwa l-karozza b'danakollu, ħadd ma tniffes. F'salt wieħed Janine ħasset għajnejn xi ħadd fuqha u daret lejn il-maqgħad ta' biswitha, in-naħa l-oħra tal-passaġġ. Dan ma kienx Għarbi u stagħġbet kif ma kenitx innutatu fil-mument tat-tluq. Kien liebes l-uniformi tar-riġmenti Franċiżi tas-Saħara b'beritta-kepì tal-għażel jagħti fl-ismar fuq wiċċu sewdien jixbah dak ta' ġakall, tawwali u għall-ponta. Kien qiegħed jeżaminaha b'għajnejh ċari, b'dik id-daqqa t'għajn biċ-ċiera, iħares ċass lejha. Ħmaret f'daqqa waħda u daret lura lejn żewġha li kien għadu qed jgħarrex quddiemu minn ġoċ-ċpar u r-riħ. Tgezzet fil-kowt tagħha. Iżda baqgħet iġġib lis-suldat Franċiż quddiem għajnejha, twil u rqiq, irqiq issemmix, bil-ġakketta ssikkata sew miegħu tant li jagħti dehra ta' xi ħadd magħmul minn materjal niexef u jitfarrak, taħlita ta' ramel u għadam. Kien f'dak il-waqt li rat l-idejn magħlubin u l-wiċċ maħruq ta' l-Għarab li kienu quddiemha. U ntebħet kemm dehru li kellhom fejn joqogħdu fil-wisa', minkejja l-abbundanza ta' ħwejjiġhom, fuq l-imqagħad, fejn żewġha u hi bilkemm kemm setgħu joqogħdu. Madanakollu hi ma kenitx daqshekk ħoxna, pjuttost twila u mimlija, mibruma u għadha ssaħħar għal warajha s'issa – kif setgħet tinduna sew mill-ħars li kienu jagħtuha l-irġiel – bil-wiċċ xi ftit tfuli li kellha, b'għajnejha friski u jixegħlu, ma jaqblu xejn ma' dak il-kobor ta' ġisem li hi kienet taf kemm kien sħun u ta' serħ.

Le, xejn m'għadda minn għaliha bħalma kienet ħasbet hi. Meta Marcel kien għamel f'rasu li jeħodha miegħu waqt li hu jżur post wara l-ieħor fuq xogħol, hi gergret u ma reditx. Kien ilu ħafna jaħseb fuq dan il-vjaġġ, eżattament minn tmiem il-gwerra, fi żmien meta n-negozju kien reġa' lura għan-normal. Qabel il-gwerra, il-ħanut żgħir tad-drappijiet li kien għadda għandu mingħand il-ġenituri tiegħu, meta ma kompliex jistudja l-liġi, kien jippermettilhom iġaħġħuha sew mhux ħażin. Mal-kosta, is-snin taż-żgħożija tista' tgħaddihom fil-hena. Iżda hu ma kienx iħobb jeżerċita ruħu ħafna u ma damx wisq ma waqaf joħodha sal-baħar fuq ix-xtajtiet. Il-karozza ċkejkna li kellhom ma kenitx toħroġhom mill-belt ħlief għall-ġirja ta' nhar ta' Ħadd. Il-bqija kien aktar jogħġbu jqatta' l-ħin ġol-ħanut qalb id-drappijiet ta' kull lewn, għad-dell ta' l-arkati ta' dak id-distrett nofsu indiġenu, nofsu Ewropew. Fuq il-ħanut, kienu joqogħdu ġo tliet kmamar iddekorati b'purtieri kbar Għarbin u mgħammra stil Barbès. Kienu baqgħu bla tfal. Is-snin gerrbu, fl-għabex li daħlu fih, wara persjani mbexxqin. Is-sajf, ix-xtajtiet, il-mixjiet, saħansitra s-sema kienu 'l bogħod. Xejn ma kien jidher jinteressah lil Marcel ħlief in-negozju. Hi ħasset li kienet kixfet il-vera passjoni tiegħu, il-flus, u bla ma taf wisq għaliex ħaġa

bħal din m'għoġbithiex. Wara kollox hi kienet tmur minn fuq. Hu ma kienx xħiħ, bil-maqlub, ġeneruż, l-iżjed magħha. "Li kellu jiġrili xi ħaġa," kien jgħidilha, "ikun hemm x'jilqagħlek." U hekk hu tabilħaqq, wieħed jeħtieġlu jilqa' bil-quddiem għal meta jiġi bżonn. Iżda mill-banda l-oħra, fejn ser issib l-irpar biex tilqa' għal dak li m'għandux x'jaqsam mal-għejxien? Kien dan li minn żmien għal żmien kienet tħoss b'mod konfuż iberren ġo fiha. Hi frattant kienet tgħin lil Marcel billi żżommlu l-kotba u xi drabi toqgħod fil-ħanut floku. L-agħar fis-sajf għax is-sħana kienet toqtol saħansitra s-sensazzjoni ħelwa ta' kibi.

F'salt wieħed, preċiżament fil-qalba tas-sajf, il-gwerra, Marcel bil-lieva, imbagħad mibgħut lura d-dar minħabba raġunijiet ta' saħħa, skarsezza ta' drappijiet, negozju wieqaf, it-toroq baħħ u jikwu. Li kellu jinqala' xi ħaġa, minn issa 'l quddiem, ma kienx ikollha aktar x'jagħmel tajjeb. U dan hu għaliex malli reġgħu tfaċċaw id-drappijiet fis-suq, Marcel kien għamel ħsieb li jasal wasla sal-villaġġi tal-pjanuri fin-naħa ta' fuq u t'isfel biex ma jkollux għalfejn jagħmel użu mis-servizzi tas-sensara u jbigħ direttament hu lill-merkanti Għarab. Kien qatagħha li jeħodha miegħu. Hi kienet taf li l-mezzi tat-trasport kienu diffiċli, kien jaqbadha l-qtugħ tan-nifs, u kienet tippreferi toqgħod id-dar tistennieh. Iżda hu kellu rasu iebsa u aċċettat għax kien jinħtiġilha wisq enerġija biex tirrifjuta. Issa hemm kienu u tabilħaqq xejn ma kien jixbah dak li kienet stħajlet hi. Kienet beżgħet mis-sħana, mill-qtajja' ta' dbieben, mil-lukandi nkallati, mimlijin irwejjeħ ta' maskta. Ma kenitx ħasbet fil-kesħa, fir-riħ ixoqq l-għadam, f'dawn il-pjanuri semi-polari, miżgħudin bin-naqal. Kienet ħolmot ukoll b'siġar tal-palm u ramel artab. Hija rat f'dan il-mument li d-deżert ma kienx hekk, iżda ġebel biss, ġebel kullimkien, fis-sema fejn kien għadu jsaltan waħdu, it-trab tal-ġebel kiesaħ u jqarmeċ, kif ukoll fl-art fejn ħlief żarkus niexef ma kien jikber xejn qalb il-ġebel.

Ix-xarabank waqfet ħesrem. Ix-xufier lissen ma' l-erbat irjieħ xi ftit kliem f'dak l-ilsien li kienet qattgħet ħajjitha kollha tisma' bla qatt ma fehmet. "X'qed jiġri?" staqsa Marcel. Ix-xufier, din id-darba bil-Franċiż, qal li r-ramel bilfors kien sadd il-karburatur, u hawn Marcel seħet dan il-pajjiż mill-ġdid. Ix-xufier kixef xedaq snien bid-daħk u sostna li ma kien ġara xejn gravi, li kien ser inaddaf il-karburatur imbagħad wara jkomplu sejrin fi triqithom. Fetaħ il-bieba, ir-riħ kiesaħ inbala' ġol-karozza u minnufih tertqilhom wiċċhom b'elf ramla. L-Għarab kollha għoddsu mneħirhom ġol-braneż tagħhom u tgezzu tajjeb. "Agħlaq dik il-bieba," inkorla u għajjat Marcel. Ix-xufier ġie lura lejn il-bieba jidħak. Bil-lajma kollha, ħa xi għodod minn taħt id-daxxbord, imbagħad, imċekken fiċ-ċpar, reġa' għeb fuq quddiem mingħajr ma għalaq il-bieba. Marcel

tniehed. "Oqgħod żgura li qatt ma ra magna ta' vettura f'ħajtu." "Aqtagħha!" qalet Janine. F'daqqa waħda ħassitha tinqata' minn ġewwa. Weqfin soptu fuq munzelli ta' terrapien mal-ġenb tat-triq, viċin ħafna tax-xarabank, dehru suriet ta' nies imgeżwrin minn fuq s'isfel. Taħt il-kappun tal-braneż, u wara ħajt dobblu ta' velijiet, kienu jidhru biss għajnejhom. Muti, min jaf minn fejn inqalgħu, kienu qed iħarsu lejn il-vjaġġaturi. "Rgħajja," qal Marcel.

Ġewwa l-karozza, is-skiet kont taqtgħu b'sikkina. Il-passiġġieri kollha, rashom baxxuta, kienu qishom qed jisimgħu leħen ir-riħ, imħolli fil-libertà jiġġerra fuq dawk il-pjanuri ma jispiċċaw qatt. F'daqqa waħda, lil Janine laqatha n-nuqqas tista' tgħid sħiħ ta' bagalji. Fit-terminus tal-ferrovija, ix-xufier talla' fuq is-saqaf il-bagoll tagħhom u xi ftit soror. Fuq ġewwa tax-xarabank, fuq l-ixkafef għall-bagalji, stajt tara biss bsaten kollhom għoqod u basktijiet tal-qasab iċċattjati. Dawn in-nies tan-Nofsinhar, milli jidher, kienu jivvjaġġaw kollha b'idejhom vojta.

Iżda x-xufier kien reġa' lura, fuq tiegħu daqs qabel. Għajnejh biss kienu jidhru daħkana, 'il fuq mill-velijiet li kien għatta wiċċu bihom huwa wkoll. Ħabbar li kienu ser jitilqu. Għalaq il-bieba, waqaf ir-riħ, u x-xita ta' ramel fuq il-ħġieġ setgħet tinstema' aħjar. Il-magna sogħlot imbagħad intfiet. Imleħħa għal ħin twil bid-dawrien taċ-ċavetta, sa fl-aħħar qabdet u x-xufier irrevvjaha billi qagħad itella' u jniżżel siequ fuq il-gass. F'dagħdigħa ta' sulluzzu, ix-xarabank reġgħet qabdet triqitha. Minn qalb il-massa mċerċra tar-rgħajja, għadhom weqfin, telgħet id li mbagħad għosfrot fiċ-ċpar ta' warajhom. Kważi minnufih il-vettura bdiet toqmos fit-triq li kienet saret agħar minn qabel. Maċ-ċaqliq l-Għarab bdew jixxenglu bla waqfien. Madanakollu Janine xorta ħassitha għajnha sejra biha x'ħin tfaċċat għal għarrieda quddiemha kaxxa ċkejkna safra mimlija mustardini tal-kaxù. Is-suldat-ġakall kien qiegħed jitbissimilha. Ħasbitha, ħadet u żżiet ħajr. Il-ġakall qiegħed il-kaxxa ġol-but u bela' t-tbissima tiegħu f'nifs wieħed. Dikment, qagħad iħares dritt quddiemu lejn it-triq. Janine daret lejn żewġha u ħlief il-kozz sod t'għonqu ma ratx. Kien qiegħed iħares minn ġol-ħġieġ lejn iċ-ċpar jisseffaq dejjem aktar huwa u tiela' 'l fuq mill-ibraġ ta' terrapien jitherrez bħallikieku xejn.

Kienu ilhom is-sigħat għaddejjin u l-għeja tfiet għal kollox il-ħajja ta' ġewwa l-karozza x'ħin instema' jidwi xi għajat minn barra. Xi tfal lebsin il-barnuża, iduru dawramejt, qishom ċippitati, kienu qed jaqbżu, iċapċpu jdejhom, u jiġru madwar ix-xarabank. Din kienet issa miexja ġo triq twila bid-djar baxxi fuq iż-żewġ naħiet. Kienu deħlin fl-oażi. Ir-riħ kien għadu jonfoħ iżda l-ħitan waqqfu l-frak irqiq tar-ramel milli jkompli jitfi d-dawl. Is-sema

xorta waħda baqa' msaħħab. Qalb l-għajat, it-twerżiq sfrenat ta' brejkijiet, ix-xarabank waqfet quddiem l-arkati taflin ta' lukanda bil-ħġieġ maħmuġ. Janine niżlet u fit-triq ħassitha ser taqa' u ma taqax. Lemħet 'il fuq mid-djar minarett graċli ta' lewn safrani. Fuq ix-xellug tagħha, diġà feġġew l-ewwel siġar tal-palm ta' l-oażi u xtaqet kieku timxi lejhom. Imma għalkemm kien għoddu sar nofsinhar, kien hemm ksieħ ixoqq l-għadam, ir-riħ ġagħalha tirtogħod. Daret lejn Marcel, u l-ewwel ma rat kien is-suldat miexi fid-direzzjoni tagħha. Stennietu jitbissmilha jew isellmilha. Baqa' għaddej bla ma ħares lejha u għeb. Inkwantu għal Marcel, hu kien imħabbat jara kif ser jitniżżel il-bagoll tal-landa sewda bid-drappijiet ġo fih imperreċ fuq is-saqaf tax-xarabank. Ma kenitx ser tkun ħaġa faċli. Ix-xufier kien waħdu biex jieħu ħsieb il-bagalji u ma damx ma waqaf, bilwieqfa fuq is-saqaf, biex joqgħod iħambaq quddiem iċ-ċirku ta' braneż miġburin quddiem ix-xarabank. Janine, imdawra b'uċuħ qishom għadma u ġilda, assedjata b'għajat gutturali, ħasset l-għeja li kellha fuqha f'daqqa waħda. "Jien sejra," qalet lil Marcel li kien qed jitlef sabru huwa u jsejjaħ lix-xufier.

Daħlet fil-lukanda. Is-sid, Franċiż xipli u ta' ftit kliem, ġie jilqagħha. Tellagħha fl-ewwel sular, f'passaġġ bil-loġoġ jagħtu għal fuq it-triq, ġewwa kamra fejn deher li kien hemm biss sodda tal-ħadid, siġġu miżbugħ b'żebgħa tal-verniċ bajda, virga għad-dendil tal-ħwejjeġ mingħajr purtieri quddiemha u, wara paraventu tal-qasab, trepied bi friskatur miksi bit-trab fin tar-ramel. X'ħin is-sid għalaq il-bieb, Janine ħasset il-ksieħ ġej mill-ħitan għerja u mbajda bil-ġir. Ma kenitx taf fejn taqbad tqiegħed il-basket ta' jdejha, jew toqgħod hi stess. Timtedd jew toqgħod bilwieqfa, xorta waħda tirżaħ. Baqgħet bilwieqfa, iżżomm il-basket f'idha, tiċċassa lejn speċi ta' rewwieħa fil-għoli qrib is-saqaf bis-sema jidher minn ġo fiha. Kienet qed tistenna bla ma taf tgħid xiex. Ħasset biss is-solitudni tagħha, u r-reżħa li kienet qed ixxoqqha, u piż itqal in-naħa tal-qalb. Fil-fatt kienet qed toħlom, kważi truxa għall-ħsejjes li kienu telgħin mit-triq mal-leħen jitbaqbaq ta' Marcel, aktar konxja għall-kuntrarju ta' dak il-ħoss ta' xmara għaddejja li kien qed jaslilha mir-rewwieħa u kien qed jitqanqal mir-riħ ivenven qalb is-siġar tal-palm, li issa tant dehrilha kienu viċin tagħha. Imbagħad ir-riħ deher jonfoħ id-doppju, il-ħoss ħlejju ta' l-ilmijiet inbidel f'tisfira ta' mewġ. Stħajlet, wara l-ħitan, baħar ta' siġar tal-palm itajru r-ragħwa fit-tempesta. Xejn ma kien jixbah dak li kienet stenniet, iżda dak il-mewġ inviżibbli ħassitu jiffriskalha għajnejha għajjenin. Baqgħet bilwieqfa, bla grazzja, dirgħajha mitluqin jixxenglu, daħarha xi ftit mgħawweġ, il-bard dejjem tiela' ma' riġlejha tqal. Kienet qed toħlom bis-siġar tal-palm dritti u jitbandlu u bit-tfajla li kienet dari.

Wara li ffriskaw, niżlu fil-kamra ta' l-ikel. Fuq il-ħitan għerja, tpinġew xi ġemel u siġar tal-palm, mgħarrqin f'kunfettura ta' lewn roża u vjola. It-twieqi bl-arkati bilkemm kien jidħol dawl minnhom. Marcel informa ruħu fuq il-bejjiegħa mingħand sid il-lukanda. Wara mar iservihom xwejjaħ Għarbi b'dekorazzjoni militari fuq il-ġakketta-kamzu li kien liebes. Marcel beda jinkwieta u l-ħobż tiegħu ġabu trietaq. Lil martu ma ħallihiex tixrob ilma. "Mhux mgħolli. Inbid ħu." Ma ħadetx gost, l-inbid kien ixaħxaħha. Imbagħad fil-menu kien hemm il-majjal. "Il-Koran ma jippermettihx. Iżda l-Koran ma kienx jaf li l-majjal imsajjar kif imiss ma jġibx mard. Ara aħna, nafu tajjeb kif insajruh, aħna. Fuqiex qed taħseb?" Janine ma kienet qed taħseb f'xejn, jew forsi fir-rebħa tal-koki fuq il-profeti. Iżda kellha tħaffef. Kienu ser jerġgħu jaqbdu t-triq l-għada filgħodu biex jinżlu dejjem aktar lejn in-Nofsinhar: kien jinħtiġilhom jiltaqgħu mal-bejjiegħa importanti kollha dakinhar stess wara nofsinhar. Marcel għaġġel lix-xwejjaħ Għarbi biex iġib il-kafè. Dan, bla ma tbissem, mejjel rasu b'sinjal ta' iva u ħareġ ifekren 'il barra. "Bil-lajma kollha filgħodu, bla ġiri xejn filgħaxija," qal Marcel bid-daħka. B'danakollu l-kafè fl-aħħar wasal. Bilkemm ħadu ħin bizzejjed biex jibilgħuh li ma ħarġux barra fit-triq mutraba u kiesħa. Marcel sejjaħ żagħżugħ Għarbi biex jgħinu jġorr il-bagoll, iżda bi prinċipju qagħad jillatika miegħu fuq il-ħlas. Fil-fatt, il-fehma tiegħu, kif fissirha għal darb'oħra lil Janine, kienet ibbażata fuq dak il-prinċipju xejn ċar li huma dejjem jitolbu d-doppju biex jingħataw il-kwart. Janine, skomda, kienet miexja wara ż-żewġ reffiegħa. Taħt il-kowt tqil li kellha fuqha kienet liebsa ħwejjeġ tas-suf, u xtaqet kieku kienet tokkupa anqas spazju. Il-majjal, għalkemm imsajjar sew, u l-ftit inbid li kienet xorbot, kienu qed jagħtuha fastidju wkoll.

Imxew tul ġnien pubbliku ċkejken b'siġar mimlijin trab imħawlin fih. Kienu ġejjin lejhom xi Għarab li warrbulhom mingħajr ma dehru qed jarawhom, huma u jitgeżwru fil-faldi tal-braneż tagħhom. Anki dawk li kellhom ilbieshom imlaqqat, dehru b'sens ta' kburija fuqhom li ma kenitx rat fl-Għarab ta' beltha. Janine imxiet wara l-bagoll li kien qed jiftaħ passaġġ qalb il-folla. Għaddew minn ġol-bieb ta' sur magħmul mit-tafal moħmi lewn l-okra, żbukkaw f'misraħ ċkejken bl-istess tip ta' siġar minerali mħawlin fih u mdawwar fit-tarf tal-parti l-aktar wiesgħa tiegħu bil-ħnejjiet u l-ħwienet. Iżda huma waqfu fil-misraħ proprju, quddiem naqra ta' binja f'għamla ta' granata, imbajda bil-ġir ikħal. Ġewwa, ġo kamra waħda, li tieħu d-dawl mill-bieb ta' barra biss, kien hemm bilwieqfa wara fallakka ta' l-injam ileqq, Għarbi xwejjaħ bil-mustaċċi bojod. Kien qiegħed iservi t-te, jgħolli u jbaxxi t-tettiera fuq tliet tazez żgħar ikkuluriti.

Qabel ma setgħu jagħrfu xi ħaġa oħra fil-penombra tal-ħanut, ir-riħa ħelwa u friska tat-te tan-nagħniegħ laqgħet lil Marcel u Janine fuq l-għatba tal-bieb. Lanqas laħaq rifes ġewwa u evita l-ingombru ta' girlandi b'taħlita ta' tettieri tal-landa, tazzi u gabarrejiet qalb dwiewer ta' kartolini, li Marcel ma sabx ruħu wiċċ imb' wiċċ mal-bankun. Janine baqgħet fil-bieb. Iġġennbet daqsxejn biex ma toqgħodx fid-dawl u ddallam. F'dak il-waqt, fil-penombra wara x-xwejjaħ bejjiegħ, lemħet żewġ Għarab li kienu qed iħarsu lejhom bid-daħka, bilqiegħda fuq l-ixkejjer imballati li bihom kien mimli n-naħa ta' wara kollu tal-ħanut. Twapet ħomor u suwed, xalpi rrakkmati kienu mdendlin tul il-ħitan, basktijiet u kaxex mimlijin żrieragħ aromatiċi kienu qed jingombraw il-passaġġ. Fuq il-bankun, madwar miżien bil-kefef tar-ram ileqqu u jarda qadima bil-marki tal-kejl imħassrin, kien hemm maġenb xulxin konijiet sħaħ ta' zokkor b'wieħed minnhom imnażża' mill-fsieqi tal-karti koħol u ħoxnin li kien imgeżwer fihom u diġà minsus minn fuq. Ir-riħa ta' suf u ħwawar miexja ma' l-arja ta' ġol-kamra ħarġet fil-beraħ minn taħt il-fwieħa tat-te x'ħin ix-xwejjaħ bejjiegħ qiegħed it-tettiera fuq il-bankun u qal bonġu.

Marcel tkellem jgħaġġel b'dik il-vuċi baxxa tas-soltu meta jkun qiegħed jittratta biċċa negozju. Imbagħad fetaħ il-bagoll, wera d-drappijiet u l-imleffijiet, imbotta l-miżien u l-jarda biex jifrex il-merkanzija quddiem ix-xwejjaħ bejjiegħ. Beda jeċċita ruħu, jgħolli l-vuċi, jidħak bla kont, qisu mara li trid tingħoġob u mhix żgura minnha nfisha. Issa, b'idejh miftuħin beraħ, għamel ġesti li jfissru bejgħ u xiri. Ix-xiħ xengel rasu, għadda l-gabarrè bit-te liż-żewġ Għarab ta' warajh u qal xi erba' kelmiet biss li dehru qatgħulu qalbu lil Marcel. Dan ġabar id-drappijiet, sarrhom ġol-bagoll, imbagħad mesaħ minn fuq ġbinu għaraq li ma setax kellu tabilħaqq. Sejjaħ lir-reffiegħ qsajjar u reġgħu qabdu triqthom lejn l-arkati. Fl-ewwel ħanut, għad illi l-bejjiegħ għall-ewwel ġab ruħu bl-istess manjieri maestużi ħarġu xi ftit aktar henjin. "Jistħajluhom il-ħanin Alla," qal Marcel, "imma jbigħu huma wkoll iridu! Il-ħajja iebsa għal kulħadd."

Janine imxiet warajh bla ma wieġbet. Ir-riħ kważi waqaf għal kollox. Is-sema beda jiftaħ u bdew jinkixfu xi rqajja' minnu. Dawl qawwi u kiesaħ kien ħiereġ mill-bjar koħol li ttaqqbu fil-ħxuna tas-sħab. Issa kienu telqu mill-misraħ. Imxew fit-toroq ċkejknin, tul il-ħitan taċ-ċaqquf li fuqhom kien hemm jitbandlu għal isfel il-ward mherrija ta' Diċembru jew, 'l hemm u 'l hawn, xi rummiena niexfa u mdewda. Ir-riħa tat-trab ma' l-aroma tal-kafè, id-duħħan taz-zkuk jinħaraq, l-irwejjaħ tal-ġebla, tal-muntun, xterdu ma' l-inħawi. Il-ħwienet, imħaffrin ġewwa partijiet mill-ħitan, kienu 'l bogħod minn xulxin.

Janine ħasset riġlejha jitqalu. Iżda żewġha bil-mod il-mod kien qed jerġa' jiġi f'tiegħu, beda jbigħ u jsir aktar minn tagħna wkoll; sejjaħ lil Janine "ċkejkna," il-vjaġġ ma kienx ser ikun għalxejn. "Dażgur," qalet Janine, "aktar jaqbel tiftiehem magħhom direttament."

Ġew lura minn triq oħra, lejn iċ-ċentru. Il-ħin wara nofsinhar kien dieħel ġmielu, is-sema issa kien tista' tgħid mikxuf. Waqfu fil-misraħ. Marcel għorok idejh u qagħad iħares lejn il-bagoll ta' quddiemhom b'għaxqa. "Ħares," qalet Janine. Mit-tarf l-ieħor tal-misraħ kien ġej Għarbi twil, irqiq, f'saħħtu, liebes barnuż lewn l-ikħal tas-sema, stivali sofor u rotob, par ingwanti f'idejh, u wiċċu ajkulin u maħruq miżmum 'il fuq għad-dawl. Hlief għax-xexx li kien liebes forma ta' turban xejn ma kien hemm x'jiddistingwih mill-uffiċjali Franċiżi ta' l-Affarijiet Indiġeni li Janine kienet xi drabi togħxa warajhom. Baqa' ġej 'il quddiem, jimxi dritt lejhom, iżda taħsbu qiegħed iħares 'l hemm mill-grupp tagħhom, hu u jneħħi ngwanta minn idejh bil-mod. "Iva ħej," qal Marcel hu u jwaqqaf spallejh, "hawn hu wieħed minn dawk li jistħajluhom xi ġeneral." Iva hawnhekk ilkoll kellhom dik il-bixra ta' kburija, iżda dan t'hawn, tabilħaqq, kien qed jesaġera. Waqt li l-ispazju ta' madwarhom fil-misraħ kien vojt, hu baqa' miexi dritt għal fuq il-bagoll bla ma raħ, bla ma rahom. Imbagħad id-distanza ta' bejniethom naqset f'kemm ili ngħidlek u l-Għarbi wasal fuqhom, x'ħin Marcel qabad, f'salt wieħed, is-senduq mill-maqbad, u ġibdu lura. L-ieħor baqa' għaddej bla ma deher li lemaħ xejn, u bl-istess pass mexa dritt lejn is-swar. Janine ħarset lejn żewġha, kellu dehra ta' meta jkun imkagħbar. "Jidhirlhom jistgħu jagħmlu li jridu issa," qal. Janine ma wieġbet xejn. Iddiżgustat ruħha bl-arroganza stupida ta' dak l-Għarbi u ħakmuha d-dwejjaq f'salt wieħed. Riedet titlaq, ħasbet fl-appartament ċkejken tagħha. Il-ħsieb li tidħol lura l-lukanda, ġo dik il-kamra ffriżata, kien jimbuttaha. Fis ftakret li s-sid kien issuġġerielha titla' fuq il-bejt tal-forti mnejn wieħed kien iġib id-deżert taħtu. Qalet b'dan lil Marcel, kif ukoll li seta' jħalli l-bagoll fil-lukanda. Iżda hu kien għeja, ried jorqod ftit qabel il-pranzu. "Tgħidlix le," qaltlu Janine. Ħares lejha, attent f'salt wieħed. "Mela le, għażiża tiegħi," weġibha.

Stennietu fit-triq, quddiem il-lukanda. Il-ġemgħa ta' dawk lebsin l-abjad bdiet tiżdiet bil-bosta. Ma kontx tiltaqa' ma' mara waħda u Janine dehrilha li qatt qabel ma kienet rat daqshekk irġiel. B'danakollu ebda wieħed ma kien qed iħares lejha. Uħud minnhom, bla ma dehru li qed jarawha, dawru qajl qajl lejha dak il-wiċċ xipli u samrani li, f'għajnejha, kien jagħmilhom jixxiebhu lkoll, wiċċ is-suldat Franċiż ġewwa x-xarabank, dak ta' l-Għarbi liebes l-ingwanti,

wiċċ makakk u kburi fl-istess ħin. Dan hu l-wiċċ li kienu qed idawru lejn il-barranija, bla ma kienu qegħdin jarawha, imbagħad, ħfief u siekta, imxew madwarha wieqfa, bl-għekiesi ta' saqajha kulma jmur jintefħu. U s-sens ta' toqla li kellha, u l-bżonn tagħha li titlaq kienu qed jiżdiedu. "X'ġejt nagħmel?" Iżda Marcel kien diġà nieżel lura ħdejha.

Meta telgħu t-taraġ tal-forti, kienu l-ħamsa ta' wara nofsinhar. Ir-riħ kien waqaf għal kollox. Is-sema, ċar kollu kemm hu, issa kellu l-lewn ikħal tal-vinka. Il-kesħa, issa aktar xotta, kienet qed tniggżilhom ħaddejhom. F'nofs it-taraġ, xwejjaħ Għarbi, stirat mal-ħajt, staqsiehom jekk ridux min idawwarhom mingħajr lanqas biss tħarrek, qisu kien diġà ċert li ser jgħidulu le. It-taraġ kien għoli u wieqaf, minkejja l-ħafna pjani bil-qiegħa mballta. Aktar ma jitilgħu 'l fuq, aktar kien jinħoloq spazju fil-wisa' u telgħu f'firxa dejjem akbar ta' dawl, kiesaħ u mqajjar, fejn kull ħoss ta' l-oażi kien qed jaslilhom pur u ċar. L-arja mgħargħra fid-dawl dehret bħal qisha titriegħed madwarhom u żżid fit-tregħid aktar ma javvanzaw, bħallikieku fi triqthom kienu qed joħolqu mewġa ta' ħoss li minn fuq id-dawl kristall baqgħet sejra tinfirex. U fil-mument li fih waslu fuq il-bejt u ħarsithom intilfet f'daqqa lil hinn mis-siġar tal-palm, fuq ix-xefaq bla qies, Janine dehrilha li s-sema kollu kemm hu kien qed jidwi b'nota waħda, qasira u penetranti, li l-eki tagħha mlew bil-mod il-mod l-ispazju 'l fuq minnha, imbagħad siktu f'daqqa waħda biex ħallewha siekta quddiem il-beraħ bla bidu u bla tmiem.

Hekk hu li, qajl qajl, mexxiet ħarsitha mil-lvant sal-punent, mingħajr ma ltaqgħet ma' l-ebda ostaklu, it-tul kollu ta' liwja perfetta. Taħtha, il-bjut koħol u bojod tal-belt Għarbija kienu jirkbu 'l xulxin, imdemma bit-tbajja' ħomor nar tal-bżar aħmar jinxfu fix-xemx. Ma kont tara lil ħadd, imma mill-btieħi fuq ġewwa, kienu telgħin flimkien mal-fwar aromatiku ta' kafè nkaljat, ilħna daħkana jew tkarkir ta' saqajn li ma jiftihemx. Ftit aktar 'l hemm, il-masġar tas-siġar tal-palm, maqsum fi kwadri mhux indaqs fil-qies permezz ta' ħitan tat-tafal, kellu l-weraq ta' fuqnett iħaxwxu ma' xulxin taħt l-effett ta' riħ li ma baqax jinħass aktar fuq il-bejt fejn kienet hi. Terġa' aktar lura, u jibqa' sejjer sax-xefaq, kien jibda r-renju lewn l-okra u l-griż tal-ġebel, fejn l-ebda ħajja ma tidher. Mhux 'il bogħod wisq mill-oażi, viċin tax-xmara li, fil-punent, kienet iddur mal-masġar tas-siġar tal-palm, kont tilmaħ tined wisgħin ta' lewn iswed. Dawramejt, merħla dromedarji wieqfa soptu, jidhru daqs naqra f'dik id-distanza, ħolqot fuq wiċċ l-art griża s-sinjali skuri ta' kitba stramba li kien jinħtieġ tiġi ddeċifrata. 'Il fuq mid-deżert, is-skiet kien immens daqs l-ispazju.

Janine, b'ġisimha kollu jistrieħ mal-parapett, baqgħet muta hemm, bla ma

kellha l-ħila tinqala' minn ġol-beraħ li kien qed jinfetaħ quddiemha. Maġenbha, Marcel kien qiegħed jitnervez. Kien qed iħoss il-bard u ried jinżel. "Nixtieq naf hawn x'kien hawn x'tara?" Iżda hi ma setgħetx taqla' għajnejha minn fuq ix-xefaq. Hemm, aktar 'l isfel lejn in-nofsinhar ukoll, dik in-naħa fejn is-sema u l-art kienu jiltaqgħu f'linja pura, hemm isfel dehrilha f'salt wieħed, kien hemm xi ħaġa tistennieha li sa dakinhar ma kenitx taf biha għad li ma waqfitx milli tħoss in-nuqqas tagħha. Bil-ħin għaddej wara nofsinhar, id-dawl kien qed jixxaħxaħ ġmielu; minn kristallin sar likwidu. Fl-istess ħin, f'qalb ta' mara, miġjuba hemm biss b'kumbinazzjoni, bdiet tinħall bil-mod il-mod għoqda ssikkata sforz is-snin, id-drawwa u l-kibi. Ħarset lejn it-tined fejn kienu qegħdin ikkampjati n-nomadi. Lanqas biss kienet rathom in-nies li joqogħdu hemm, xejn ma kien jiċċaqlaq qalb it-tined suwed u b'danakollu, ma setgħetx tieqaf taħseb fihom, li sa dakinhar bilkemm kienet taf li jeżistu. Bla djar, maqtugħin mid-dinja, kien hemm minnhom ftit waħdiet jiġġerrew fuq it-territorju bla tarf mifrux quddiem għajnejha, u li ma kienx tabilħaqq għajr parti insinjifikanti minn spazju ferm akbar, li l-firxa tiegħu tqabbdek il-mejt tibqa' sejra sa ma jieqaf eluf ta' kilometri aktar 'l isfel lejn in-nofsinhar, hemm fejn l-ewwel xmara tgħallel sa fl-aħħar il-foresta. Minn dejjem, fuq l-art niexfa, immeximxa sal-għadma, ta' dan il-pajjiż bla qies, kien hemm xi ftit nies iterrqu bla waqfien, mingħajr ma kellhom xejn tagħhom iżda sefturi ta' ħadd, ħakkiema mgħakksin u ħielsa fuq saltna Għarbija. Janine ma kenitx taf tgħid il-għala dan il-ħsieb kien jimlieha b'diqa tant ħelwa u fil-fond, li kien itaqqlilha għajnejha u jagħlaqhomlha. Kienet taf biss li dik is-saltna kienet minn żmien żemżem imwiegħda lilha u li b'danakollu qatt ma kienet ser tkun tagħha, qatt aktar, jekk mhux forsi f'dak il-waqt għaddieni, x'ħin reġgħet fetħet għajnejha fuq sema wieqaf f'salt wieħed, u fuq l-imrieżaq ċassi ħerġin minnu, waqt li l-ilħna li kienu telgħin mill-belt Għarbija dment siktu. Dehrilha li d-dinja kienet għadha kemm waqfet ħesrem mid-dawrien tagħha u li ħadd, minn dak il-waqt 'il quddiem, ma kien ser jixjieħ aktar, lanqas ma kien ser imut. Minn issa, fl-inħawi kollha tad-dinja, il-ħajja ġiet sospiża, għajr ġewwa qalbha fejn fl-istess waqt, xi ħadd kien qiegħed jibki bil-għali u bil-għaġeb.

Iżda d-dawl beda jiċċaqlaq, ix-xemx, imtaffija u ma ssaħħanx, niżlet lejn il-punent li ħa lewn kemxejn roża, waqt li mewġa griża ffurmat ruħha lejn il-lvant, lesta biex tgħargħar bil-mod il-wesgħa ta' kobor bla qies. Nebaħ l-ewwel kelb, u l-għajta tiegħu fil-bogħod instemgħet tielgħa 'l fuq ma' l-arja, li issa kesħet ferm aktar. Janine indunat li snienha kienu qegħdin iċekċku. "Qed ninġazzaw," qal Marcel, "din bluha tiegħek. Ejja mmorru lura." Iżda hu

qabadha minn idha kif ġie ġie. Ġwejda soptu, inqalgħet minn mal-parapett u mxiet warajh. Ix-xwejjaħ Għarbi tat-taraġ ma tħarrikx u ħares lejhom neżlin lejn il-belt. Kienet miexja bla ma tara lil ħadd, daharha milwi b'għeja kbira li qabditha ħesrem, tkarkar ġisimha li l-piż tiegħu issa dehrilha ma tiflaħx għalih aktar. L-eżaltazzjoni tagħha kienet telqitha. Fil-preżent, ħassitha twila wisq, ħoxna żżejjed, kif ukoll bajda wisq għal din id-dinja li kienet għadha kemm daħlet ġo fiha. Daqsxejn ta' tifel jew tifla, ix-xbejba, ir-raġel niexef, il-ġakall li kien jagħmel kollox bil-moħbi kienu l-uniċi kreaturi li setgħu jisħqu dik l-art fis-skiet. X'kienet ser toqgħod tagħmel hemm minn issa 'l quddiem, jekk mhux iġġebbed sakemm għajnejha jmorru biha, sa ma tagħlaqhom għal dejjem?

Fil-fatt, kaxkret riġlejha sar-ristorant, miexja quddiem żewġha sieket ħesrem, jew jiftaħ fommu biex jgħid kemm kien għajjien waqt li hi stess kienet titqabad b'mod dgħajjef kontra riħ li ħassitu qed itellgħalha d-deni. Tkaxkret ukoll sas-sodda, fejn ġie jingħaqad magħha Marcel, u tefa minnufih id-dawl bla ma talab xejn minnha. Il-kamra kienet kiesħa silġ. Janine ħassitha tinħakem mill-kesħa fl-istess ħin li kien qed jiżdidilha sew id-deni. Kienet qed tieħu n-nifs bi tbatija, demmha jiġri fil-vini mingħajr ma jsaħħanha. Hasset bħal biża' jikber ġo fiha. Tqallbet waħda fis-sodda antika tal-ħadid u din erħilha żżaqżaq taħt il-piż tagħha. Le, hi ma reditx timrad. Żewġha diġà kien raqad, hi wkoll kien jiħtiġilha torqod, hekk kien hemm bżonn. Il-ħsejjes fgati tal-belt waslu s'għandha minn ġor-rewwieħa. Il-fonografi antiki tal-kafejiet Moreski kienu qed inaħanħu arji li għarfithom b'mod vag, u li kienu qed jaslulha ma' l-ilħna ta' ġemgħa bla ħeġġa. Kellha bżonn torqod. Iżda hi qagħdet tgħodd it-tined suwed; wara għotjien għajnejha kien hemm iġmla jirgħu bla ma jitħarrku; ġo fiha kienu jduru u jagħqdu dwejjaq liema bħalhom. Tabilħaqq, x'fettlilha tiġi hemm? Ma' din il-mistoqsija għajnha marret biha u raqdet.

Ma dametx wisq ma stenbħet. Madwarha s-skiet kont taqtgħu b'sikkina. Iżda fit-trufijiet tal-belt, klieb maħnuqa kienu qed jagħwu f'nofs ta' lejl ibhem. Triegħdet Janine. Reġgħet tqallbet bil-kontra, ħasset spallet żewġha iebsa tmiss ma' tagħha, u f'ħakka t'għajn, nofsha rieqda, tgezzet miegħu. B'xiber ngħas fuq għajnejha bla ma setgħet togħdos fl-irqad, iggranfat ma' dik l-ispalla b'kilba inkonxja, qisha l-kenn l-aktar żgur li kellha. Kienet qed tgedwed, iżda ebda ħoss ma ħareġ minn fommha. Tgedwed, iżda bilkemm kienet qed tifhem x'inhi tgħid hi stess. Kienet qed tħoss biss is-sħana ħierġa minn ġisem Marcel. Għal aktar minn għoxrin sena, ta' kull lejla, hekk, għas-sħana tiegħu, huma t-tnejn dejjem, saħansitra morda, saħansitra waqt vjaġġ,

bħal dan t'issa .... X'kienet ser toqgħod tagħmel wara kollox, waħidha d-dar? Tfal xejn! Mhux dan kien li jonqosha? Ma kenitx taf. Imxiet wara Marcel, dak kollu, hienja bil-ħsieb li xi ħadd kellu bżonnha. Lilha ma kien jagħtiha l-ebda pjaċir ieħor ħlief l-għarfien li kienet bżonjuża. Iħobbha ma kienx, m'hemmx dubju. L-imħabba, ukoll dik mimlija ħdura, m'għandhiex dak il-wiċċ laskri tiegħu. Iżda hi taf kif inhu wiċċu? Huma kienu jinħabbu fid-dlam, bla ma jaraw lil xulxin, billi jteftfu f'xulxin. Hemm xi forma oħra ta' mħabba għajr din tat-tniebri, imħabba li ssemma' leħenha bi ħrara fid-dawl tax-xemx? Ma kenitx taf, iżda kienet taf li Marcel kellu bżonnha u li hi kienet teħtieġ dan il-bżonn li kien iżommha ħajja lejl u nhar, speċjalment bil-lejl, kull lejl, meta hu ma kienx irid joqgħod waħdu, jixjieħ jew imut, b'dik il-bixra ta' wieħed rasu iebsa li kienet tagħraf xi mindaqqiet fuq uċuħ irġiel oħra, l-unika espressjoni komuni ta' dawk l-imġienen li jinħbew taħt is-sura t'għorrief, sakemm tagħtihom sfiċċa u ġġegħelhom jinxteħtu b'ruħhom u ġisimhom fuq ġisem ta' mara biex ġo fiha jidfnu, bla ebda ħajra vera, dak kollu li s-solitudni u l-lejl juruhom li hu tal-biża'.

Marcel tħarrek xi ftit qisu biex jitbiegħed minnha. Le, hu ma kienx iħobbha, kien biss jibża' minn dak li ma kienx hi, xejn aktar, u hi u hu kien messhom ilhom li nfirdu, u raqdu għal kollox waħidhom. Iżda min jista' jorqod waħdu għal dejjem? Xi ftit irġiel jagħmluh dan, dawk li l-vokazzjoni jew l-isfortuna qatgħethom mill-oħrajn u għalhekk ta' kull lejla, jorqdu sodda waħda mal-mewt. Ara Marcel, qatt ma kien ser jasal għal dan, speċjalment hu, tifel dgħajjef li ma jafx jieħu ħsieb tiegħu nnifsu, dejjem imwerwer mill-uġigħ, tista' tgħid it-tifel tagħha, li kellu bżonnha u saħansitra dak il-waqt stess ħarġitlu speċi ta' karba. Tgezzet ftit aktar miegħu, qiegħdet idejha fuq sidru. U, bejnha u bejn ruħha, sejħitlu bl-isem ħajjiemi li kienet tatu żmien ilu u li baqgħu jużaw bejniethom xi mindaqqiet iżda mingħajr ma jaħsbu x'kienu jkunu qed jgħidu.

Sejħitlu b'qalbha kollha. Hi wkoll, wara kollox, kellha bżonnu, bżonn saħħtu, il-maniji żgħar tiegħu, hija wkoll kienet tibża' li tmut. "Li kelli negħleb din il-biża', kont inkun hienja." Minnufih, ħakmitha diqa kbira. Inħallet minn ma' Marcel. Le, xejn ma kienet qed tegħleb, ma kenitx hienja, kienet ser tmut, tabilħaqq, mingħajr ma tinħeles. Qalbha kienet qed tuġagħha, kienet qed taqta' nifisha taħt il-piż enormi li kif dment skopriet kienet ilha ġġorr fuqha għoxrin sena, u issa kienet qed titqabad taħtu b'kemm kellha saħħa. Riedet tinħeles anki jekk Marcel, anki jekk l-oħrajn qatt ma nħelsu. Imqajma kif kienet, iddrittat bilqiegħda f'sodditha u waqqfet widnejha biex tisma' l-għajta li dehrilha kienet ġejja tassew mill-qrib. Iżda minn truf il-lejl, waslulha biss l-ilħna maħnuqa u

ma jaqtgħu xejn tal-klieb ta' l-oażi. Qam daqsxejn tar-riħ bilkemm jinħass li l-ilmijiet ħfief tiegħu semgħethom għaddejjin ġewwa l-masġar bis-siġar tal-palm. Kien ġej minn isfel, hemm fejn id-deżert u l-lejl issa kienu qed jitħabblu taħt sema ċass għal darb'oħra, fejn tieqaf il-ħajja, fejn ħadd aktar ma jixjieħ jew imut. Imbagħad nixfu l-ilmijiet tar-riħ u hi lanqas biss baqgħet żgura li kienet semgħet xi ħaġa, jekk mhux għajta mitfija li wara kollox setgħet issikket jew tagħtiha widen kull x'ħin ifettlilha, imma li qatt aktar ma kienet ser tifhem xi tfisser, jekk ma tweġibx għaliha minnufih. Minnufih, iva, talanqas fuq hekk ma kienx hemm dubju!

Qamet mis-sodda bil-mod u baqgħet maġenbha bla ma titħarrek, moħħha biss fuq nifs żewġha. Marcel kien rieqed. Sekonda wara, is-sħana tal-friex telqitha u ħakimha l-bard. Libset bil-mod, itteftef biex tfittex ħwejjiġha fid-dawl bati li mil-lampi tat-triq kien jgħaddi bejn il-persjani mal-ħajt tal-faċċata. Biż-żarbun f'idha, waslet maġenb il-bieb. Stenniet mument ieħor, fid-dlam, imbagħad fetħet bil-galbu. Il-lukkett żaqżaq u hi ssummat. Qalbha kienet qed tħabbat taħbit tal-ġenn. Waqqfet widnejha u, bis-skiet iqawwilha qalbha, dawret idha ftit ieħor. It-tidwira tal-lukkett ratha bla tmiem. Fetħet sa fl-aħħar, żgiċċat 'il barra, u għalqet il-bieb warajha bl-istess prekawzjonijiet. Imbagħad stenniet, b'ħaddha mwaħħal ma' l-injam. Sekonda wara setgħet tisma', fil-bogħod, lil Marcel jieħu n-nifs. Daret, laqgħet ġo wiċċha l-kurrent kiesaħ silġ tal-lejl u ġriet tul il-loġoġ madwar il-bitħa. Il-bieb tal-lukanda kien magħluq. Waqt li kienet qed iġġerri l-firroll, l-għassies ta' bil-lejl deher f'ras it-taraġ, wiċċu mgħajjeb, u kellimha bl-Għarbi. "Rieġa' ġejja," qalet Janine, u parpret 'il barra fid-dalma tal-lejl.

Girlandi ta' kwiekeb kienu neżlin mis-sema sewdien fuq id-djar u s-siġar tal-palm. Hi ġriet tul vjal ċkejken, issa baħħ, li kien jagħti għall-forti. Il-kesħa, li ma kellhiex għax titqabad aktar max-xemx, invadiet il-lejl; l-arja nġazzata kienet qed taħarqilha l-pulmuni. Iżda hija ġriet, titwerreċ, fid-dlam. Fil-quċċata tal-vjal, madanakollu, tfaċċaw xi dwal, li mbagħad niżlu jserrpu lejha. Waqfet, semgħet ħoss ta' ġwienaħ ta' insett u rat sa fl-aħħar, wara d-dwal jitqawwew dejjem aktar, braneż enormi rekbin fuq roti fraġli u jleqqu. Il-braneż għaddew iħokku magħha; tlitt idwal ħomor tfaċċaw għal għarrieda fid-dlam minn warajha u għebu minnufih. Reġgħet kompliet il-ġirja tagħha lejn il-forti. F'nofs it-taraġ, il-ħruq ta' l-arja fil-pulmuni tagħha sar tant qawwi li riedet tieqaf. Ġirja aħħarija xeħtitha bla ma taf kif fuq il-bejt, kontra l-parapett li issa kien qed jagħfas ma' żaqqha. Kienet qed tilheġ u kollox deher jiċċajpar quddiem għajnejha. Il-ġirja ma saħħnithiex, kienet għadha titriegħed minn fuq

s'isfel. Iżda l-arja kiesħa li kienet qed tibla' nifs f'nifs bil-għaġla ma damitx ma ġriet fiha b'mod li setgħet tieħu nifs regolari, u bdiet tinbet ftit tas-sħana qalb it-tkexkix tal-bard. Għajnejha nfetħu sa fl-aħħar fuq il-wesgħat ta' matul il-lejl.

L-ebda nifs, l-ebda ħoss, jekk mhux xi mindaqqiet iċ-ċaqċiq mitfi tal-ġebel li l-kesħa kienet qed tfarrak f'ramel, ma ġie jfixkel is-solitudni u s-skiet ta' madwar Janine. Sekonda wara, b'danakollu, dehrilha li s-sema ta' fuq rasha nqabad fi speċi ta' spirall kbir iqantar. Fil-meddiet tal-lejl niexef u kiesaħ, eluf ta' kwiekeb kienu qed jissawru bla heda u mrieżaq tas-silġ ileqqu, jinqatgħu, u minnufih jiżżerżqu ħelu ħelu lejn ix-xefaq. Janine ma setgħetx tinqala' mill-kontemplazzjoni ta' dak it-titjir 'l isfel għal riħhom ta' l-ilsna tan-nar. Qagħdet iddur magħhom u l-istess triq li mxiet hemm wieqfa kienet qed tgħaqqadha ftit ftit mal-qofol tal-jien tagħha, fejn issa kien hemm jitqabdu l-kesħa u x-xenqa. Quddiemha, il-kwiekeb kienu qed jaqgħu, waħda waħda, imbagħad jintfew qalb l-iġbla tad-deżert, u kull darba Janine kienet tinfetaħ ftit aktar għal-lejl. Kienet qed tieħu n-nifs, tinsa l-kesħa, il-piż tan-nies, il-ħajja tal-ġenn jew inkella magħtuba, id-diqa ta' qalb tkarkar f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja u l-mewt. Wara tant snin li fihom, hi u taħrab mill-biża', qagħdet tiġri bla skop bħal miġnuna, kienet waslet sa fl-aħħar biex tieqaf. Fl-istess ħin, dehrilha reġgħet sabet għeruqha, il-meraq tal-ħajja kien tiela' għal darb'oħra f'ġisimha li waqaf jitriegħed. B'żaqqha kollha tagħfas mal-parapett, immattra lejn is-sema miexi fuq rasha, hija qagħdet tistenna biss li t-tferfir ta' qalbha sa issa mikduda jgħaddilha huwa wkoll u jitnissel is-skiet ġewwa fiha. L-aħħar kwiekeb tal-ġlejjeb irħew l-għenieqed tagħhom ftit aktar 'l isfel fuq ix-xefaq tad-deżert, u ma tħarrkux aktar. Allura, bi ħlewwa li tgħaxxi, l-ilma tal-lejl beda jimlieha 'l Janine, għaraq il-kesħa, tela' bil-mod il-mod mill-għajn mudlama tal-jien tagħha u f'gelgul ma jaqta' xejn baqa' sejjer ifawwar ġewwa fommha, fgat bil-krib li kienet qed iżżomm ġo fiha. Sekonda wara, is-sema minn tarf sa tarf infirex fuqha, mimduda wiċċha 'l fuq, mal-qiegħa kiesħa ta' l-art.

X'ħin Janine daħlet lura, bl-istess prekawzjonijiet, Marcel kien għadu ma stenbaħx. Iżda tniehed x'ħin imteddet maġenbu u, ftit sekondi wara, qam bilqiegħda f'daqqa. Tkellem u hi ma fehmitx x'kien qed jgħid. Niżel mis-sodda, xegħel u d-dawl ħassitu bħal xi ħadd jilagħbilha daqqa ta' ħarta ġo wiċċha. Mexa jitbandal lejn il-friskatur u xorob kemm felaħ minn flixkun ilma minerali li kien hemm. Kien ser jidħol ħelu ħelu fil-friex x'ħin, b'irkobbtu fuq is-sodda, ħares lejha, mibluh. Hija kienet qed tibki biki tad-demm, bla ma setgħet titrażżan. "M'għandi xejn, għażiż tiegħi," qaltlu, "xejn m'għandi."

**Nota**

"Il-Mara Midinba" ta' Albert Camus hi l-ewwel minn sitt novelli miġbura taħt l-isem ta' *Turufnament u Saltna* (1957), titlu li jixħet dawl fuq l-ambivalenzi ta' l-esperjenzi li jgħaddu minnhom il-protagonisti għax ir-realtà m'għandhiex wiċċ wieħed – fuq naħa waħda tal-munita hemm is-sabiħ, fuq l-oħra hemm l-ikrah.

"Il-Mara Midinba" hi novella realista u simbolika fl-istess ħin. Fiha niltaqgħu ma' Janine, mara miżżewġa bla tfal u mxabbgħa sal-ponta ta' mneħirha bil-monotonija ta' ħajja li kienet qed tgħix fiha ma' żewġha Marcel, negozjant immatur u xi ftit jew wisq razzist.

Xarabank skomda għall-aħħar tbegħedhom mill-kosta Mediterranja fejn kienu joqogħdu u teħodhom 'il ġewwa fl-oażi ta' Laghouat qrib ħafna tad-deżert. Biss Janine li tkun qed tagħmel dak il-vjaġġ kontra qalbha, xejn ma tħossha komda f'dak l-ambjent purament Għarbi u bla dubju ta' xejn ostili għall-Ewropej. Biex tagħqad jitlgħalha d-deni. Ma jilħaqx jidħol il-lejl li ma tirtirax ġo kamritha fil-lukanda fejn ikunu alloġġjati.

Matul il-lejl iżda jiġri dak li l-qarrej bl-ebda mod ma jkun qed jistenna. Janine tgħaddi minn esperjenza ta' natura metafiżika. Ġibda misterjuża taqlagħha minn ġos-sodda u timbuttaha lejn fortizza li kienet żaret aktar qabel wara nofsinhar, biex issa mill-quċċata tagħha tinfetaħ beraħ għall-pjaċir li jnissel fiha d-deżert tas-Sahara; "[...] bi ħlewwa li tgħaxxi, l-ilma tal-lejl beda jimlieha 'l Janine, għaraq il-kesħa, tela' bil-mod il-mod mill-għajn mudlama tal-jien tagħha u f'gelgul ma jaqta' xejn baqa' sejjer ifawwar ġewwa fommha, fgat bil-krib li kienet qed iżżomm ġo fiha."

Wara esperjenza fuqana bħal din wieħed jistenna li Janine, issa rrikonċiljata ma' l-ambjent Għarbi, terġa' titwieled mill-ġdid. Xejn minn dan. Hija tmur lura fis-sodda maġenb żewġha u tinfaqa' tibki kemm tiflaħ bla ma tkun tista' tistejqer. Il-mument ta' estasi li gawdiet jista' jservi biss ta' skappatura, biex imbagħad terġa' lura għat-taqtigħa tal-ħajja ta' kuljum, armata "b'dak id-dawl mirbuħ"; għax hi wara kollox trid tibqa' fidila lejn familtha, fis-sens wiesa' tal-kelma. Inkella kif taqbad tispjega din l-ispeċi ta' *anticlimax*? Jista' jkun li Janine issir konxja bħalma kien Camus wkoll li l-adulterju jġiegħlek tħossok ħati għomrok kollu "quddiem dik jew dak li tkun ittradejt." Jew forsi għax kienet taf tajjeb li wara "l-adulterju" tagħha kien hemm tradiment ieħor, dak simboliku ta' bejn razza u oħra. L-enimma ta' Janine tixbah dik ta' l-awtur innifsu fil-konfront ta' l-Alġerini fil-ħamsinijiet. Fl-għeluq ta' l-esej "Lura Tipasa" (*Is-Sajf*, pp. 74-75) Camus jgħidilna li hu ma jixtieq qatt ikun traditur,

"la ta' wieħed u lanqas ta' l-oħrajn." Iżda mill-banda l-oħra jammetti li ma jistax jinfatam minn niesu u jsostni, "[...] amin ser inkun."

It-teknika użata f'din in-novella ma tantx għandna eżempji tagħha fil-letteratura Maltija. Camus jagħżel li jabbanduna l-forma "klassika" tan-novella-aneddotu. Fil-fatt, l-element aneddotali f' "Il-Mara Midinba" hu ridott għall-minimu possibbli (trama ta' xejn), bl-aspett temporali ridott ħafna wkoll (ġurnata u lejl biss), biex imbagħad aktar jagħfas fuq l-aspett psikiku (l-avventura interjuri li tgħaddi minnha Janine).

Camus tista' tgħid jieqaf fuq dqiqa mill-ħajja ta' din il-mara u jiżvolġi evokazzjoni waħda biss bl-irqaqat kollha li għandhom x'jaqsmu magħha. Il-fakra ta' ġrajjiet passati għandha influwenza minima ħafna fuq l-andament ta' l-esperjenza ġewwinija li tgħaddi minnha Janine. Hija l-banalità ta' ħajja li qed tgħix issa li bil-mod il-mod tirbaħ fuq kull kunsiderazzjoni oħra. Tara l-mod kif jgħixu n-nies tad-deżert u f'daqqa waħda tħossha tiċċarrat minn ġewwa bil-medjokrità tad-destin tagħha waqt li tilmaħ raġġ ta' "xi ħaġa oħra." Din hi d-dqiqa eċċezzjonali li tiswa fil-ħajja ta' bniedem għax taf il-ħolqien tagħha f'rivelazzjoni li twassal għall-għarfien tal-jien – mument uniku li diffiċli jerġa' jirrepeti ruħu: "[Janine] kienet taf biss li dik is-saltna kienet minn żmien żemżem imwiegħda lilha u li b'danakollu qatt ma kienet ser tkun tagħha, qatt aktar, jekk mhux forsi f'dak il-waqt għaddieni, x'ħin reġgħet fetħet għajnejha fuq sema wieqaf f'salt wieħed, u fuq l-imrieżaq ċassi ħerġin minnu, waqt li l-ilħna li kienu telgħin mill-belt Għarbija dment siktu. Dehrilha li d-dinja kienet għadha kemm waqfet ħesrem mid-dawrien tagħha u li ħadd, minn dak il-waqt 'il quddiem, ma kien ser jixjieħ aktar, lanqas ma kien ser imut." Hu għal din id-dqiqa li nkitbet "Il-Mara Midinba," għax ir-rivelazzjoni li tnisslet magħha taqsam lill-protagonista fi tnejn u tikkundannaha għal għomorha, għax fiha ġie rrivelat lilha li m'hemmx saltna mingħajr turufnament, m'hemmx fedeltà mingħajr tradiment, m'hemmx libertà mingħajr jasar.

Saħansitra t-tmiem ta' novella-dqiqa hu differenti minn dak ta' novella-aneddotu. Waqt li ta' l-aħħar għandha tmiem magħluq (b'xi sentenza-xokk, ngħidu aħna), ta' l-ewwel għandha tmiem miftuħ, bl-awtur iħalli perspettivi mdendlin, persunaġġi ma tafx fejn huma, fejn waslu, x'ser jagħmlu, u jobbliga lill-qarrej jistħajjel u jimla l-vojt hu biex jekk irid jaqta' x'ser jiġri fil-futur. Xejn anqas it-tmiem ta' "Il-Mara Midinba" meta Janine tidħol lura f'kamritha wara "l-adulterju" tagħha: "X'ħin Janine daħlet lura, bl-istess prekawzjonijiet, Marcel kien għadu ma stenbaħx. Iżda tniehed x'ħin imteddet maġenbu u, ftit sekondi wara, qam bilqiegħda f'daqqa. Tkellem u hi ma fehmitx x'kien qed

jgħid. Niżel mis-sodda, xegħel u d-dawl ħassitu bħal xi ħadd jilagħbilha daqqa ta' ħarta ġo wiċċha. Mexa jitbandal lejn il-friskatur u xorob kemm felaħ minn flixkun ilma minerali li kien hemm. Kien ser jidħol ħelu ħelu fil-friex x'ħin, b'irkobbtu fuq is-sodda, ħares lejha, mibluh. Hija kienet qed tibki biki taddemm, bla ma setgħet titrażżan. 'M'għandi xejn, għażiż tiegħi,' qaltlu, 'xejn m'għandi.'" – tmiem li ma jagħlaq xejn, anzi jiftaħ fuq kapitli oħra ta' rumanz sħiħ kieku l-awtur ried jirrepeti dak li għamel fil-każ ta' *Il-Waqgħa*, li oriġinarjament kellu jifforma parti mill-ġabra ta' novelli, *Turufnament u Saltna*.

# Silta mill-*Antigone* ta' Sofokle

maqluba għall-Malti minn Victor Xuereb

*Biex juri li sa tinbidel ix-xena, il-kittieb tad-drammi Griegi kien idaħħal KOR li jkanta u jiżfen waqt li jsemma' dan il-ġmiel ta' poeżiji lill-udjenza. Il-parti tal-KOR dejjem, naturalment, kien ikollha x'taqsam ma' l-iżvolġiment tat-traġedja.*

KOR

Għeġubijiet wisq kbar hawn f'din id-dinja,
'ma l-akbar wieħed fosthom huwa l-bniedem!
Jitla' fuq qoxra u ma' l-irjieħ ivenvnu
tarah jissara

bil-qlugħ imżaqqa jżiġġ minn bejn l-imwieġ!
Lill-Art li tmantni, sena wara l-oħra,
iniggeż fond bis-sikka tal-moħriet
misjuq miż-żwiemel.

Sar Hakem tal-ħolqien: t'għasafar fl-ajru,
ta' mrieħel kbar fuq l-art! Bix-xibka u l-froxxna
jaf jaqbad xħin irid kull ma jitħarrek
fuq l-art jew fl-ilma.

Bid-dehen ta' moħħu jegħleb lill-iljun;
id-driebes ta' fuq l-iġbla jaf jimmansa
u jaf iqiegħed madmad fuq il-għonq
ta' gendus fieres.

Tgħallem bil-kelma jfisser l-ifjen ħsieb;
tgħallem kif jgħix ġo belt, m'oħrajn, taħt Liġi;
tgħallem kif jibni saqaf fejn jistkenn
mix-xemx u x-xita.

Xejn ma jaħrablu mit-tħaddim ta' moħħu!
Jaf il-ġejjieni mill-imgħoddi jbassar,
sab duwa għall-mard! Mill-Mewt il-kiefra biss
ma sabx it-tarf.

X'qawwa għandu f'idu għall-ħażin u t-tajjeb!
Min jgħożż il-Liġi t'Alla u t'Art Twelidu,
kemm mill-allat u kemm ukoll minn niesu
jistħoqqlu ġieħ;

imma, min bih innifsu jrid jiddandan,
la qatt ma jkun ħabib l-allat dejjiema
u lanqas qatt bħala ħabib ma rridu
iħabbat biebi.

F'*Il-Malti* qed jintuża l-istil ta' dokumentazzjoni mfassal mill-MLA (*The Modern Language Association of America* – www.mla.org). Dawn huma wħud mill-karatteristiċi ewlenin tiegħu:

- kelmiet, frażijiet, u kwotazzjonijiet minn lingwi barranin għandhom jidhru bil-korsiv
- kwotazzjoni ta' aktar minn 40 kelma għandha tinqata' mill-paragrafi tat-test ewlieni u tidher f'paragrafu għalih, żewġ ċentimetri 'l ġewwa mill-marġni tax-xellug u b'font iżgħar mill-bqija tat-test (10 pt)
- il-kwotazzjonijiet jingħalqu bil-virgoletti doppji " "
- l-ismijiet ta' poeżiji, novelli u artikli jingħalqu bil-virgoletti doppji " "
- il-punteġġjatura (ngħidu aħna, virgola, punt u virgola, punt, punt interrogattiv, u punt esklamattiv) tidher fuq in-naħa ta' ġewwa tal-virgoletti doppji
- l-ismijiet ta' kotba, rumanzi u drammi jidhru bil-korsiv
- fil-*footnotes*, l-MLA tissuġġerixxi li ma jintużawx *ibid.* u *op. cit.*

Dawn huma eżempji tipiċi ta' l-ewwel referenza fil-*footnotes* għal testi stampati u elettroniċi:

Frantz Fanon, *The Wretched of the Earth* (London: Penguin, 1990) 190-199.

Peter Bonadella, and Julie Conaway Bonadella, ed., *Dictionary of Italian Literature* (Westport: Greenwood, 1979).

Sam Ukala, "Politics of Aesthetics," *African Theatre: Playwrights and Politics*, ed. Martin Banham, James Gibbs, Femi Osofisan (Oxford: James Currey, 2001) 30-31.

Patricia Monk, "Frankenstein's Daughters: The Problems of the Feminine Image in Science Fiction," *Mosaic* 13.3-4 (1980): 15-27.

*The THCME Medical Biochemistry Page*, ed. Michael W. King, 16 ta' Awwissu, 1999. Terre Haute Center for Medical Education, 24 ta' Awwissu, 1999 <http://web.indstate.edu/thcme/mwking/home.html>.

Referenzi għal testi li jkunu diġà ssemmew fil-*footnotes* iridu jkunu qosra. L-ewwel referenza:

Wolfgang Iser, *The Act of Reading – A Theory of Aesthetic Response* (Baltimore: The Johns Hopkins UP, 1978) 64.

Ir-referenza ta' wara:

Iser 61.

Jekk hemm referenzi għal testi oħra ta' Iser, it-tieni referenza u ta' warajha jsiru hekk:

Iser, *The Act of Reading* 61.

Hemm għadd ta' siti elettroniċi li jagħtu ħjiel ta' dan l-istil, fosthom: http://www.library.northwestern.edu/reference/instructional_services/electronic_handouts/MLA%20style%20guide.pdf. Hu importanti li l-kontributuri jsegwu kemm jistgħu dan l-istil.

# il-malti

RIVISTA TA' L-AKKADEMJA TAL-MALTI

Borg Paul P. Borg Lina Brockdorff Norbert Bugeja Joseph Buttigieg John Caruana Priscilla Cassar Victor Fenech Joe Friggieri Maria Grech Ganado Adrian Grima Henry Holland Simone Inguanez Daniel Massa Immanuel Mifsud Maurice Mifsud Bonnici Achille Mizzi Anna Pullicino Patrick Sammut Lillian Sciberras Lino Spiteri Victor Xuereb Trevor Żahra Marcel Zammit Marmarà Joe Zammit Tabona



*Awaiting the Resurrection*
*mixed media* fuq tila, 60 x 80cm
Mark Sagona

Toni **Aquilina** Josette **Attard** Clare **Azzopardi** Rena **Balzan** Charles **Bezzina** Ġorġ **Borg** Paul P. **Borg** Lina **Brockdorff** Norbert **Bugeja** Joseph **Buttigieg** John **Caruana** Priscilla **Cassar** Victor **Fenech** Joe **Friggieri** Maria **Grech Ganado** Adrian **Grima** Henry **Holland** Simone **Inguanez** Daniel **Massa** Immanuel **Mifsud** Maurice **Mifsud Bonnici** Achille **Mizzi** Anna **Pullicino** Patrick **Sammut** Lillian **Sciberras** Lino **Spiteri** Victor **Xuereb** Trevor **Żahra** Marcel **Zammit Marmarà** Joe **Zammit Tabona**

Toni Aquilina Josette Attard Clare Azzopardi Rena Balzan Charles Bezzina Ġorġ Borg Paul P. Borg Lina Brockdorff Norbert Bugeja Joseph Buttigieg John Caruana Priscilla Cassar Victor Fenech Joe Friggieri Maria Grech Ganado Adrian Grima Henry Holland Simone Inguanez Daniel Massa Immanuel Mifsud Maurice Mifsud Bonnici Achille Mizzi Anna Pullicino Patrick Sammut Lillian Sciberras Lino Spiteri Victor Xuereb Trevor

SAPIENZAS
Lm 3.95c

ISBN 99932-7-053-9
9 789993 270539

**klabb kotba maltin**
L-AKKADEMJA TAL-MALTI